

Brussell, 17 ta' Frar 2026
(OR. en)

14144/1/25
REV 1

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0344(COD)

ENV 1039
CLIMA 445
AGRI 499
FORETS 89
ENER 534
TRANS 474
CODEC 1560
PARLNAT

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: Pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL i temenda d-Direttiva 2000/60/KE li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma, id-Direttiva 2006/118/KE dwar il-protezzjoni tal-ilma ta' taħt l-art kontra t-tniġġis u d-deterjorament u d-Direttiva 2008/105/KE dwar standards ta' kwalità ambjentali fil-qasam tal-politika tal-ilma
– Adottata mill-Kunsill fis-17 ta' Frar 2026

DIRETTIVA (UE) .../...
TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

ta' ...

**li temenda d-Direttiva 2000/60/KE li tistabilixxi qafas
għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma,
id-Direttiva 2006/118/KE dwar il-protezzjoni tal-ilma ta' taħt l-art
kontra t-tniġġis u d-deterjorament
u d-Direttiva 2008/105/KE dwar standards ta' kwalità ambjentali
fil-qasam tal-politika tal-ilma**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u, b'mod partikolari, l-Artikolu 192(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew¹,

Wara li kkonsultaw il-Kumitat tar-Reġjuni,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja²,

¹ Opinjoni tat-22 ta' Frar 2023 (ĠU C 146, 27.4.2023, p. 41).

² Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' April 2024 [(ĠU ...)/(għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali)] u l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari tas 17 ta' Frar 2026 [(ĠU ...)/(għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali)]. Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew ta' ... [(ĠU ...)/(għadha ġietx ippubblikata fil-l-Ġurnal Uffiċjali)] u [d-deċiżjoni tal-Kunsill ta'

Billi:

- (1) Fit-28 ta' Lulju 2010, l-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti rrikonoxxiet id-drittijiet għall-ilma tax-xorb sikur u nadif u għas-sanità bħala dritt tal-bniedem li huwa essenzjali għat-tgawdija sħiħa tal-ħajja u tad-drittijiet kollha tal-bniedem. Sabiex dak id-dritt jiġi realizzat kompletament fl-Unjoni, jenħtieġ li l-Istati Membri jtejbu l-aċċess għall-ilma nadif u s-sanità, b'mod partikolari billi titjieb il-kwalità kemm tal-ilma tal-wiċċ kif ukoll l-ilma ta' taħt l-art użati għall-estrazzjoni tal-ilma tax-xorb billi jimplimentaw id-Direttiva 2000/60/KE³, u permezz tal-implimentazzjoni effettiva tad-Direttivi (UE) 2020/2184⁴ u (UE) 2024/3019⁵ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.
- (2) It-tniġġis kimiku tal-ilma tal-wiċċ u tal-ilma ta' taħt l-art joħloq theddida għall-ambjent akkwatiku, b'effetti bħal tossiċità akuta u kronika f'organiżmi akkwatiċi, akkumulazzjoni ta' sustanzi niġġiesa fl-ekosistema u telf tal-habitats u tal-bijodiversità, kif ukoll theddida għas-saħħa tal-bniedem. L-istabbiliment ta' standards ta' kwalità ambjentali jgħin sabiex tiġi implimentata l-ambizzjoni ta' tniġġis zero għal ambjent ħieles mis-sustanzi tossiċi.

³ Id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma (ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2000/60/oj>).

⁴ Id-Direttiva (UE) 2020/2184 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar il-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem (ĠU L 435, 23.12.2020, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2020/2184/oj>).

⁵ Id-Direttiva (UE) 2024/3019 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2024 dwar it-trattament tal-ilma mormi urban (ĠU L, 2024/3019, 12.12.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2024/3019/oj>).

- (3) Skont ir-rapport tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent bit-titolu "Europe's state of water 2024" (L-istat tal-ilma tal-Ewropa, 2024), fl-2021 l-Istati Membri rrapportaw li madwar 90 % tal-erja tal-korpi tal-ilma ta' taħt l-art kienet fi stat kwantitattiv tajjeb, u madwar 75 % kienet fi stat kimiku tajjeb, filwaqt li 40 % tal-korpi tal-ilma tal-wiċċ kienu fi stat ekoloġiku tajjeb jew tajjeb ħafna, u 38 % fi stat kimiku tajjeb. Kif deskritt fis-Seba' Rapport ta' Implimentazzjoni (2024), tal-Kummissjoni, li jivvaluta t-tielet pjanijiet ta' mmaniġġjar tal-baċini tax-xmajjar, ir-raġunijiet għal dan huma diversi. Fir-rigward tal-istat kimiku, xi xejriet pożittivi jew huma moħbija minn kontaminazzjoni storika u mifruxa mill-merkurju u kontaminanti oħra li jinsabu kullimkien u huma bjoakkumulattivi u tossiċi inkella ngħataw inqas importanza minħabba sfidi emerġenti ġodda ta' tniġġis. Fir-rigward tal-istat ekoloġiku, kien hemm xi titjib f'ċerti elementi ta' kwalità bijoloġiċi. Madankollu, ix-xmajjar, il-lagi u l-ilmijiet kostali fl-Unjoni għadhom soġġetti għal pressjonijiet sinifikanti u, anke meta jittieħdu miżuri effettivi, il-progress jista' ma jkunx viżibbli fuq terminu qasir fir-risultati tal-monitoraġġ minħabba li n-natura teħtieġ żmien suffiċjenti biex tirkupra.

- (4) B'mod ġenerali, il-konklużjonijiet tal-Kontroll tal-Idoneità tal-2019 tad-Direttivi 2000/60/KE, 2006/118/KE⁶, 2007/60/KE⁷ u 2008/105/KE⁸ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (il-"Kontroll tal-Idoneità") jindikaw li dawk id-Direttivi huma ġeneralment adattati għall-iskop tagħhom, b'xi lok għal titjib. Il-konklużjonijiet jindikaw li dawk id-Direttivi s'issa ġeneralment wasslu għal livell ogħla ta' protezzjoni tal-korpi tal-ilma u ġestjoni aħjar tar-riskju ta' għargħar. Madankollu, huma jindikaw ukoll li bħalissa aktar minn nofs il-korpi tal-ilma Ewropej kollha huma soġġetti għal eżenzjonijiet skont id-Direttiva 2000/60/KE, li jindika li l-Istati Membri jiffaċċjaw sfida sostanzjali ħafna biex jilhqqu l-oġġettiv ta' stat tajjeb tal-ilma, u b'mod partikolari biex jikkonformaw mal-istandards tal-kwalità ambjentali (EQS) għas-sustanzi prijoritarji, sal-iskadenzi mogħtija. Barra minn hekk, il-Kontroll tal-Idoneità kkonkluda li l-progress bil-mod li sar fir-rigward tal-kisba tal-oġġettivi ta' dawk id-Direttivi jista', fost affarijiet oħra, jiġi attribwit lil implimentazzjoni bil-mod, parzjalment minħabba nuqqas ta' riżorsi finanzjarji suffiċjenti kif ukoll integrazzjoni insuffiċjenti tal-oġġettivi ambjentali fil-leġislazzjoni settorjali.

⁶ Id-Direttiva 2006/118/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar il-prevenzjoni u l-kontroll tat-tniġġis tal-ilma ta' taħt l-art (ĠU L 372, 27.12.2006, p. 19, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2006/118/oj>).

⁷ Id-Direttiva 2007/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2007 dwar il-valutazzjoni u l-immaniġġjar tar-riskji tal-għargħar (ĠU L 288, 6.11.2007, p. 27, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2007/60/oj>).

⁸ Id-Direttiva 2008/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar standards ta' kwalità ambjentali u l-prevenzjoni u l-kontroll tat-tniġġis tal-ilma tal-wiċċ, u li temenda u sussegwentement tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 82/176/KEE, 83/513/KEE, 84/156/KEE, 84/491/KEE, 86/280/KEE u li temenda d-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. (ĠU L 348, 24.12.2008, p. 84, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2008/105/oj>).

- (5) Kif irrappurtat fil-valutazzjoni tal-Kummissjoni tal-4 ta' Frar 2025 dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2000/60/KE bbażata fuq it-tielet edizzjoni tal-pjanijiet ta' maniġġjar tal-baċini tax-xmajjar tal-Istati Membri, ir-riżorsi tal-ilma tal-Unjoni għadhom taħt pressjoni kbira minħabba mmaniġġjar ħażin strutturali, użu mhux sostenibbli tal-art, bidliet idromorfoloġiċi, tniġġis, tibdil fil-klima, żieda fid-domanda għall-ilma u urbanizzazzjoni. Il-perssonijiet l-aktar sinifikanti fuq is-superfiċje tal-korpi tal-ilma fl-Istati Membri kollha li jirrapportaw huma, f'ordni dixxendenti tal-perċentwal tal-korpi tal-ilma affettwati: it-tniġġis mid-depożizzjoni atmosferika, il-bidliet idromorfoloġiċi li jirriżultaw mid-drenaġġ u l-irrigazzjoni għall-agrikoltura, l-enerġija idroelettrika, il-protezzjoni mill-ġhargħar, in-navigazzjoni jew il-provvista tal-ilma tax-xorb, u t-tniġġis mill-agrikoltura. Bl-istess mod, l-akbar perssonijiet fuq il-korpi tal-ilma ta' taħt l-art huma l-ewwel it-tniġġis agrikolu diffuż, pereżempju mill-użu ta' pestiċidi u fertilizzanti, u t-tieni, f'ordni dixxendenti, l-astrazzjoni għall-provvista pubblika tal-ilma, għall-agrikoltura, għall-użu industrijali u għal skopijiet oħra. L-indirizzar ta' dawk il-perssonijiet ikkombinati huwa essenzjali biex jiġu żgurati l-ġestjoni sostenibbli u l-protezzjoni tal-korpi tal-ilma. Dan jirrikjedi approċċi integrati li jippromwovu t-tnaqqis tat-tniġġis fis-sors u r-rimedju tat-tniġġis eżistenti, ir-restawr tal-ekosistemi, l-adozzjoni ta' teknoloġiji effiċjenti fl-użu tal-ilma, u l-implimentazzjoni ta' Prattiki sostenibbli fis-setturi kollha. L-Istati Membri jenħtieġ li jsaħħu l-koordinazzjoni bejn il-politiki tal-ilma u dawk settorjali biex inaqqsu l-impatti negattivi fuq ir-riżorsi tal-ilma u jappoġġaw il-kisba ta' stat ekoloġiku, kwantitattiv u kimiku tajjeb kif stabbilit fid-Direttiva 2000/60/KE.

- (6) Skont l-Artikolu 191(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), il-politika tal-Unjoni dwar l-ambjent għandha tkun ibbażata fuq il-prinċipju ta' prekawzjoni u fuq il-prinċipji li għandha tittieħed azzjoni preventiva, li l-ħsara ambjentali, bħala prijorità, għandha tiġi kkoreġuta fras il-għajn u li min iniġġes għandu jħallas.
- (7) Sabiex jinkiseb livell għoli ta' protezzjoni ambjentali u fl-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni ta' Tniġġis Żero stabbilit fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-12 ta' Mejju 2021 dwar il-"Perkors għal Pjaneta b'Saħħitha għal Kulħadd - Pjan ta' Azzjoni tal-UE: "Lejn Tniġġis Żero għall-Arja, għall-Ilma u għall-Ħamrija", jenħtieġ li l-Unjoni tqis id-diversità tas-sitwazzjonijiet fir-reġjuni differenti tal-Unjoni, l-impatt fuq is-sigurtà tal-ikel, il-produzzjoni tal-ikel u l-affordabbiltà tal-ikel, kif ukoll dieti tajbin għas-saħħa u sostenibbli.

- (8) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Diċembru 2019 dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew tistabbilixxi strateġija sabiex tiżgura, sal-2050, ekonomija newtrali għall-klima, nadifa u ċirkolari, waqt li tottimizza l-ġestjoni tar-riżorsi u fl-istess ħin timminimizza t-tniġġis. Il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-14 ta' Ottubru 2020 dwar l-Istrateġija dwar is-Sustanzi Kimiċi għas-Sostenibbiltà Lejn Ambjent Ħieles mit-Tossiċità" u l-Pjan ta' Azzjoni ta' Tniġġis Żero jindirizzaw speċifikament l-aspetti tat-tniġġis tal-Patt Ekoloġiku Ewropew. Politiki oħra partikolarment rilevanti u komplementari huma stabbiliti fil-komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni tas-16 ta' Jannar 2018 dwar Strateġija Ewropea għall-Plastiks f'Ekonomija Ċirkolari, tad-19 ta' Frar 2020 dwar Insawru l-futur diġitali tal-Ewropa, tad-19 ta' Frar 2020 dwar Strateġija Ewropea għad-data, tal-20 ta' Mejju 2020 dwar Strateġija Mill-Għalqa sal-Platt għal sistema tal-ikel ġusta, tajba għas-saħħa u favur l-ambjent, tal-20 ta' Mejju 2020 dwar l-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030 Inreġġgħu n-natura lura f'ħajjitna, tal-25 ta' Novembru 2020 dwar l-Istrateġija Farmaċewtika għall-Ewropa, tas-17 ta' Novembru 2021 dwar l-Istrateġija tal-UE dwar il-Ħamrija għall-2030 Ingawdu l-benefiċċji ta' ħamrija b'saħħitha għan-nies, l-ikel, in-natura u l-klima u tal-4 ta' Ġunju 2025 dwar l-Istrateġija Ewropea għar-Reżiljenza tal-Ilma.
- (9) L-oġġettivi li jinkiseb "stat tajjeb tal-korpi tal-ilma" u li tiġi żgurata d-disponibbiltà tal-ilma huma trasversali u spiss ma jiġux segwiti b'mod koerenti biżżejjed. Il-ġestjoni sostenibbli tal-ilma jenħtieġ li tiġi integrata fil-politiki kollha tal-Unjoni li jikkonċernaw setturi li jużaw l-ilma.

- (10) Id-Direttiva 2000/60/KE tistabbilixxi qafas għall-protezzjoni tal-ilmijiet tal-wiċċ interni, l-ilmijiet ta' tranżizzjoni, l-ilmijiet kostali u l-ilma ta' taħt l-art. Dak il-qafas jinvolti l-identifikazzjoni ta' sustanzi prijoritarji fost dawk li jgħolqu riskju sinifikanti għall-ambjent akkwatiku fil-livell tal-Unjoni jew permezz tiegħu. Id-Direttiva 2008/105/KE tistabbilixxi EQS għall-Unjoni kollha għall-45 sustanza prijoritarja qabel elenkati fl-Anness X tad-Direttiva 2000/60/KE u tmien sustanzi niġġiesa oħrajn li kienu diġà regolati fil-livell tal-Unjoni qabel ma ġie introdott dak l-Anness bid-Deċiżjoni Nru 2455/2001/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁹. Id-Direttiva 2006/118/KE tistabbilixxi standards ta' kwalità tal-ilma ta' taħt l-art għall-Unjoni kollha għan-nitrati u għas-sustanzi attivi fil-pestiċidi u kriterji għall-istabbiliment ta' valuri ta' limitu nazzjonali għal sustanzi oħrajn li jniġġsu l-ilma ta' taħt l-art. Tistabbilixxi wkoll lista minima ta' 12-il sustanza niġġiesa u indikaturi tat-tniġġiż li għalihom l-Istati Membri huma meħtieġa jikkunsidraw li jistabbilixxu tali valuri ta' limitu nazzjonali. L-istandards tal-kwalità tal-ilma ta' taħt l-art huma stabbiliti fl-Anness I tad-Direttiva 2006/118/KE.

⁹ Id-Deċiżjoni Nru 2455/2001/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Novembru 2001 li tistabbilixxi l-lista ta' sostanzi prijoritarji fil-qasam tal-politika tal-ilma u li temenda d-Direttiva 2000/60/KE (ĠU L 331, 15.12.2001, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2001/2455/oj>).

- (11) Jenħtieġ li jiġi żgurati li l-iskariki, l-emissjonijiet u t-telf ta' sustanzi prijoritarji perikolużi jieqfu jew jiġu eliminati gradwalment f'perjodu ta' żmien xieraq u, fi kwalunkwe każ, mhux aktar tard minn 20 sena wara li sustanza prijoritarja partikolari tiġi elenkata bħala perikoluża fil-Parti A, l-Anness I, tad-Direttiva 2008/105/KE. Jenħtieġ li dak il-perjodu ta' żmien japplika mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni ta' skedi ta' żmien aktar stretti fi kwalunkwe leġiżlazzjoni applikabbli oħra tal-Unjoni.
- (12) Is-sustanzi huma kkunsidrati għall-elenkar fil-Parti A tal-Anness I tad-Direttiva 2008/105/KE jew fl-Anness I jew fil-Parti B tal-Anness tad-Direttiva 2006/118/KE abbażi ta' valutazzjoni tar-riskju li joħlqu għall-bnedmin u għall-ambjent akkwatiku. Il-komponenti ewlenin ta' dik il-valutazzjoni huma l-għarfen tal-konċentrazzjonijiet ambjentali tas-sustanzi, inkluż l-informazzjoni miġbura mill-monitoraġġ tal-lista ta' sorveljanza, u tal-(eko)tossiċità tas-sustanzi, kif ukoll il-persistenza, il-bijoakkumulazzjoni, il-mobbiltà, il-karċinoġeniċità, il-mutaġeniċità, it-tossiċità riproduttiva u l-potenzjal ta' tfixkil endokrinali tagħhom.

- (13) Il-Kummissjoni wettqet rieżami tal-lista ta' sustanzi prijoritarji li qabel kienet fl-Anness X tad-Direttiva 2000/60/KE f'konformità mal-Artikolu 16 tagħha u mal-Artikolu 8 tad-Direttiva 2008/105/KE, u rieżami tal-listi ta' sustanzi fl-Anness I u u fil Parti B tal-Anness II tad-Direttiva 2006/118/KE f'konformità mal-Artikolu 10 tagħha u kkonkludiet, fid-dawl ta' għarfien xjentifiku ġdid, li huwa xieraq li dawk il-listi jiġu emendati billi jiżdiedu sustanzi ġodda, jiġu stabbiliti l-EQS jew l-istandards tal-kwalità tal-ilma ta' taħt l-art għal dawk is-sustanzi miżjuda ġodda, jiġu riveduti l-EQS għal xi sustanzi eżistenti f'konformità mal-progress xjentifiku u jiġu stabbiliti l-EQS tal-bijota jew is-sediment għal xi sustanzi eżistenti u dawk miżjuda ġodda. Il-Kummissjoni identifikat ukoll liema sustanzi addizzjonali x'aktarx jakkumulaw fis-sediment jew fil-bijota, u ċċarat li l-monitoraġġ tat-tendenzi ta' tali sustanzi jenħtieġ li jsir fis-sediment jew fil-bijota. Ir-rieżamijiet tal-listi ta' sustanzi ġew appoġġati minn konsultazzjoni estensiva mal-esperti mis-servizzi tal-Kummissjoni, l-Istati Membri, il-gruppi ta' partijiet ikkonċernati u l-Kumitat Xjentifiku dwar ir-Riskji Sanitarji, Ambjentali u Emerġenti.

Commented [DQC1]: Error:
Page is too long
[Show more ...](#)

- (14) Hija meħtieġa kombinazzjoni ta' miżuri ta' kontroll tas-sors u punt tar-rimi sabiex jiġu ttrattati b'mod effettiv il-biċċa l-kbira tas-sustanzi niġġiesa tul iċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom, inkluż, kif rilevanti, id-disinn kimiku, l-awtorizzazzjoni jew l-approvazzjoni, il-kontroll tal-emissjonijiet waqt il-manifattura u l-użu jew proċessi oħrajn, u l-maniġġ tal-iskart. Għalhekk, l-istabbiliment ta' standards tal-kwalità ġodda jew aktar stretti fil-korpi tal-ilma jikkomplementa u huwa koerenti ma' leġislazzjoni oħra tal-Unjoni li tindirizza jew li tista' tindirizza l-problema tat-tniġġis f'wieħed jew aktar minn dawk l-istadji, inkluż id-Direttiva 2001/83/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁰, ir-Regolamenti (KE) Nru 1907/2006¹¹ u (KE) Nru 1107/2009¹² tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill,

¹⁰ Id-Direttiva 2001/83/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Novembru 2001 dwar il-kodiċi tal-Komunità li għandu x'jaqsam ma' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem (ĠU L 311, 28.11.2001, p. 67, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2001/83/oj>).

¹¹ Ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni (ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2006/1907/oj>).

¹² Ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE (ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2009/1107/oj>).

id-Direttivi 2009/128/KE¹³ u 2010/75/UE¹⁴ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti (UE) Nru 528/2012¹⁵ u (UE) 2019/6¹⁶ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva (UE) 2024/3019. Sabiex jintlaħqu l-objettivi ambjentali stabbiliti fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 2000/60/KE bl-aktar mod kosteffettiv possibbli, jenħtieġ li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jipprijoritizzaw, fejn possibbli, fl-azzjonijiet u l-programmi ta' miżuri tagħhom, rispettivament, il-miżuri ta' kontroll tas-sors, kif ukoll l-infurzar tagħhom. Jenħtieġ li tiġi żgurata l-koerenza bejn il-partijiet kollha tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni u l-leġiżlazzjoni nazzjonali li jindirizzaw l-emissjonijiet ta' sustanzi niġġiesa fis-sors sabiex it-tniġġis jitnaqqas għal livelli li ma jkunux meqjusa ta' ħsara għas-saħħa u għall-ekosistemi naturali.

Commented [DQC2]: Error:
Page is too long
[Show more ...](#)

-
- ¹³ Id-Direttiva 2009/128/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja biex jinkiseb użu sostenibbli tal-pestiċidi (ĠU L 309, 24.11.2009, p. 71, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2009/128/oj>).
- ¹⁴ Id-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar l-emissjonijiet industrijali u l-emissjonijiet mit-trobbija tal-bhejjem (il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis) (ĠU L 334, 17.12.2010, p. 17, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2010/75/oj>).
- ¹⁵ Ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali (ĠU L 167, 27.6.2012, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2012/528/oj>).
- ¹⁶ Ir-Regolament (UE) 2019/6 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar prodotti mediċinali veterinarji u li jħassar id-Direttiva 2001/82/KE (ĠU L 4, 7.1.2019, p. 43, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2019/6/oj>).

- (15) Evidenza xjentifika ġdida tindika riskju sinifikanti minn bosta sustanzi niġġiesa oħrajn li jinstabu fil-korpi tal-ilma, minbarra dawk diġà regolati. Fl-ilma ta' taħt l-art, ġiet identifikata problema partikolari permezz ta' monitoraġġ volontarju għas-sustanzi per- u polifluworoalkilati (PFAS) u għall-farmaċewtiċi. Il-PFAS instabu f'aktar minn 70 % tal-punti ta' kejl tal-ilma ta' taħt l-art fl-Unjoni u l-valuri ta' limitu nazzjonali eżistenti jinqabżu b'mod ċar f'numru konsiderevoli ta' postijiet. Jenħtieġ għalhekk li mal-lista ta' kontaminanti tal-ilma ta' taħt l-art jiżdied subsett ta' PFAS speċifiċi. Fl-ilmijiet tal-wiċċ, l-aċidu perfluworoottansulfoniku (PFOS) u d-derivattivi tiegħu diġà huma elenkati bħala sustanzi prijoritarji, iżda PFAS oħrajn issa huma rikonoxxuti wkoll li joħlqu riskju. Jenħtieġ għalhekk li mal-lista ta' sustanzi prijoritarji jiżdied subsett ta' PFAS speċifiċi. Il-monitoraġġ volontarju tal-ilma ta' taħt l-art u l-monitoraġġ tal-lista ta' sorveljanza skont l-Artikolu 8b tad-Direttiva 2008/105/KE ikkonfermaw ukoll riskju fl-ilmijiet ta' taħt l-art u fl-ilmijiet tal-wiċċ minn għadd ta' sustanzi farmaċewtiċi li għalhekk jenħtieġ li jiżdiedu, kif rilevanti, mal-lista ta' kontaminanti fl-Anness I tad-Direttiva 2006/118/KE jew mal-lista ta' sustanzi prijoritarjifl-Anness I tad-Direttiva 2008/105/KE. Għall-ilma ta' taħt l-art, jenħtieġ li, fir-rieżami li jmiss, il-Kummissjoni tikkunsidra li tindirizza r-riskju kumulattiv mill-farmaċewtiċi, billi tistabbilixxi standards ta' kwalità għall-għadd totali ta' farmaċewtiċi magħżula, potenzjalment ibbażati fuq il-mod ta' azzjoni.

Għal dik ir-raġuni, jenħtieġ li "l-għadd totali ta' farmaċewtiċi magħżula skont il-mod ta' azzjoni" tiżdied mal-Anness V tad-Direttiva 2006/118/KE. Għall-ilma tal-wiċċ, jenħtieġ li jiġi indirizzat r-riskju kumulattiv minn farmaċewtiċi estroġeniċi permezz ta' monitoraġġ ibbażat fuq l-effetti u, filwaqt li titqies id-data minn monitoraġġ aktar reċenti u kontinwu tal-lista ta' sorveljanza, jenħtieġ li, fir-rieżami li jmiss, il-Kummissjoni tikkunsidra li tistabbilixxi standards għall-għadd totali ta' farmaċewtiċi magħżula, potenzjalment ibbażati fuq il-mod ta' azzjoni; għal dik ir-raġuni, jenħtieġ li "għadd totali ta' farmaċewtiċi magħżula skont il-mod ta' azzjoni" tiżdied mal-Anness III tad-Direttiva 2008/105/KE. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tikkunsidra wkoll li tistabbilixxi standards għall-prodotti farmaċewtiċi totali, appoġġati minn metodi ta' monitoraġġ xierqa. L-Istati Membri huma mħeġġa jimmonitorjaw ukoll it-totalità tal-PFAS ("PFAS Totali") fl-ilma ta' taħt l-art bl-użu tal-gwida adottata skont l-Artikolu 13(7) tad-Direttiva (UE) 2020/2184. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tikkunsidra l-gwida u r-riżultati miksuba mill-Istati Membri fid-definizzjoni ta' metodu ta' monitoraġġ għall-PFAS Totali speċifikament fl-ilma ta' taħt l-art, u tħeġġeġ lill-Istati Membri japplikawha. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tadatta dak il-metodu ta' monitoraġġ biex tiffaċilita l-monitoraġġ tal-PFAS Totali fl-ilma tal-wiċċ u tħeġġeġ lill-Istati Membri japplikawh. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tikkunsidra wkoll li tistabbilixxi standards ta' kwalità għall-PFAS Totali fl-ilma ta' taħt l-art u fl-ilmijiet tal-wiċċ matul ir-rieżami li jmiss tal-listi ta' kontaminanti stabbiliti fl-Anness I tad-Direttivi 2006/118/KE u fl-Anness I tad-Direttiva 2008/105/KE.

- (16) Jenħtieġ li l-Bisfenol-A jiżdied mal-lista ta' sustanzi fl-Anness I tad-Direttiva 2008/105/KE u jiġi ddeżinjat bħala sustanza prijoritarja perikoluża. L-evidenza xjentifika turi li l-bisfenoli għajr il-Bisfenol-A għandhom potenzjal li jfixklu s-sistema endokrinali, u b'hekk li s-sostituzzjoni tal-użu ta' wieħed bl-użu ta' ieħor jista' ma jkollux il-benefiċju maħsub. Barra minn hekk, it-taħlitiet tal-bisfenoli jistgħu joħolqu riskju kumulattiv. Għalhekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni tirrieżamina l-elenkar tal-bisfenoli b'mod ġenerali fir-rieżami li jmiss, u tqis l-istabbiliment ta' EQS għat-totalita' tal-bisfenoli ("Bisfenoli Totali") jew mill-inqas għall-għadd totali tal-bisfenoli magħżula ("l-Għadd Totali ta' Bisfenoli"), inkluż mill-inqas il-Bisfenol-B u l-Bisfenol-S, appoġġati minn metodi ta' monitoraġġ xierqa. Għalhekk, jenħtieġ li l-"Għadd Totali ta' Bisfenoli" tiġi elenkata fl-Anness III tad-Direttiva 2008/105/KE. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jqisu b'mod partikolari jekk għandhomx jidentifikaw u jimmonitorjaw mill-inqas il-Bisfenol B u l-Bisfenol S bħala kontaminanti speċifiċi għall-baċini tax-xmajjar, fejn potenzjalment rilevanti, u għar-rapportar tad-data f'konformita' mal-Artikolu 8(4) tad-Direttiva 2000/60/KE biex jiġi żgurat li r-riskju mill-għadd totali ta' dawk il-bisfenoli u l-Bisfenol A jkun jista' jiġi vvalutat kif xieraq fir-rieżami li jmiss. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tikkunsidra wkoll li tistabbilixxi standards ta' kwalita' għal "Bisfenoli Totali" u "Għadd Totali ta' Bisfenoli" fid-Direttiva 2006/118/KE.

- (17) Meta jitqies li l-ilma ta' taħt l-art huwa s-sors ewlieni tal-ilma tax-xorb fl-Unjoni, huwa essenzjali li jiġi żgurat li l-istandards tal-kwalità stabbiliti fid-Direttiva 2006/118/KE jappoġġaw il-kisba tal-valuri parametriċi stabbiliti għall-ilma tax-xorb skont id-Direttiva (UE) 2020/2184. Għalkemm jista' jkun xieraq li jiġu armonizzati l-istandards għall-PFAS, dan l-aħħar intwera li l-valur parametrik relatat mill-għadd totali tal-20 PFAS, kif elenkat fil-Parti B, il-punt 3, tal-Anness III tad-Direttiva (UE) 2020/2184, mhuwiex konformi mal-aħħar żviluppi xjentifiċi fir-rigward tal-lista tal-PFAS li għandha tingħata kunsiderazzjoni prijoritarja, it-tossiċità ta' dawn is-sustanzi u l-varjabbiltà tat-tossiċità bejn is-sustanzi f'din il-familja. Fin-nuqqas ta' ftehim komplet u finali dwar l-istandards tal-PFAS, standard tal-kwalità għall-grupp ta' 20 PFAS, kif elenkati fil-Parti B, il-punt 3, tal-Anness III tad-Direttiva (UE) 2020/2184, huwa stabbilit fl-Anness I tad-Direttiva 2006/118/KE, permezz ta' referenza għall-valur parametrik għal dak il-grupp fid-Direttiva (UE) 2020/2184 sabiex jiġi żgurat li kwalunkwe bidla fil-kompożizzjoni ta' dak il-grupp jew dak il-valur tkun inkorporata awtomatikament fid-Direttiva 2006/118/KE. Sabiex jitqies l-għarfien xjentifiku l-aktar reċenti, standard ta' kwalità għall-għadd totali tal-erba' PFAS l-aktar problematiċi jenħtieġ li jiżdied mal-Anness I tad-Direttiva 2006/118/KE f'konformità mal-valur propost mill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA). Għall-istess raġuni, huwa ta' importanza kbira li l-valuri parametriċi għall-PFAS fid-Direttiva (UE) 2020/2184 jiġu rieżaminati u riveduti minnufih kif xieraq u, f'dak il-każ, li l-istandards tal-kwalità fl-Anness I tad-Direttiva 2006/118/KE jiġu allinjati wkoll.

- (18) Meta wieħed iqis it-tossiċità tal-aċidu trifluworoaċetiku (TFA), il-persistenza u l-prevalenza tiegħu fl-ambjent, u l-ħafna sorsi tiegħu, inkluż l-użu ta' pestiċidi PFAS u gassijiet refriġeranti li fihom il-fluworu, huwa estremament importanti li tiġi indirizzata l-preżenza tiegħu kemm fl-ilma tal-wiċċ kif ukoll fl-ilma ta' taħt l-art. Għalhekk, għall-ilma tal-wiċċ, jenħtieġ li t-TFA jiġi inkluż f'għadd totali ta' 25 PFAS bi standard tal-kwalità ambjentali (EQS) fl-Anness I tad-Direttiva 2008/105/KE. Fir-rieżami li jmiss, jenħtieġ li l-Kummissjoni tikkunsidra li tistabbilixxi EQS separat għat-TFA fl-Anness I tad-Direttiva 2008/105/KE. Għall-ilma ta' taħt l-art, jenħtieġ li l-Kummissjoni tikkunsidra wkoll li tistabbilixxi standard ta' kwalità għat-TFA, kemm jekk separat kif ukoll bħala parti minn għadd totali, fl-Anness I tad-Direttiva 2006/118/KE, filwaqt li tqis l-aktar għarfien xjentifiku reċenti dwar it-TFA, inkluż il-ħidma mwettqa mill-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA), EFSA u l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO). Jenħtieġ li l-emendi futuri tad-Direttiva (UE) 2020/2184 jitqiesu wkoll.
- (19) Hemm il-ħtieġa li jinġabar aktar għarfien dwar il-preżenza, l-importanza u s-sensittività tal-ekosistemi tal-ilma ta' taħt l-art sabiex dawn jiġu protetti kif xieraq. Għalhekk jenħtieġ li tiġi mħeġġa, ifffinanzjata u mwettqa riċerka xjentifika addizzjonali, u s-sejbiet jenħtieġ li jiġu disseminati, u, fejn meħtieġ, jitqiesu, flimkien mal-għarfien eżistenti, meta jiġu implimentati jew riveduti d-Direttivi 2000/60/KE u 2006/118/KE. Jenħtieġ li l-Kummissjoni taħdem mal-Istati Membri skont l-Istrateġija ta' Implimentazzjoni Komuni għad-Direttiva 2000/60/KE biex tistabbilixxi metodoloġija għall-identifikazzjoni tal-ekosistemi tal-ilma ta' taħt l-art. Hekk kif tkun disponibbli metodoloġija affidabbli, jenħtieġ li l-Istati Membri, fejn rilevanti, japplikaw dik il-metodoloġija, u jistabbilixxu standards aktar stretti fejn meħtieġ biex jiproteġu dawk l-ekosistemi.

- (20) Id-Direttiva 2000/60/KE tirrikjedi li l-Istati Membri jidentifikaw il-korpi tal-ilma li jintużaw għall-astrazzjoni tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem, jimmonitorjawhom, u jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jevitaw id-deterjorament fil-kwalità tagħhom u sabiex inaqqsu l-livell ta' trattament ta' purifikazzjoni meħtieġ fil-produzzjoni ta' ilma li huwa tajjeb għall-konsum mill-bniedem. F'dak il-kuntest, il-mikroplastiċi ġew identifikati bħala riskju potenzjali għas-saħħa tal-bniedem, iżda hija meħtieġa aktar data ta' monitoraġġ sabiex tiġi kkonfermata l-ħtieġa li jiġu stabbiliti standards ta' kwalità għall-mikroplastiċi fl-ilma tal-wiċċ u fl-ilma ta' taħt l-art. Għalhekk jenħtieġ li l-mikroplastiċi jiġu inklużi fil-listi ta' sorveljanza tal-ilma tal-wiċċ u tal-ilma ta' taħt l-art u jenħtieġ li jiġu mmonitorjati hekk kif ikunu disponibbli metodi ta' monitoraġġ xierqa. F'dak il-kuntest, jenħtieġ li jitqiesu l-metodoloġiji, żviluppati skont id-Direttiva (UE) 2020/2184, għall-monitoraġġ u l-valutazzjoni tar-riskji mill-mikroplastiks fl-ilma tax-xorb.
- (21) Huwa stmat li fl-2019, bejn 900 000 u 1,7 miljun mewta madwar id-dinja kienu attribwibbli għal infezzjonijiet ta' reżistenza għall-antimikrobiċi (AMR). Fl-istess waqt, ġie espress tħassib dwar ir-riskju li tiżviluppa reżistenza għall-antimikrobiċi mill-preżenza ta' mikroorganiżmi reżistenti għall-antimikrobiċi u ġeni ta' reżistenza għall-antimikrobiċi fl-ambjent akkwatiku, iżda ftit li xejn sar monitoraġġ. Jenħtieġ li indikaturi xierqa għall-preżenza, l-evoluzzjoni jew it-trażmissjoni tar-reżistenza għall-antimikrobiċi jiġu inklużi wkoll fil-listi ta' sorveljanza tal-ilma tal-wiċċ u ta' taħt l-art u jiġu mmonitorjati hekk kif ikunu ġew żviluppati metodi ta' monitoraġġ xierqa. Dan huwa konformi mal-"Pjan ta' Azzjoni Ewropew 'Saħħa Waħda' kontra r-Reżistenza għall-Antimikrobiċi", adottat mill-Kummissjoni f'Ġunju 2017, u mal-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-25 ta' Novembru 2020 bit-titolu "Strateġija Farmaċewtika għall-Ewropa", li tindirizza wkoll dak it-tħassib.

- (22) Jenħtieġ li kemm id-Direttiva 2006/118/KE kif ukoll id-Direttiva 2008/105/KE jkun fihom anness li jelenka sustanzi magħżula, gruppi ta' sustanzi, u indikaturi li għandhom jiġu kkunsidrati mill-Kummissjoni fir-rieżami li jmiss ta' dawk id-Direttivi, sakemm jiġu żviluppati metodoloġiji ta' monitraġġ affidabbli u standards ta' kwalita xierqa jew valuri ta' skattar u konferma finali li dawn joħolqu riskju għall-ilma ta' taħt l-art jew l-ilma tal-wiċċ jew permezz tagghom. Dik il-konferma tista', jekk ikun meħtieġ, tinkiseb billi jiġu inklużi s-sustanzi, il-gruppi ta' sustanzi, jew l-indikaturi fil-lista ta' sorveljanza rilevanti.

- (23) Il-metodi analitiċi kimiċi konvenzjonali użati għall-monitoraġġ tas-sustanzi skont id-Direttivi 2000/60/KE, 2006/118/KE u 2008/105/KE ma jistgħux, b'mod ġenerali, jiddeterminaw ir-riskju kumulattiv minn taħlitiet ta' sustanzi. Meta jitqies l-għarfien dejjem jikber tar-rilevanza tat-taħlitiet u, għalhekk, tal-monitoraġġ ibbażat fuq l-effetti għad-determinazzjoni tal-istat kimiku, u meta jitqies li diġà jeżistu metodi ta' monitoraġġ robusti biżżejjed ibbażati fuq l-effetti għal sustanzi estroġeniċi, jenħtieġ li l-Istati Membri japplikaw tali metodi ibbażati fuq l-effetti sabiex jivvalutaw l-effetti kumulattivi ta' sustanzi estroġeniċi fl-ilmijiet tal-wiċċ fuq perjodu ta' mill-anqas sentejn. Dan ser jippermetti t-tqabbil tar-risultati bbażati fuq l-effetti mar-risultati miksuba bl-użu tal-metodi konvenzjonali għall-monitoraġġ tat-tliet sustanzi farmaċewtiċi estroġeniċi elenkati fl-Anness I tad-Direttiva 2008/105/KE. Għal dak l-għan, jenħtieġ li l-Kummissjoni tadotta att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għall-monitoraġġ ta' sustanzi estroġeniċi bl-użu ta' metodi ta' monitoraġġ ibbażati fuq l-effetti. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tippubblika wkoll rapport dwar it-tqabbil tar-risultati bbażati fuq l-effetti mar-risultati miksuba bl-użu tal-metodi konvenzjonali, u jenħtieġ li tintuża analiżi tiegħu biex jiġi vvalutat jekk il-metodi ta' monitoraġġ ibbażati fuq l-effetti jwasslux data li tkun robusta u preċiża biżżejjed biex tippermetti li daww il-metodi jintużaw bħala metodi ta' skrinjar affidabbli. L-użu ta' tali metodi ta' skrinjar ikollu l-vantaġġ li jippermetti li jiġu koperti l-effetti tas-sustanzi estroġeniċi kollha li għandhom effetti simili, mhux biss daww elenkati fl-Anness I tad-Direttiva 2008/105/KE, u jistgħu wkoll jissostitwixxu l-monitoraġġ sustanza b'sustanza f'ħafna mill-postijiet. Jenħtieġ li jiġi definit il-kunċett ta' valuri ta' skattar ibbażati fuq l-effett. Id-definizzjoni ta' stat kimiku tajjeb tal-ilma tal-wiċċ fid-Direttiva 2000/60/KE jenħtieġ li tiġi mmodifikata sabiex jiġi żgurat li fil-futur tkun tista' tkopri wkoll il-valuri ta' skattar li jistgħu jiġu stabbiliti għall-valutazzjoni tar-risultati tal-monitoraġġ ibbażat fuq l-effetti.

(24) Filwaqt li r-riskju minn taħlitiet ta' pestiċidi huwa sa ċertu punt kopert fid-Direttiva 2006/118/KE mill-istandard tal-kwalità għall-pestiċidi totali, ir-riskju minn taħlitiet bħal dawn mhuwiex indirizzat fid-Direttiva 2008/105/KE. Għalhekk, sabiex dak ir-riskju kumulattiv jiġi indirizzat għallinqas parzjalment, jenħtieġ li jiġi stabbilit EQS għall-għadd totali tal-pestiċidi li diġà huma inklużi fil-lista ta' sustanzi prijoritarji li għandhom jiġu mmonitorjati fl-ilma, u li l-EQS jenħtieġ li jitqiesu meta jiġi vvalutat l-istat kimiku. Biex tqis aħjar ir-riskju tat-taħlita fil-futur, jenħtieġ li l-Kummissjoni tikkunsidra li tistabbilixxi standards għall-għadd totali ta' pestiċidi magħżula, potenzjalment ibbażati fuq il-mod ta' azzjoni u possibbilment li jkopru aktar pestiċidi minn dawk elenkati individwalment fl-Anness I tad-Direttiva 2008/105/KE, fir-rieżami li jmiss. Għal dik ir-raġuni, jenħtieġ li l-"għadd totali ta' pestiċidi magħżula skont il-mod ta' azzjoni" tiżdied ma' anness ġdid ta' dik id-Direttiva. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tikkunsidra wkoll jekk jistax jittieħed approċċ ibbażat fuq ir-riskju għall-istabbiliment ta' EQS għall-pestiċidi totali, appoġġati minn metodu ta' monitoraġġ xieraq. Minħabba li l-istandards ġeneriċi tal-kwalità ta' 0,1 µg/L u 0,5 µg/L għall-pestiċidi individwali u totali fl-ilma ta' taħt l-art speċifikati fl-Anness I tad-Direttiva 2006/118/KE ġew stabbiliti fis-snin tmenin (1980), u limitati mis-sensittività tal-metodi analitiċi disponibbli f'dak iż-żmien, dawn jistgħu ma jkunux protettivi biżżejjed għas-saħħa tal-bniedem jew għall-ambjent. Għalhekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni tirieżamina dawk il-valuri fir-rieżami li jmiss tal-lista ta' kontaminanti fl-ilma ta' taħt l-art.

- (25) Bħala riżultat tar-rieżami tagħha tal-lista ta' sustanzi fil-Parti A tal-Anness I tad-Direttiva 2008/105/KE, il-Kummissjoni identifikat għadd ta' sustanzi li setgħet tneħħi mil-lista minħabba li ma għadhomx joħolqu riskju mifrux għall-ambjent akkwatiku fl-Unjoni jew permezz tiegħu. Madankollu, minħabba li dawk is-sustanzi għadhom ta' riskju f'xi Stati Membri, huwa xieraq li jiġu inklużi, bl-EQS tagħhom, f'anness ġdid tad-Direttiva 2008/105/KE. Jenħtieġ li l-Istati Membri jkomplu jimmonitorjaw dawk is-sustanzi jekk jidentifikawhom bħala kontaminanti ta' tħassib nazzjonali, reġjonali jew lokali, u japplikaw l-EQS kif xieraq. Xi sustanzi oħra ġew ikkunsidrati għat-tneħħija mil-lista iżda nżammu fil-lista minħabba l-ħtieġa li jiġi ddeterminat jekk il-konċentrazzjonijiet tagħhom humiex qed juru xejra 'l isfel. Għal xi wħud minnhom, il-monitoraġġ skont id-Direttivi 2000/60/KE u 2008/105/KE jikkontribwixxi wkoll għat-twettiq tal-obbligi ta' monitoraġġ skont il-Konvenzjoni ta' Stokkolma dwar pollutanti organiċi persistenti¹⁷ ("il-Konvenzjoni ta' Stokkolma"), iffirmata fi Stokkolma fit-22 ta' Mejju 2001, u r-Regolament (UE) 2019/1021 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁸.

¹⁷ ĠU L 209, 31.7.2006, p. 3, ELI: <http://data.europa.eu/eli/convention/2006/507/oj>.

¹⁸ Ir-Regolament (UE) 2019/1021 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-pollutanti organiċi persistenti (ĠU L 169, 25.6.2019, p. 45, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2019/1021/oj>).

- (26) F'konformità mal-Konvenzjoni ta' Stokkolma u r-Regolament (UE) 2019/1021, l-Istati Membri huma obbligati jiżguraw il-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent minn sustanzi niġġiesa organiċi persistenti. L-Istati Membri huma meħtieġa jimmonitorjaw il-preżenza ta' sustanzi niġġiesa organiċi persistenti fl-ambjent f'konformità mal-Artikolu 13(1), il-punt (d), tar-Regolament (UE) 2019/1021 li jimplementa r-rekwiżiti tal-Artikolu 11(1) tal-Konvenzjoni ta' Stokkolma.
- (27) S'issa, is-sustanzi niġġiesa speċifiċi għall-baċini tax-xmara li mhumiex identifikati bħala sustanzi prijoritarji skont id-Direttiva 2000/60/KE kienu soġġetti għal EQS nazzjonali u tqiesu bħala elementi ta' kwalità fiżikokimika li jappoġġaw il-valutazzjoni tal-istat ekoloġiku fl-ilmijiet tal-wiċċ. Fl-ilmijiet ta' taħt l-art, kien ukoll possibbli għall-Istati Membri li jstabilixxu l-valuri ta' limitu tagħhom stess, anke għal sustanzi sintetiċi magħmula mill-bniedem. Dik il-flessibbiltà wasslet għal riżultati subottimali f'termini ta' komparabbiltà tal-istat tal-korpi tal-ilma bejn l-Istati Membri, u f'termini ta' ħarsien tal-ambjent. Għalhekk, huwa meħtieġ li tiġi prevista proċedura li tippermetti ftehim fil-livell tal-Unjoni dwar il-valuri ta' limitu li għandhom jiġu applikati għal dawk is-sustanzi jekk jiġu identifikati bħala li huma ta' tħassib nazzjonali u li jiġu stabbiliti repożitorji tal-valuri ta' limitu applikabbli fl-Anness II tad-Direttiva 2006/118/KE u tal-EQS applikabbli f'anness ġdid għad-Direttiva 2008/105/KE. L-EQS u l-valuri ta' limitu armonizzati jenħtieġ li jiġu applikati biss mill-Istati Membri fil-valutazzjoni tal-istat tal-korpi tal-ilma tagħhom fid-distretti tal-baċini tax-xmajjar fejn ikun ġie identifikat riskju minn dawk is-sustanzi.

- (28) Barra minn hekk, l-integrazzjoni tas-sustanzi niġġiesa speċifiċi għall-baċini tax-xmara fid-definizzjoni tal-istat kimiku tal-ilmijiet tal-wiċċ tiżgura approċċ aktar ikkoordinat, koerenti u trasparenti f'termini ta' monitoraġġ u valutazzjoni tal-istat kimiku tal-korpi tal-ilma tal-wiċċ u ta' informazzjoni relatata lill-pubbliku. Hija tiffaċilita wkoll approċċ aktar immirat lejn l-identifikazzjoni u l-implimentazzjoni ta' miżuri sabiex jiġu indirizzati l-kwistjonijiet kollha "relatati mas-sustanzi kimiċi" b'mod aktar olistiku, effettiv u effiċjenti. Għalhekk, jenħtieġ li d-definizzjonijiet ta' "stat ekoloġiku" u "stat kimiku" jiġu mmodifikati u jenħtieġ li l-kamp ta' applikazzjoni ta' "stat kimiku" jitwessa' sabiex ikopri wkoll is-sustanzi niġġiesa speċifiċi għall-baċini tax-xmara, li sa issa kienu parti mid-definizzjoni ta' "stat ekoloġiku" fl-Anness V tad-Direttiva 2000/60/KE. B'riżultat ta' dan, jenħtieġ li l-kunċett ta' EQS għas-sustanzi niġġiesa speċifiċi għall-baċini tax-xmara u l-proċeduri relatati jiġu inklużi fid-Direttiva 2008/105/KE. Jenħtieġ li l-istat ta' korp tal-ilma ma jitqiesx li ddeterjora sempliċiment minħabba dik il-bidla.

- (29) Il-mekkaniżmi tal-lista ta' sorveljanza tal-ilma tal-wiċċ u tal-ilma ta' taħt l-art għandhom l-għan li jiġbru informazzjoni dwar il-preżenza u d-distribuzzjoni ta' sustanzi ta' tħassib potenzjali fl-ambjent akkwatiku, li, sal-lum, ġew iddokumentati ħażin u li għalihom spiss ma jkun hemm l-ebda metodu analitiku standardizzat disponibbli. Barra minn hekk, għas-sustanzi elenkati fl-Anness I tad-Direttiva 2006/118/KE u fl-Anness I tad-Direttiva 2008/105/KE, il-metodi analitiċi disponibbli fis-suq mhux dejjem ikunu sensittivi biżżejjed biex jinkisbu l-istandards ta' kwalità proposti. L-iżvilupp ta' metodi ġodda u l-monitoraġġ ta' għadd akbar ta' sustanzi, gruppi ta' sustanzi, jew indikaturi huma ta' sfida u jiġġeneraw żieda fl-ispejjeż iżda wkoll ħtieġa għal kapaċità amministrattiva msaħħa fl-Istati Membri, speċjalment dawk b'inqas riżorsi. Għalhekk, l-istabbiliment ta' faċilità konġunta ta' monitoraġġ għall-ġestjoni tar-rekwiżiti ta' monitoraġġ, meta dan jintalab mill-Istati Membri, jista' jgħinhom iwettqu dak il-kompitu diffiċli, u b'hekk itaffu l-piżijiet finanzjarji u amministrattivi tagħhom. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta l-għażliet għall-istabbiliment, il-finanzjament u l-funzjonament ta' tali faċilità ta' monitoraġġ. L-użu ta' tali faċilità jenħtieġ li jkun volontarju, aċċessibbli għall-Istati Membri interessati kollha u mingħajr preġudizzju għall-arranġamenti diġà fis-seħħ fil-livell nazzjonali.

- (30) Diversi sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ċċaraw il-kunċett tad-deterjorament tal-istat. Għalhekk jenħtieġ li definizzjoni ta' deterjorament tal-istat tiġi introdotta fid-Direttiva 2000/60/KE. Kif imsemmi fl-Anness V ta' dik id-Direttiva, l-istat ta' korp tal-ilma tal-wiċċ jinkludi kemm l-istat ekoloġiku kif ukoll dak kimiku tiegħu u l-istat ta' korp tal-ilma ta' taħt l-art jinkludi kemm l-istat kwantitattiv kif ukoll dak kimiku tiegħu. Minflok ma ssir referenza għal kull wieħed minn dawk l-elementi separatament fid-definizzjoni, jenħtieġ li ssir referenza sempliċement għall-Anness V ta' dik id-Direttiva. Jekk l-istat ta' element ta' kwalità għall-ilma tal-wiċċ vvalutat bħala "ħażin" jew li "jonqos milli jikseb tajjeb" jew l-istatus ta' element ta' kwalità għall-ilma ta' taħt l-art ivvalutat bħala "fqir" ikompli jiddeterjora, dak id-deterjorament jenħtieġ li jitqies ukoll bħala deterjorament tal-istat tal-korp tal-ilma.

Commented [DQC3]: Error:
Page is too long
[Show more ...](#)

(31) Is-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, flimkien ma' żidiet fil-listi ta' sustanzi kif ukoll standards aktar stretti għall-kontaminanti eżistenti għamlu l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' nuqqas ta' deterjorament tad-Direttiva 2000/60/KE aktar diffiċli, b'mod partikolari għal proġetti li għandhom impatt negattiv fuq terminu qasir fuq il-korpi tal-ilma jew proġetti u attivitajiet li għandhom impatt negattiv fuq il-korpi tal-ilma minħabba r-rilokazzjoni tal-ilma jew tas-sedimenti li fihom kontaminanti. Fil-każ ta' proġetti li jikkawżaw impatt negattiv fuq terminu qasir fuq element ta' kwalità wieħed jew aktar ta' korp tal-ilma, huwa essenzjali li jiġi kkonfermat li l-impatt negattiv fuq dawk l-elementi ta' kwalità ma jiġix identifikat aktar wara sena jew, għal elementi ta' kwalità bijoloġika, wara massimu ta' tliet snin. Sabiex jiġi aċċertat li l-impatt negattiv ma għadux preżenti, jenħtieġ li jkun possibbli għall-Istati Membri li jużaw l-arranġamenti ta' monitoraġġ eżistenti. Madankollu, arranġamenti bħal dawn jistgħu ma jkunux biżżejjed, pereżempju meta l-istat normalment jiġi ddeterminat minn estrapolazzjoni, jew jekk l-elementi ta' kwalità affettwati huma differenti minn dawk meqjusa l-aktar sensitivi għal pressjonijiet u impatti ta' rutina, u b'hekk ma jkunux immonitorjati b'mod regolari. F'dawk il-każijiet, il-verifika ex post jenħtieġ li ssir permezz ta' monitoraġġ supplimentari u mfassal apposta. Fil-każ ta' proġetti jew attivitajiet li jkollhom impatt negattiv fuq il-korpi tal-ilma minħabba r-rilokazzjoni tal-ilma imniġġes jew tas-sedimenti, il-konċentrazzjonijiet tas-sustanzi niġġiesa fil-korp tal-ilma tas-sors jistgħu jonqsu u dawk fil-korp tal-ilma riċevienti jistgħu jizjeddu minkejja li ma jkun hemm l-ebda bidla ġenerali fil-bilanċ tal-massa tal-kontaminanti. Tali attivitajiet jinkludu l-iskariku ta' ilma tad-drenaġġ ikkontaminat minn xogħlijiet ta' kostruzzjoni jew ir-rilokazzjoni ta' sedimenti mħammla għall-protezzjoni mill-għargħar jew għan-navigazzjoni u jenħtieġ li jkunu permessi, dment li jiġu ssodisfati diversi kriterji.

Jenħtieġ li dawk il-kriterji jinkludu rekwiżit li jittieħdu l-passi prattikabbli kollha, inkluż it-trattament, biex jittaffa kwalunkwe impatt negattiv u li l-korp tal-ilma tal-wiċċ riċeventi jkun diġà fi stat kimiku inqas minn tajjeb fir-rigward tal-biċċa l-kbira tas-sustanzi rilokati, u b'mod partikolari fir-rigward tal-aktar sustanzi persistenti u bjoakkumulattivi, bħall-PFAS, u li l-informazzjoni relatata mal-kriterji, u r-raġunijiet għar-rilokazzjoni, jiġu pprovdu fil-pjan ta' ġestjoni tal-baċini tax-xmajjar rilevanti. Il-kriterji huma maħsuba biex jiżguraw li jinżamm il-livell ġenerali ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent previst mid-Direttiva 2000/60/KE. Jenħtieġ li r-rilokazzjoni tal-ilma mniġġes jew tas-sediment ma tnaqqasx mill-kwalità tar-riżorsi tal-ilma tax-xorb, u għalhekk jenħtieġ li tiġi stabbilita żona maġenb kwalunkwe punt tal-astrazzjoni tal-ilma tax-xorb fejn ikunu meħtieġa prekawzjonijiet aktar stretti. Jekk l-Istati Membri jkunu diġà stabbilew żoni ta' salvagwardja skont l-Artikolu 7 tad-Direttiva 2000/60/KE, jew l-Artikolu 8 tad-Direttiva (UE) 2020/2184, dawk iż-żoni jistgħu jservu l-iskop.

- (32) It-tranżizzjoni ekoloġika u attivitajiet oħra ta' interess pubbliku, bħal fl-oqsma tas-sigurtà u d-difiża, jirrikjedu investimenti sinifikanti f'teknoloġiji ġodda u l-iżvilupp tagħhom, li jistgħu jkunu diffiċli biex jiġu rrikonċiljati mal-oġġettivi tad-Direttiva 2000/60/KE, pereżempju jekk jirrikjedu l-estrazzjoni u l-użu ta' materja prima kritika li tirriżulta f'emissjonijiet ta' sustanzi ta' tħassib emerġenti. Huwa importanti li jiġu vvalutati r-riskji potenzjali għall-ambjent jew għas-saħħa tal-bniedem minn dawk is-sustanzi. Dan jenħtieġ li jitqies meta jiġu elenkati sustanzi fil-listi ta' sorveljanza. Huwa daqstant importanti li jiġu identifikati l-kunflitti potenzjali bejn dawk l-oġġettivi ġenerali u li jiġu żviluppati reazzjonijiet xierqa għalihom. Dan jista' jsir bħala parti mir-rapport ta' implimentazzjoni mfassal mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 18 tad-Direttiva 2000/60/KE.
- (33) Sabiex jiġi żgurat approċċ armonizzat u kundizzjonijiet ekwivalenti fl-Unjoni, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 TFUE biex temenda l-Partijiet A u C tal-Anness II u l-Annessi III u IV tad-Direttiva 2006/118/KE dwar linji gwida għall-istabbiliment ta' valuri ta' limitu mill-Istati Membri, informazzjoni li għandha tiġi pprovduta mill-Istati Membri fir-rigward tas-sustanzi niġġiesa u l-indikaturi tat-tniġġiż li għalihom ġew stabbiliti valuri ta' limitu, il-valutazzjoni tal-istat kimiku tal-ilma ta' taħt l-art u l-identifikazzjoni u t-treġġigħ lura ta' tendenzi sinifikanti u sostnuti 'l fuq.

- (34) Minħabba l-ħtieġa li jkun hemm adattament rapidu għall-għarfien xjentifiku u tekniku u sabiex jiġu żgurati approċċ armonizzati u kundizzjonijiet ekwivalenti fl-Unjoni fir-rigward tal-proċedura dwar kif jiġu derivati EQS għal sustanzi niġġiesa speċifiċi għall-baċini tax-xmara, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 TFUE biex temenda l-Parti B tal-Anness II tad-Direttiva 2008/105/KE.
- (35) Ir-rieżami tal-lista ta' sustanzi prijoritarji fil-Parti A tal-Anness I tad-Direttiva 2008/105/KE kkonkluda li bosta sustanzi prijoritarji ma għadhomx ta' tħassib għall-Unjoni kollha u, għalhekk, jenħtieġ li ma jibqgħux jiġu inklużi f'dak l-Anness. Għalhekk, jenħtieġ li dawk is-sustanzi jitqiesu bħala kontaminanti speċifiċi għall-baċini tax-xmara u jiġu inklużi f'anness ġdid tad-Direttiva 2008/105/KE flimkien mal-EQS korrispondenti tagħhom.

- (36) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwivalenti fl-Unjoni u l-istat tal-korpi tal-ilma jkun jista' jitqabbel bejn l-Istati Membri, hemm bżonn li jiġu armonizzati l-valuri ta' limitu nazzjonali għal xi kontaminanti tal-ilma ta' taħt l-art sintetiċi magħmulin mill-bniedem. Jenħtieġ li jiġu stabbiliti valuri ta' limitu kif meħtieġ fil-livell tal-Unjoni għal kontaminanti li għandhom oriġini antropoġenika jew għall-prodotti tad-degradazzjoni jew tad-dekompożizzjoni tagħhom, dment li daww il-kontaminanti u l-prodotti ta' degradazzjoni jew ma jseħħux b'mod naturali fl-ilma ta' taħt l-art, jew, jekk jeżistu kontropartijiet naturali identiċi, dment li l-livelli tal-isfond naturali tagħhom ikunu, l-aktar, baxxi. Daww il-valuri ta' limitu jenħtieġ li jiġu inklużi fir-repożitorju tal-valuri ta' limitu armonizzati għas-sustanzi sintetiċi magħmulin mill-bniedem fl-ilma ta' taħt l-art ta' tħassib nazzjonali, reġjonali jew lokali fil-Parti D ġdida tal-Anness II tad-Direttiva 2006/118/KE. Jenħtieġ li jiġi inkluż valur ta' limitu armonizzat għal farmaċewtiċi individwali għall-applikazzjoni mill-Istati Membri għal kwalunkwe sustanza attiva farmaċewtika identifikata li tippreżenta riskju fil-livell nazzjonali sakemm ma jkunx ġie stabbilit standard jew valur ta' limitu aktar strett speċifikament għal dik is-sustanza fil-livell tal-Unjoni jew f'dak nazzjonali.

- (37) Jenħtieġ li d-dispożizzjonijiet kollha tad-Direttiva 2006/118/KE relatati mal-valutazzjoni tal-istat kimiku tal-ilma ta' taħt l-art jiġu adattati għall-introduzzjoni tat-tielet kategorija ta' valuri ta' limitu armonizzati f'Parti D ġdida tal-Anness II ta' dik id-Direttiva, minbarra l-istandards ta' kwalità stabbiliti fl-Anness I ta' dik id-Direttiva u l-valuri ta' limitu nazzjonali stabbiliti f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fil-Parti A tal-Anness II ta' dik id-Direttiva.
- (38) Sabiex jiġi żgurat teħid ta' deċizzjonijiet effettivi u koerenti u jiġu żviluppata sinerġija mal-ħidma mwettqa fil-qafas ta' leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni dwar is-sustanzi kimiċi, jenħtieġ li l-ECHA tingħata rwol permanenti u ċirkoskritt b'mod ċar fil-prijoritizzazzjoni tas-sustanzi li għandhom jiġu inklużi fil-listi ta' sorveljanza u fil-listi ta' sustanzi fl-Annessi I u II tad-Direttiva 2008/105/KE u fl-Annessi I u II tad-Direttiva 2006/118/KE, u fid-derivazzjoni ta' standards ta' kwalità xierqa bbażati fuq ix-xjenza. Jenħtieġ li l-Kumitat għall-Istima tar-Riskji (RAC) u l-Kumitat għall-Analiżi Soċjo-Ekonomika (SEAC) tal-ECHA jiffaċilitaw it-tweqqif ta' ċerti kompiti mogħtija lill-ECHA billi jipprovdu opinjonijiet. Jenħtieġ li l-ECHA tiżgura wkoll koordinazzjoni aħjar bejn diversi biċċiet tal-liġi ambjentali permezz ta' trasparenza akbar fir-rigward tas-sustanzi niġġiesa f'lista ta' sorveljanza jew l-iżvilupp ta' EQS jew valuri ta' limitu nazzjonali jew għall-Unjoni kollha, billi tagħmel ir-rapporti xjentifiċi rilevanti disponibbli għall-pubbliku. Meta jiġu derivati valuri limitu għas-sustanzi farmaċewtiċi, jenħtieġ li l-ECHA tikkoopera mal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (EMA).

Commented [DQC4]: Error:
Page is too long
[Show more ...](#)

- (39) Il-Kontroll tal-Idoneità kkonkluda li huwa meħtieġ rapportar elettroniku aktar frekwenti u ssimplifikat sabiex jitravmu implimentazzjoni u infurzar aħjar tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-ilma. Minħabba r-rwol tagħha wkoll li timmonitorja b'mod aktar regolari l-istat tat-tniġġis kif deskritt fil-Pjan ta' Azzjoni ta' Tniġġis Żero, jenħtieġ li l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA) tiffaċilita tali rapportar aktar frekwenti u ssimplifikat ta' data tal-monitoraġġ mill-Istati Membri. Huwa importanti li din l-informazzjoni ambjentali essenzjali ssir disponibbli għall-pubbliku u għall-Kummissjoni fil-ħin. Mingħajr preġudizzju għall-obbligi tal-frekwenza tal-monitoraġġ fid-Direttivi 2000/60/KE, 2006/118/KE u 2008/105/KE, u sa fejn l-obbligi ta' monitoraġġ skont dawk id-Direttivi wasslu għall-ġenerazzjoni ta' data ġdida ta' monitoraġġ, jenħtieġ li l-Istati Membri jagħmlu d-data li ġejja disponibbli għall-pubbliku u għall-EEA: (i) kull tliet snin, id-data ta' monitoraġġ dwar l-elementi ta' kwalità bijoloġika fl-ilmijiet tal-wiċċ miġbura u vvalidata matul it-tliet snin preċedenti; u (ii) kull sentejn, id-data ta' monitoraġġ dwar l-elementi ta' kwalità kimika fl-ilma tal-wiċċ u fl-ilma ta' taħt l-art miġbura u vvalidata matul is-sentejn preċedenti. Jenħtieġ li dan isir permezz tal-mekkaniżmi elettroniċi eżistenti għat-twassil tad-data, bħas-sistema Reportnet tal-EEA, bis-sottomissjoni tad-data ffaċilitata bl-awtomatizzazzjoni, allinjata mal-flussi tad-data rilevanti tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar l-Ilma għall-Ewropa dwar l-Istat tal-Ambjent. L-Istati Membri mħeġġa jagħmlu disponibbli għall-pubbliku u għall-EEA d-data ta' monitoraġġ dwar l-elementi ta' kwalità kimika kull sena.

Ir-rappurtar tal-istat ser ikompli jseħħ fil-pjanijiet ta' mmaniġġjar tal-baċini tax-xmajjar ta' kull sitt snin. Il-piż amministrattiv huwa mistenni li jkun limitat sa fejn l-Istati Membri huma diġà meħtieġa jagħmlu temi ta' data spazjali disponibbli għall-pubbliku skont id-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁹ kif ukoll skont id-Direttiva (UE) 2019/1024 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁰.

¹⁹ Id-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2007 li tistabbilixxi Infrastruttura għall-Infommazzjoni Ġeografika fil-Komunità Ewropea (INSPIRE), (ĠU L 108, 25.4.2007, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2007/2/oj>).

²⁰ Id-Direttiva (UE) 2019/1024 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar id-data miftuħa u l-użu mill-ġdid tal-informazzjoni tas-settur pubbliku (ĠU L 172, 26.6.2019, p. 56, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2019/1024/oj>).

- (40) Il-valutazzjoni tal-istat skont id-Direttiva 2000/60/KE hija bbażata fuq il-prinċipju "one-out-all-out" u jenħtieġ li tibqa' hekk. Għalhekk huwa importanti li l-Istati Membri jieħdu l-miżuri kollha possibbli biex jiksbu stat jew potenzjal tajjeb, kif xieraq, fir-rigward ta' kull element ta' kwalità individwali rilevanti. Fl-istess ħin, biex jiġi żgurat li l-progress jew in-nuqqas tiegħu fuq elementi ta' kwalità individwali jkun viżibbli, anke meta mhux kollha kemm huma jilhqqu stat jew potenzjal tajjeb, u li l-progress jew in-nuqqas tiegħu fl-Istati Membri jkun jista' jitqabbel, jenħtieġ li l-indikaturi tal-progress jiġu żviluppati u armonizzati fil-livell tal-Unjoni għall-preżentazzjoni u r-rapportar uniformi mill-Istati Membri tal-istat jew tal-potenzjal ta' dawk l-elementi ta' kwalità individwali b'mod diżaggregat. Jenħtieġ li dawk l-indikaturi ta' progress jiġu interpretati mingħajr preġudizzju għall-konklużjonijiet meħuda mill-applikazzjoni tal-prinċipju "one-out-all-out".

(41) Integrazzjoni aħjar tal-flussi tad-data rrapportati lill-EEA skont leġislazzjoni tal-Unjoni dwar l-ilma u, b'mod partikolari, tal-inventarji tal-emissjonijiet meħteġa mid-Direttiva 2008/105/KE, mal-flussi tad-data rrapportati lill-Portal dwar l-Emissjonijiet Industrijali skont id-Direttiva 2010/75/UE u r-Regolament (UE) Nru 2024/1244 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²¹, ser tagħmel ir-rapportar tal-inventarju f'konformità mal-Artikolu 5 tad-Direttiva 2008/105/KE aktar sempliċi u effiċjenti. Fl-istess ħin, ser tnaqqas il-piż amministrattiv u l-ammont massimu tax-xogħol fit-tħejjija tal-pjanijiet tal-immaniġġjar tal-baċini tax-xmajjar. Flimkien mat-tneħħija tar-rapportar interim dwar il-progress fl-implimentazzjoni tal-programmi ta' miżuri, li ma weriex li kien effettiv, dan ir-rapportar simplifikat ser jippermetti lill-Istati Membri jaġhmlu aktar sforz sabiex jirrapportaw l-emissjonijiet li sa reċentement ma kinux koperti mil-leġislazzjoni dwar l-emissjonijiet industrijali, għalkemm huma kienu koperti mir-rapportar tal-emissjonijiet skont l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2008/105/KE.

²¹ Ir-Regolament (UE) 2024/1244 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' April 2024 dwar ir-rapportar ta' data ambjentali minn installazzjonijiet industrijali, li jistabbilixxi Portal dwar l-Emissjonijiet Industrijali u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 166/2006 (ĠU L, 2024/1244, 2.5.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1244/oj>).

- (42) It-Trattat ta' Liżbona li emenda t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea²², iffirmit f'Liżbona fit-13 ta' Diċembru 2007, introduċa distinzjoni bejn is-setgħat iddelegati lill-Kummissjoni sabiex tadotta atti delegati, jiġifieri atti mhux leġiżlattivi ta' applikazzjoni ġenerali sabiex tissupplimenta jew temenda ċerti elementi mhux essenzjali ta' atti leġiżlattivi, u s-setgħat mogħtija lill-Kummissjoni sabiex tadotta atti ta' implimentazzjoni, jiġifieri atti sabiex tiżgura kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' atti tal-Unjoni legalment vinkolanti. Jenħtieġ li d-Direttivi 2000/60/KE u 2006/118/KE jiġu allinjati mal-qafas legali introdott minn dak it-Trattat.
- (43) Is-setgħa mogħtija fl-Artikolu 20(1), l-ewwel subparagrafu, tad-Direttiva 2000/60/KE, li jipprevedi l-użu tal-proċedura regolatorja bi skrutinju, tissodisfa l-kriterji fl-Artikolu 290(1) TFUE, billi tikkonċerna l-adattamenti tal-Annessi ta' dik id-Direttiva u l-adozzjoni ta' regoli li jissupplimentawha. Għalhekk, jenħtieġ li din tinbidel f'setgħa għall-Kummissjoni sabiex tadotta atti delegati. Is-setgħa mogħtija fit-taqsima 1.4.1(ix) tal-Anness V tad-Direttiva 2000/60/KE, li tipprevedi l-użu tal-proċedura regolatorja bi skrutinju, tissodisfa l-kriterji fl-Artikolu 291(2) TFUE, billi tikkonċerna l-kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dik id-Direttiva. Għalhekk, jenħtieġ li din tiġi kkonvertita għal setgħa għall-Kummissjoni sabiex tadotta atti ta' implimentazzjoni.

²² ĠU C 306, 17.12.2007, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/treaty/lis/sign>.

- (44) Is-setgħa mogħtija fl-Artikolu 8(1) tad-Direttiva 2006/118/KE, li jipprevedi l-użu tal-proċedura regolatorja bi skrutinju, tissodisfa l-kriterji fl-Artikolu 290(1) TFUE, billi tikkonċerna l-adattamenti tal-Partijiet A u C tal-Anness II u l-Annessi III u IV ta' dik id-Direttiva. Għalhekk, jenħtieġ li din tiġi kkonvertita għal setgħa għall-Kummissjoni sabiex tadotta atti delegati.
- (45) Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma tagħha ta' thejġija tal-atti delegati, inkluż fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet²³. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-thejġija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-thejġija ta' atti delegati.

²³ ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_interinstit/2016/512/oj.

- (46) Is-setgħa mogħtija fl-Artikolu 8(3) tad-Direttiva 2000/60/KE, li jipprevedi l-użu tal-proċedura regolatorja bi skrutinju, tissodisfa l-kriterji fl-Artikolu 291(2) TFUE, billi tikkonċerna l-adozzjoni ta' speċifikazzjonijiet tekniċi u metodi standardizzati għall-analiżi u l-monitoraġġ tal-istat tal-ilma u, għalhekk, għandha l-għan li tiżgura kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni armonizzata ta' dik id-Direttiva. Għalhekk, jenħtieġ li din tiġi kkonvertita għal setgħa għall-Kummissjoni sabiex tadotta atti ta' implimentazzjoni. Sabiex tiġi żgurata l-komparabbiltà tad-data, jenħtieġ li s-setgħa mogħtija tiġi estiża wkoll sabiex tinkludi l-istabbiliment ta' formati għar-rapportar tad-data dwar il-monitoraġġ u l-istat f'konformità mal-Artikolu 8(4) tad-Direttiva 2000/60/KE. Jenħtieġ li s-setgħat ta' implimentazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni jkunu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁴.

²⁴ Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jstabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2011/182/oj>).

- (47) Jenħtieġ li l-esperti tal-Istati Membri jibqgħu involuti fil-kooperazzjoni regolari ffaċilitata mill-Istrateġija ta' Implimentazzjoni Komuni għad-Direttiva 2000/60/KE u b'mod partikolari fil-gruppi ta' ħidma stabbiliti skontha, u b'hekk ikunu involuti mill-qrib speċjalment fir-reviżjoni tal-listi ta' sorveljanza, l-aġġornamenti tal-listi ta' sustanzi niġġiesa u l-istabiliment tal-formati ta' rappurtar.
- (48) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tad-Direttiva 2000/60/KE, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni biex tagħti l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u l-metodi standardizzati għall-analiżi u l-monitoraġġ tal-istat tal-ilma f'konformità mal-Anness V ta' dik id-Direttiva, tistabbilixxi l-formati għar-rappurtar tad-data tal-monitoraġġ u tal-istat, tadotta r-risultati tal-eżerċizzju ta' interkalibrazzjoni u l-valuri stabbiliti għall-klassifikazzjonijiet tas-sistema ta' monitoraġġ ta' Stat Membru f'konformità mat-taqsima 1.4.1 (ix) tal-Anness V ta' dik id-Direttiva u tadotta indikaturi ta' progress li jippermettu t-tqabbil tal-progress magħmul mill-Istati Membri lejn il-kisba tal-istat tajjeb jew il-potenzjal tal-korpi tal-ilma tagħhom. Jenħtieġ li daww is-setgħat jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

- (49) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tad-Direttiva 2006/118/KE, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni biex tadotta lista ta' sorveljanza tal-ilma ta' taħt l-art u biex tistabbilixxi lista ta' metaboliti rilevanti u mhux rilevanti tas-sustanzi tal-pestiċidi. Jenħtieġ li dawk is-setgħat jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
- (50) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tad-Direttiva 2008/105/KE, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni sabiex tadotta formati standardizzati għar-rappurtar tal-emissjonijiet minn sors lokalizzat mhux koperti mir-Regolament (UE) 2024/1244 u ta' emissjonijiet diffużi, lill-EEA. Jenħtieġ li dawk is-setgħat jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

- (51) Huwa meħtieġ li jitqies il-progress tekniku u xjentifiku fil-qasam tal-monitoraġġ tal-istat tal-korpi tal-ilma f'konformità mar-rekwiżiti ta' monitoraġġ stabbiliti fl-Anness V tad-Direttiva 2000/60/KE. Għalhekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jitħallew jużaw data u servizzi minn teknoloġiji ta' telerilevament, mill-osservazzjoni tad-dinja, bħas-servizzi ta' Copernicus, minn sensori u apparati in situ, minn sistemi online ta' monitoraġġ tal-kwalità tal-ilma, jew minn data xjentifika taċ-ċittadini, waqt li jisfruttaw l-opportunitajiet offruti mill-intelliġenza artifiċjali u mill-analiżi u l-ipproċessar avvanzati tad-data. F'konformità mal-Istrateġija Diġitali tal-UE, inkluż l-oġġettivi tagħha għal aktar diġitalizzazzjoni tas-servizzi pubbliċi u tan-negozji, l-Istati Membri huma mħeġġa jisfruttaw il-potenzjal tad-diġitalizzazzjoni għall-ġestjoni tal-ilma u b'mod partikolari għall-monitoraġġ tal-kwalità tal-ilma. Huwa importanti li tiġi vvalutata l-fattibbiltà teknika u ekonomika tal-użu ta' sistemi online għall-monitoraġġ kontinwu, preċiż u f'ħin reali tal-kwalità tal-ilma, u li tiġi żviluppata, jekk xieraq, gwida dwar l-applikazzjoni tagħhom. Dan jista' jsir fil-kuntest tal-Istrateġija Komuni ta' Implimentazzjoni tad-Direttiva 2000/60/KE, bl-għan li l-Istati Membri jiġu meġhuna jiddiġitalizzaw, fejn possibbli u xieraq, it-tekniki tagħhom ta' monitoraġġ tal-kwalità tal-ilma. L-Istati Membri li ħadu miżuri biex jiddiġitalizzaw it-tekniki ta' monitoraġġ huma mħeġġa jinkludu sommarju ta' dawk il-miżuri fil-pjanijiet ta' mmaniġġjar tal-baċini tax-xmajjar tagħhom.
- (52) L-Istati Membri jenħtieġ li jinkoraġġixxu l-użu ta' għodod diġitali bħat-teknoloġiji ta' telerilevament u l-osservazzjoni tad-dinja, bħas-servizzi ta' Copernicus.

- (53) L-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jappoġġaw it-taħriġ, il-programmi ta' żvilupp tal-ħiliet u l-investiment fil-kapital uman biex jappoġġaw l-implimentazzjoni effettiva tal-aħjar teknoloġiji u soluzzjonijiet innovattivi fil-qafas tad-Direttiva 2000/60/KE.
- (54) F'konformità mal-Konvenzjoni dwar l-Aċċess għall-Informazzjoni, il-Parteċipazzjoni tal-Pubbliku fit-Teħid ta' Deċiżjonijiet u l-Aċċess għall-Ġustizzja fi Kwistjonijiet Ambjentali²⁵, iffirmata f'Aarhus fil-25 ta' Ġunju 1998, il-membri tal-pubbliku kkonċernati jenħtieġ li jkollhom aċċess għall-ġustizzja sabiex jikkontribwixxu għall-protezzjoni tad-dritt ta' għajxien f'ambjent li huwa adegwat għas-saħħa u l-benesseri personali. Għalhekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw l-aċċess għall-ġustizzja skont id-Direttiva 2000/60/KE f'konformità ma' dik il-Konvenzjoni. Barra minn hekk, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, huma l-qrati tal-Istati Membri li jiżguraw il-protezzjoni ġudizzjarja tad-drittijiet ta' persuna skont id-dritt tal-Unjoni. Barra minn hekk, l-Artikolu 19(1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) jeħtieġ li l-Istati Membri jipprovdur rimedji suffiċjenti biex jiżguraw protezzjoni ġudizzjarja effettiva fl-oqsma koperti mid-dritt tal-Unjoni.

²⁵ ĠU L 124, 17.5.2005, p. 4, ELI: <http://data.europa.eu/eli/convention/2005/370/oj>.

(55) Meta jitqiesu ż-żidiet f'eventi tat-temp imprevedibbli, b'mod partikolari għargħar estrem u nixfa fit-tul, u finċidenti ta' tniġġis sinifikanti li jirriżultaw fi tniġġis aċċidentali transfruntier jew li jaggravawh, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu meħtieġa jiżguraw li informazzjoni dwar tali inċidenti tingħata mingħajr dewmien lil Stati Membri oħra potenzjalment affettwati u jikkooperaw b'mod effettiv ma' tali Stati Membri biex itaffu l-effetti tal-event jew tal-inċident. Huwa meħtieġ ukoll li tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u li jiġu ssimplifikati l-proċeduri għall-kooperazzjoni transfruntiera f'każ ta' kwistjonijiet transfruntiera aktar strutturali, jiġifieri mhux aċċidentali u aktar fit-tul, li ma jistgħux jissolvew fil-livell tal-Istati Membri, f'konformità mal-Artikolu 12 tad-Direttiva 2000/60/KE. Meta l-Istati Membri jkunu diġà stabbilew kooperazzjoni effettiva, jenħtieġ li dan jitqies. Jekk tkun meħtieġa l-assistenza tal-Unjoni, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jistgħu jibagħtu talbiet għal assistenza liċ-Ċentru ta' Koordinazzjoni tar-Rispons ta' Emerġenza tal-Kummissjoni, li ser jiffaċilia l-koordinazzjoni tal-għoti tal-assistenza meħtieġa permezz tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili, f'konformità mal-Artikolu 15 tad-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁶. Barra minn hekk, meta jitqies li d-distretti tal-baċini tax-xmajjar jistgħu jestendu wkoll lil hinn mit-territorju tal-Unjoni, importanti li jiġi żgurat li l-Istati Membri jimplimentaw b'mod effettiv id-Direttiva 2000/60/KE fit-territorji rispettivi tagħhom. Jenħtieġ ukoll li l-Istati Membri jistinkaw biex jistabbilixxu koordinazzjoni xierqa mal-pajjiżi terzi rilevanti li tikkontribwixxi għat-tweqqiq tal-oġġettivi stipulati minn dik id-Direttiva għal dawk id-distretti speċifiċi tal-baċini tax-xmajjar.

²⁶ Id-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (ĠU L 347 20.12.2013, p. 924, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2013/1313/oj>).

- (56) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tirrapporta dwar il-possibbiltà li jiġi inkluż mekkaniżmu ta' responsabbiltà estiża tal-produttur fid-Direttiva 2000/60/KE. Dak ir-rapport jenħtieġ li jqis l-esperjenza miksuba b'mod partikolari mill-implimentazzjoni tad-dispozzjonijiet dwar ir-responsabbiltà estiża tal-produttur fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar it-trattament tal-ilma urban mormi, l-iskart, u l-plastik li jintuża darba biss.
- (57) Għalhekk, jenħtieġ li d-Direttivi 2000/60/KE, 2006/118/KE u 2008/105/KE jiġu emendati kif xieraq.
- (58) Minħabba li l-objettivi ta' din id-Direttiva, jiġifieri li jiġi żgurat livell għoli ta' ħarsien tal-ambjent u titjib tal-kwalità ambjentali tal-ilma ħelu Ewropew, ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri waħedhom, iżda jistgħu minflok, minħabba n-natura transkonfinali tat-tniġġis tal-ilma, jintlaħqu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 TUE. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu dawk l-objettivi,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1
Emendi għad-Direttiva 2000/60/KE

Id-Direttiva 2000/60/KE hija emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 1, ir-raba' inċiż huwa sostitwit b'dan li ġej:

"– għall-ilħuq tal-oġġettivi ta' ftehimiet internazzjonali rilevanti, inkluż dawk bil-mira tal-prevenzjoni u l-eliminazzjoni tat-tniġġis tal-ambjent tal-baħar, permezz ta' azzjoni tal-Unjoni sabiex jitwaqqfu jew jiġu eliminati b'mod gradwali l-ħruġ, l-emissjonijiet u t-telf ta' sustanzi prijoritarji perikolużi, bl-għan aħħari li jinkisbu konċentrazzjonijiet fl-ambjent tal-baħar qrib il-livelli ta' sfond għal sustanzi li jinstabu b'mod naturali u qrib iż-zero għal sustanzi sintetiċi magħmula mill-bniedem.";

(2) l-Artikolu 2 huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt 24 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"24. "Stat kimiku tajjeb tal-ilma tal-wiċċ" tfisser l-istat kimiku meħtieġ sabiex jintlaħqu l-objettivi ambjentali għall-ilmijiet tal-wiċċ stabbiliti fl-Artikolu 4(1), il-punt (a), ta' din id-Direttiva, jiġifieri l-istat kimiku miksub minn korp tal-ilma tal-wiċċ li fih il-konċentrazzjonijiet ta' kontaminanti la jaqbżu l-istandards ta' kwalità ambjentali għas-sustanzi prijorarji elenkati fil-Parti A tal-Anness I tad-Direttiva 2008/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill* u lanqas l-istandards ta' kwalità ambjentali għall-kontaminanti speċifiċi għall-baċini tax-xmara stabbiliti u applikati skont l-Artikolu 8d ta' dik id-Direttiva, u li fih lanqas ma jinqabżu l-valuri ta' skattar ibbażati fuq l-effett, jekk ikunu disponibbli.

* Id-Direttiva 2008/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar standards ta' kwalità ambjentali fil-qasam tal-politika tal-ilma, li temenda u sussegwentement tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 82/176/KEE, 83/513/KEE, 84/156/KEE, 84/491/KEE, 86/280/KEE u li temenda d-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 348, 24.12.2008, p. 84, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2008/105/oj>).";

(b) il-punt 30 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"30. "Sustanzi prijoritarji" tfisser is-sustanzi elenkati fil-Parti A tal-Anness I tad-Direttiva 2008/105/KE, jiġifieri sustanzi li jippreżentaw riskju sinifikanti għall-ambjent akkwatiku jew permezz tiegħu u jingħataw prijorità skont l-Artikolu 16(2) ta' din id-Direttiva.";

(c) jiddaħħlu l-punti li ġejjin:

"30a. "Sustanzi prijoritarji perikolużi" tfisser sustanzi prijoritarji li huma identifikati bħala 'perikolużi' skont il-leġiżlazzjoni msemmija fl-Artikolu 16(3).

30b. "Kontaminanti speċifiċi għall-baċini tax-xmajjar" tfisser kontaminanti li mhumiex jew ma għadhomx identifikati bħala sustanzi prijoritarji, iżda li l-Istati Membri identifikaw, abbażi tal-valutazzjoni tal-pressjonijiet u l-impatti fuq il-korpi tal-ilma tal-wiċċ imwettqa f'konformità mal-Anness II, bħala li joħorġu jew li jiġu ddepożitati fi kwantitajiet sinifikanti f'baċin ta' xmara jew f'sottobaċin u b'hekk joħolqu riskju sinifikanti għall-ambjent akkwatiku jew permezz tiegħu fit-territorju tagħhom.";

(d) il-punt 35 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"35. "Standards ta' kwalità ambjentali" tfisser il-konċentrazzjoni ta' kontaminant partikolari jew grupp ta' kontaminanti fl-ilma, sediment jew bijota li ma jridux jinqabżu sabiex tiġi protetta s-saħħa tal-bniedem u l-ambjent.";

(e) jiddaħħal il-punt li ġej:

"35a. "Valur ta' skattar ibbażat fuq l-effetti" tfisser livell limitu għall-effetti ta' kontaminanti jew grupp ta' kontaminanti fl-ilma, fis-sediment jew fil-bijota, fejn dawk l-effetti jitkejlu b'metodu ta' monitoraġġ xieraq u vvalidat xjentifikament ibbażat fuq l-effetti, li jekk jinqabeż jista' jkun hemm effetti negattivi fuq is-saħħa tal-bniedem jew fuq l-ambjent minn dak il-kontaminant jew grupp ta' kontaminanti fl-ilma, fis-sediment jew fil-bijota.";

(f) il-punt 37 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"37. "ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem" tfisser ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (1), tad-Direttiva (UE) 2020/2184 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*.

* Id-Direttiva (UE) 2020/2184 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar il-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem (ĠU L 435, 23.12.2020, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2020/2184/oj>).";

(g) jżdzied il-punt li ġej:

"42. "Deterjorament tal-istat ta' korp tal-ilma" tfisser it-tnaqqis fil-kwalità tal-istat ta' mill-inqas wieħed mill-elementi ta' kwalità, skont it-tifsira tal-Anness V, bi klassi waħda, anke jekk dak it-tnaqqis ma jirriżultax fi tnaqqis fil-klassifikazzjoni tal-korp tal-ilma kollu kemm hu; madankollu, jekk element ta' kwalità jkun diġà fil-klassi l-aktar baxxa, kwalunkwe deterjorament ulterjuri ta' dak l-element jikkostitwixxi deterjorazzjoni tal-istat tal-korp tal-ilma.";

(3) l-Artikolu 4 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:

(i) fil-punt (a), il-punti (i), (ii) u (iii) huma sostitwiti b'dan li ġej:

"(i) L-Istati Membri jridu jimplimentaw il-miżuri meħtieġa biex jipprevjenu deterjorazzjoni tal-istat ta' kull korp tal-ilma tal-wiċċ, soġġett għall-applikazzjoni tal-paragrafi 6 sa 7b u mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 8;

- (ii) L-Istati Membri għandhom jiproteġu, isaħħu u jirrestawraw il-korpi kollha tal-ilma tal-wiċċ, soġġett għall-applikazzjoni tal-punti (iii) għal korpi tal-ilma artifiċjali u modifikati ħafna, bil-għan li jinkiseb stat tajjeb tal-ilma tal-wiċċ mhux aktar tard minn 15-il sena wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, f'konformità mad-dispożizzjonijiet imniżżla fl-Anness V, soġġett għall-applikazzjoni ta' estensjonijiet determinati skont il-paragrafu 4 u għall-applikazzjoni tal-paragrafi 5 sa 7b mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 8;
 - (iii) L-Istati Membri għandhom jiproteġu u jsaħħu l-korpi tal-ilma kollha artifiċjali u modifikati ħafna, bil-għan li jinkiseb potenzjal ekoloġiku tajjeb u stat kimiku tajjeb tal-ilma tal-wiċċ mhux aktar tard minn 15-il sena wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, f'konformità mad-dispożizzjonijiet imniżżla fl-Anness V, soġġett għall-applikazzjoni ta' estensjonijiet determinati skont il-paragrafu 4 u għall-applikazzjoni tal-paragrafi 5 sa 7b mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 8;"
- (ii) fil-punt (b), il-punti (i) u (ii) huma sostitwiti b'dan li ġej:
- "(i) L-Istati Membri għandhom jimplementaw il-miżuri meħtieġa biex jipprevjenu jew jillimitaw id-dħul tal-kontaminanti fl-ilma ta' taħt l-art u biex jipprevjenu id-deterjorazzjoni tal-istat tal-korpi kollha tal-ilma ta' taħt l-art, soġġett għall-applikazzjoni tal-paragrafi 6 sa 7b ta' dan l-Artikolu u mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 8 tiegħu u soġġett għall-applikazzjoni tal-Artikolu 11(3)(j);

- (ii) L-Istati Membri għandhom jipproteġu, jsaħħu u jirrestawraw il-korpi kollha tal-ilma ta' taħt l-art u jiżguraw bilanċ bejn estrazzjoni u r-recharge tal-ilma ta' taħt l-art, bil-għan li jinkiseb stat tajjeb tal-ilma ta' taħt l-art mhux aktar tard minn 15-il sena wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, f'konformità mad-dispożizzjonijiet imniżżla fl-Anness V, soġġett għall-applikazzjoni ta' estensjonijiet determinati skont il-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu u għall-applikazzjoni tal-paragrafi 5 sa 7b tiegħu mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 8 ta' dan l-Artikolu u soġġett għall-applikazzjoni tal-Artikolu 11(3)(j)";
- (iii) fil-punt (b)(iii), it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Il-miżuri sabiex jinkiseb tregġiġh lura tat-tendenzi għandhom jiġu implimentati f'konformità mal-Artikolu 17(2) ta' din id-Direttiva u l-Artikolu 5 u l-Anness IV tad-Direttiva 2006/118/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*, soġġetti għall-applikazzjoni tal-paragrafi 6 sa 7b ta' dan l-Artikolu u mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 8 tiegħu.

* Id-Direttiva 2006/118/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar il-prevenzjoni u l-kontroll tat-tniġġis tal-ilma ta' taħt l-art (ĠU L 372, 27.12.2006, p. 19, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2006/118/oj>");

(b) jiddaħħlu l-paragrafi li ġejjin:

"7a. L-Istati Membri ma jkunux qed jiksru din id-Direttiva meta kwalunkwe impatt negattiv fuq terminu qasir fuq element ta' kwalità wieħed jew aktar ta' korp tal-ilma kkawżat minn proġett ġdid jew modifika għal proġett eżistenti f'dak il-korp tal-ilma ma jkunx jista' jiġi identifikat aktar wara sena jew, għal elementi ta' kwalità bijoloġiċi, wara massimu ta' tliet snin mill-bidu tal-eżekuzzjoni tal-proġett, u jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

- (a) l-impatt negattiv mhux ir-riżultat ta' ħruġ, emissjonijiet jew telf diretti ta' kontaminant;
- (b) il-potenzjal li jseħħ l-impatt negattiv jiġi vvalutat b'mod affidabbli ex ante minn awtorità kompetenti, u jiġi konkluż li ma jkun hemm l-ebda impatt negattiv għall-korp tal-ilma kkonċernat jew għal kwalunkwe korp tal-ilma konness wara sena jew, għal elementi ta' kwalità bijoloġika, wara massimu ta' tliet snin;
- (c) titwettaq verifika ex post;
- (d) jittieħdu l-miżuri prattikabbli kollha biex jittaffa kwalunkwe impatt negattiv fuq il-korp tal-ilma jew fuq kwalunkwe korp tal-ilma konness ma' oħrajn; u

- (e) sommarju tal-attivitajiet ewlenin imwettqa f'konformità ma' dan il-paragrafu, ir-riżultati rilevanti tal-verifika ex post, u l-miżuri meħuda biex jittaffew l-impatti negattivi, huwa inkluż fil-pjan ta' mmaniġġjar tal-baċini tax-xmajjar meħtieġ skont l-Artikolu 13.

Għall-finijiet tat-tweġiq tal-verifika ex post skont il-punt (c) tal-ewwel subparagrafu, jistgħu jintużaw arranġamenti ta' monitoraġġ eżistenti stabbiliti skont l-Anness V u, fejn meħtieġ, dawn għandhom jiġu ssupplimentati b'monitoraġġ ad hoc addizzjonali.

- 7b. L-Istati Membri ma jkunux qed jiksru din id-Direttiva meta d-deterjorazzjoni sseħħ fl-istat ta' korp tal-ilma riċeventi b'riżultat tar-rilokazzjoni, permezz ta' azzjoni mill-bniedem, tal-ilma jew tas-sediment mill-istess korp tal-ilma tal-wiċċ jew minn korp ieħor tal-ilma tal-wiċċ, jew minn korp tal-ilma ta' taħt l-art għal korp tal-ilma tal-wiċċ riċeventi, mingħajr ma tiġi kkawżata żieda netta fil-massa tal-kontaminanti, u jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:
 - (a) jittieħdu l-passi prattikabbli kollha, b'mod partikolari t-trattament tal-ilma jew tas-sediment, jekk fattibbli, biex jiġi minimizzat it-trasferiment tal-massa tal-kontaminanti biex jittaffa l-impatt negattiv fuq l-istat tal-korpi tal-ilma affettwati mir-rilokazzjoni;
 - (b) tiġi stabbilita l-kompożizzjoni tal-ilma jew tas-sedimenti li għandhom jiġu rilokati, u r-rilokazzjoni ma żżidx ir-riskju ġenerali għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent meta mqabbla mar-riskju eżistenti qabel ir-rilokazzjoni;

- (c) il-korp tal-ilma tal-wiċċ riċeventi jiġi kkonfermat li diġà mhuwiex fi stat kimiku tajjeb fir-rigward tal-biċċa l-kbira tal-kontaminanti rilokati, u b'mod partikolari fir-rigward tal-aktar kontaminanti persistenti u bjoakkumulattivi rilokati, u l-istat ekoloġiku jew il-potenzjal tal-korp tal-ilma riċeventi mhuwiex mistenni li jaqa' fi klassi aktar baxxa bħala riżultat tar-rilokazzjoni ta' daww il-kontaminanti;
- (d) ir-rilokazzjoni ma għandhiex tirriżulta f'żieda fit-trattament ta' purifikazzjoni meħtieġ għall-produzzjoni tal-ilma tax-xorb;
- (e) fil-korp tal-ilma riċeventi, tkun għet stabbilita żona fejn ir-rilokazzjoni hija pprojbita madwar kwalunkwe punt ta' estrazzjoni għall-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem;
- (f) ma jkunx hemm għażliet ambjentali aħjar b'mod sinifikanti għal raġunijiet ta' fattibbiltà teknika jew kost sproprorzjonat;
- (g) ir-rilokazzjoni hija soġġetta għal regolamentazzjoni jew awtorizzazzjoni minn qabel; u
- (h) jiġi inkluż sommarju fil-pjan ta' mmaniġġjar għall-baċini tax-xmajjar meħtieġ skont l-Artikolu 13, inkluż informazzjoni relatata mal-punti (a) sa (g) ta' dan il-paragrafu u r-raġunijiet għar-.";

(c) il-paragrafi 8 u 9 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"8. Meta japplika l-paragrafi 3 sa 7b, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kisba tal-objettivi ta' din id-Direttiva f'korpi oħra tal-ilma fl-istess distrett tal-baċin tax-xmara ma tiġix eskluża jew kompromessa b'mod permanenti u li l-applikazzjoni ta' dawk id-dispożizzjonijiet tkun konsistenti mal-implimentazzjoni ta' leġislazzjoni ambjentali oħra tal-Unjoni.

9. L-Istati Membri għandhom jieħdu passi biex jiġi żgurat li l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet il-ġodda, inkluż l-applikazzjoni tal-paragrafi 3 sa 7b, tiggarrantixxi għall-anqas l-istess livell ta' protezzjoni bħal-leġislazzjoni eżistenti tal-Unjoni.";

(4) L-Artikolu 7(2) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Għal kull korp tal-ilma identifikat skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, minbarra li jilhqg l-objettivi tal-Artikolu 4 ta' din id-Direttiva f'konformità mar-rekwiżiti ta' din id-Direttiva, għal korpi tal-ilma tal-wiċċ, inkluż l-istandards ta' kwalità stabbiliti fil-livell tal-Unjoni skont l-Artikolu 16 ta' din id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li taħt ir-reġim tat-trattament tal-ilma applikat, u f'konformità mal-leġislazzjoni tal-Unjoni, l-ilma li jirriżulta ser jissodisfa r-rekwiżiti tad-Direttiva (UE) 2020/2184.";

(5) l-Artikolu 8 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Il-Kummissjoni tingħata setgħat li tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u l-metodi standardizzati għall-analiżi u l-monitoraġġ tal-istat tal-ilma f'konformità mal-Anness V, tistabbilixxi l-formati għar-rappurtar tad-data tal-monitoraġġ u tal-istat, tadotta r-riżultati tal-eżerċizzju ta' interkalibrazzjoni u l-valuri stabbiliti għall-klassifikazzjonijiet tas-sistema ta' monitoraġġ ta' Stat Membru f'konformità mat-taqsim 1.4.1 (ix) tal-Anness V u tadotta l-indikaturi ta' progress li jippermettu t-tqabbil tal-progress magħmul mill-Istati Membri lejn il-kisba tal-istat tajjeb jew il-potenzjal tal-korpi tal-ilma tagħhom. Meta tistabbilixxi l-formati għar-rappurtar tad-data dwar il-monitoraġġ u l-istat, il-Kummissjoni tista' tuża l-appoġġ tekniku u xjentifiku disponibbli mill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA). Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 21(2).";

(b) jiżdiedu l-paragrafi li ġejjin:

- "4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-data ta' monitoraġġ disponibbli u vvalidata dwar l-elementi ta' kwalità bijoloġika fl-ilmijiet tal-wiċċ miġbura f'konformità mat-taqsimi 1.3 tal-Anness V ta' din id-Direttiva ssir disponibbli għall-pubbliku u għall-EEA kull tliet snin, u li d-data ta' monitoraġġ disponibbli u vvalidata dwar l-elementi ta' kwalità kimika fl-ilmijiet tal-wiċċ u fl-ilma ta' taħt l-art miġbura f'konformità mat-taqsimiet 1.3 u 2.4 tal-Anness V ta' din id-Direttiva ssir disponibbli għall-pubbliku u għaż-ŻEE kull sentejn b'mod elettroniku f'konformità mad-Direttivi 2003/4/KE*, 2007/2/KE** u (UE) 2019/1024*** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Għal dawk il-finijiet, l-Istati Membri għandhom jużaw il-formati stabbiliti f'konformità mal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu u l-mekkaniżmi awtomatizzati ta' rapportar u ta' twassil tad-data allinjati mal-flussi tad-data rilevanti tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar l-Ilma għall-Ewropa dwar l-Istat tal-Ambjent.
5. L-EEA għandha tiżgura li l-informazzjoni magħmula disponibbli f'konformità mal-paragrafu 4 tiġi pproċessata u analizzata regolarment għall-fini li ssir disponibbli, permezz ta' portali rilevanti tal-Unjoni, għall-użu mill-ġdid mill-Kummissjoni u mill-aġenziji rilevanti tal-Unjoni u għall-fini li tiġi pprovduta lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-pubbliku informazzjoni oġġettiva, affidabbli u komparabbli, f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 401/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill****.

6. Sa ... [18-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja], il-Kummissjoni għandha tippubblika rapport dwar l-għażliet għall-istabbiliment, il-finanzjament u l-funzjonament ta' faċilità ta' monitoraġġ konġunt tal-Unjoni Ewropea.

Ir-rapport għandu jkoll, fost l-oħrajn, dan li ġej:

- (a) in-natura volontarja tal-użu ta' tali faċilità ta' monitoraġġ konġunt;
- (b) l-ambitu tal-analiżijiet li għandhom jitwettqu minn tali faċilità, inkluż il-firxa ta' sustanzi u indikaturi li għandhom jiġu koperti mil-listi stabbiliti skont din id-Direttiva, id-Direttiva 2006/118/KE u d-Direttiva 2008/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill****;
- (c) is-sorsi ta' finanzjament għal tali faċilità, li jistgħu jinkludu kofinanzjament mill-Unjoni;
- (d) il-mudell operazzjonali ta' tali faċilità, filwaqt li jitqiesu kemm l-opzjonijiet ċentralizzati kif ukoll dawk deċentralizzati;

Wara r-rapport, il-Kummissjoni għandha, fejn xieraq, tippreżenta proposta leġiżlattiva sabiex tistabbilixxi faċilità ta' monitoraġġ konġunt tal-Unjoni Ewropea.

-
- * Id-Direttiva 2003/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2003 dwar l-aċċess pubbliku għat-tagħrif ambjentali u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 90/313/KEE (ĠU L 41, 14.2.2003, p. 26, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2003/4/oj>).
- ** Id-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2007 li tistabbilixxi Infrastruttura għall-Infommazzjoni Ġeografika fil-Komunità Ewropea (INSPIRE) (ĠU L 108, 25.4.2007, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2007/2/oj>).
- *** Id-Direttiva (UE) 2019/1024 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar id-data miftuħa u l-użu mill-ġdid tal-infommazzjoni tas-settur pubbliku (ĠU L 172, 26.6.2019, p. 56, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2019/1024/oj>).
- **** Ir-Regolament (KE) Nru 401/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent u n-Network Ewropew ta' Infommazzjoni u Osservazzjoni tal-Ambjent (ĠU L 126, 21.5.2009, p. 13, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2009/401/oj>).
- ***** Id-Direttiva 2008/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar standards ta' kwalità ambjentali fil-qasam tal-politika tal-ilma, li temenda u sussegwentement tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 82/176/KEE, 83/513/KEE, 84/156/KEE, 84/491/KEE, 86/280/KEE u li temenda d-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 348, 24.12.2008, p.84, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2008/105/oj>).";

(6) l-Artikolu 10 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Għall-fini tal-konformità mal-objettivi, mal-istandards tal-kwalità u mal-valuri ta' limitu stabbiliti skont din id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom jiżguraw l-istabbiliment u l-implimentazzjoni ta' dawn li ġejjin:

- (a) il-kontrolli tal-emissjonijiet ibbażati fuq l-aħjar tekniki disponibbli;
- (b) il-valuri ta' limitu tal-emissjonijiet rilevanti;
- (c) fil-każ ta' impatti mifruxa, il-kontrolli jinkludu, kif xieraq, l-aħjar prattiċi ambjentali,

f'konformità mad-Direttiva tal-Kunsill 91/676/KEE* u d-Direttivi 2009/128/KE**, 2010/75/UE*** u (UE) 2024/3019**** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, kif ukoll kwalunkwe leġislazzjoni oħra tal-Unjoni rilevanti għall-indirizzar tat-tniġġis minn sors lokalizzat jew mit-tniġġis mifruż inkluż kwalunkwe leġislazzjoni rilevanti adottata f'konformità mal-Artikolu 16 ta' din id-Direttiva.

-
- * Id-Direttiva 91/676/KEE tat-12 ta' Diċembru 1991 dwar il-protezzjoni tal-ilma kontra t-tniġġis ikkawżat min-nitrati minn sorsi agrikoli (ĠU L 375, 31.12.1991, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/1991/676/oj>).
- ** Id-Direttiva 2009/128/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja biex jinkiseb użu sostenibbli tal-pestiċidi (ĠU L 309, 24.11.2009, p. 71, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2009/128/oj>).
- *** Id-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar l-emissjonijiet industrijali u l-emissjonijiet mit-trobbija tal-bhejjem (il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis) (ĠU L 334, 17.12.2010, p. 17, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2010/75/oj>).
- **** Id-Direttiva (UE) 2024/3019 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2024 dwar it-trattament tal-ilma mormi urban (ĠU L, 2024/3019, 12.12.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2024/3019/oj>).";

(b) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

- "3. Fejn objettiv ta' kwalità, standard ta' kwalità jew limitu, kemm jekk stabbilit skont din id-Direttiva, skont id-Direttivi 2006/118/KE jew 2008/105/KE, jew skont kwalunkwe leġislazzjoni tal-Unjoni oħra, ikun jeħtieġ kundizzjonijiet aktar stretti minn dawk li jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-paragrafu 2, għandhom jiġu stabbiliti kontrolli tal-emissjonijiet aktar stretti kif xieraq.";

(7) l-Artikolu 11 huwa emendat kif ġej:

(a) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"1a. Meta jindirizzaw it-tniġġis kimiku, l-Istati Membri għandhom, fejn possibbli, jipprijoritizzaw il-miżuri ta' kontroll fis-sors f'konformità mal-leġiżlazzjoni settorjali rilevanti tal-Unjoni dwar it-tniġġis. Fejn meħtieġ, għandhom jiġu kkunsidrati wkoll miżuri biex jitnaqqas ir-riskju minn kontaminanti potenzjali diġà fil-prodotti u minn kontaminanti li diġà jinsabu fl-ambjent għall-fini li jinkiseb stat tajjeb tal-korpi tal-ilma.";

(b) fil-paragrafu 3, il-punt (k) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(k) f'konformità ma' azzjoni meħuda skont l-Artikolu 16, il-miżuri sabiex jiġi eliminat it-tniġġis tal-ilmijiet tal-wiċċ minn sustanzi prijorarji perikolużi u sabiex jitnaqqas b'mod progressiv it-tniġġis minn sustanzi oħrajn li inkella jipprevjenu lill-Istati Membri milli jilhq u l-objettivi ambjentali għall-korpi tal-ilmijiet tal-wiċċ stabbiliti fl-Artikolu 4;"

(c) fl-paragrafu 5, it-tieni inċiż huwa sostitwit b'dan li ġej:

"– permessi u awtorizzazzjonijiet rilevanti huma eżaminati u riveduti, kif xieraq,";

(8) L-Artikolu 12 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 12

Kwistjonijiet li ma jistgħux jiġu ttrattati fil-livell tal-Istati Membri

- "1. Meta Stat Membru jidentifika kwistjoni li jkollha impatt fuq il-ġestjoni tal-ilma tiegħu, iżda li ma tkunx tista' tissolva minn dak l-Istat Membru, huwa għandu jinnotifika l-kwistjoni lill-awtoritajiet kompetenti ta' kwalunkwe Stat Membru rilevanti u, fejn ikun ikkonċernat distrett ta' baċin tax-xmara internazzjonali, lil kwalunkwe struttura ta' koordinazzjoni rilevanti identifikata skont l-Artikolu 3(4) u jagħmel rakkomandazzjonijiet għar-riżoluzzjoni tagħha.
2. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jikkooperaw sabiex jidentifikaw is-sorsi tal-kwistjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 u l-miżuri meħtieġa sabiex jiġu indirizzati dawk il-kwistjonijiet.

L-Istati Membri għandhom jirrispondu lil xulxin fil-ħin, u mhux aktar tard minn tliet xhur wara n-notifika msemmija fil-paragrafu 1.

3. Il-Kummissjoni għandha tiġi informata, u tkun mistiedna tassisti fi kwalunkwe kooperazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu. Fejn xieraq, il-Kummissjoni għandha, filwaqt li tqis il-pjanijiet irrapportati skont l-Artikolu 15, tikkunsidra jekk hemmx bżonn li tittieħed azzjoni ulterjuri fil-livell tal-Unjoni sabiex jitnaqqsu l-impatti transfruntiera fuq il-korpi tal-ilma.[...]

4. Il-Kummissjoni għandha tikkummenta fi żmien sitt xhur dwar kwalunkwe rakkomandazzjoni li tirċievi mill-Istati Membri fil-kuntest tal-kooperazzjoni msemmija fil-paragrafi 2 u 3.
5. Meta Stat Membru jiffaċċa ċirkostanzi eċċezzjonali ta' oriġini naturali jew antropoġenika jew ta' force majeure, b'mod partikolari għargħar estrem u nixfiet fit-tul, jew inċidenti sinifikanti ta' tniġġis, li jistgħu jaffettwaw lill-korpi tal-ilma li jinsabu fi Stati Membri oħra, dak l-Istat Membru għandu jiżgura li l-awtoritajiet kompetenti għall-korpi tal-ilma affettwati f'dawk l-Istati Membri, kif ukoll kwalunkwe struttura rilevanti ta' koordinazzjoni identifikata fl-Artikolu 3(4) għal baċin tax-xmara internazzjonali, u l-Kummissjoni, jiġu informati mingħajr dewmien, u li tiġi stabbilita l-kooperazzjoni meħtieġa bejn l-Istati Membri affettwati, jekk ma tkunx diġà stabbilita, u użata sabiex jiġu investigati l-kawżi u jiġu indirizzati l-konsegwenzi taċ-ċirkostanzi eċċezzjonali jew tal-inċidenti u jiġi mobilizzat ir-rispons ta' emerġenza kif xieraq.";

(9) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"Artikolu 14a

Aċċess għall-ġustizzja

1. F'konformità mal-oġġettiv li jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni dwar l-Aċċess għall-Infurmazzjoni, il-Parteċipazzjoni tal-Pubbliku fit-Teħid ta' Deċiżjonijiet u l-Aċċess għall-Ġustizzja fi Kwistjonijiet Ambjentali*, iffirmata f'Aarhus fil-25 ta' Ġunju 1998, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li f'konformità mas-sistema legali nazzjonali rilevanti, il-membri tal-pubbliku kkonċernati jkollhom aċċess għal proċedura ta' rieżami quddiem qorti tal-ġustizzja jew korp indipendenti u imparzjali ieħor stabbilit bil-liġi, biex jikkontestaw il-legalità sostantiva jew proċedurali ta' deċiżjonijiet, atti jew ommissjonijiet soġġetti għall-Artikoli 4 u 11 u l-Artikolu 13(1) ta' din id-Direttiva, fejn tiġi ssodisfata mill-inqas waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

- (a) ikollhom interess suffiċjenti; jew
- (b) isostnu li kien hemm indeboliment ta' dritt, meta l-liġi amministrattiva proċedurali ta' Stat Membru tirrikjedi dan bħala prekundizzjoni.

2. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw x'jikkostitwixxi interess suffiċjenti u indeboliment ta' dritt, f'konsistenza mal-oġettiv li l-pubbliku kkonċernat jingħata aċċess wiesa' għall-ġustizzja. Għal dan il-fini, l-interess ta' kull organizzazzjoni mhux governattiva li tippromwovi l-protezzjoni tal-ambjent u li tissodisfa rekwiżiti imposti skont id-dritt nazzjonali għandu jitqies suffiċjenti għall-finijiet tal-paragrafu 1(a). Għall-fini tal-paragrafu 1(b), tali organizzazzjonijiet għandhom jitqiesu wkoll li għandhom drittijiet li jistgħu jiġu mfixkla.
3. Il-parteċipazzjoni fil-proċedura ta' rieżami ma għandhiex tkun tiddependi fuq ir-rwol li kellu l-membri tal-pubbliku kkonċernat matul fażi parteċipattiva tal-proċeduri tat-teħid ta' deċiżjonijiet skont din id-Direttiva.
4. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw f'liema stadju jistgħu jiġu kkontestati d-deċiżjonijiet, l-atti jew l-ommissjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1.
5. Il-proċedura ta' rieżami għandha tkun ġusta, ekwa, f'waqtha u mhux għalja b'mod projbittiv, u għandha tipprevedi mekkaniżmi ta' rimedju adegwati u effettivi, inkluż rimedju b'mandat ta' inibizzjoni fejn ikun xieraq.
6. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-pubbliku jkollu għad-dispożizzjoni tiegħu informazzjoni prattika dwar l-aċċess għall-proċeduri ta' rieżami amministrattiv u ġudizzjarju msemmija f'dan l-Artikolu.

* ĠU L 124, 17.5.2005, p. 4, ELI: <http://data.europa.eu/eli/convention/2005/370/oj>.

- (10) fl-Artikolu 15, jitħassar il-paragrafu 3;
- (11) L-Artikolu 16 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 16

Strateġiji kontra t-tniġġis tal-ilma

1. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom jadottaw miżuri speċifiċi kontra t-tniġġis tal-ilma minn kontaminanti individwali jew gruppi ta' kontaminanti li jippreżentaw riskju sinifikanti għall-ambjent akkwatiku jew permezz tiegħu, inkluż dawk ir-riskji għal ilmijiet użati għall-estrazzjoni tal-ilma tax-xorb. Għal dawk il-kontaminanti, il-miżuri għandu jkollhom il-mira li jnaqqsu progressivament is-sustanzi prijoritarji, kif definit fl-Artikolu 2(30), u fil-waqfien jew fil-waqfien gradwali ta' ħruġ, emissjonijiet u telf ta' sustanzi prijoritarji perikolużi, kif definit fl-Artikolu 2(30a). Tali miżuri għandhom jiġu adottati billi tittieħed azzjoni fuq il-proposti preżentati mill-Kummissjoni f'konformità mal-proċeduri stabbiliti fit-Trattat.

2. Il-Kummissjoni għandha tirrieżamina l-lista ta' sustanzi prijoritarji u l-istandards ta' kwalità ambjentali għal dawk is-sustanzi kif jinsabu fil-Parti A tal-Anness I tad-Direttiva 2008/105/KE sa ... [*sitt snin wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja*] u kull sitt snin minn hemm 'il quddiem, u, fejn xieraq, mar-rieżami tippreżenta proposta leġiżlattiva biex taġġorna l-lista ta' sustanzi prijoritarji u l-istandards ta' kwalità korrispondenti fl-ilma tal-wiċċ, is-sediment jew il-bijota. Meta twettaq ir-rieżami, il-Kummissjoni għandha tipprijoritizza s-sustanzi għal azzjoni abbażi tar-riskju għall-ambjent akkwatiku jew permezz tiegħu, identifikati minn:
- (a) valutazzjoni tar-riskju mwettqa skont id-Direttiva 2001/83/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*, ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**, id-Direttiva 2009/128/KE u r-Regolamenti (KE) Nru 1107/2009***, (UE) Nru 528/2012**** u (UE) 2019/6***** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill; jew
 - (b) proċedura simplifikata ta' valutazzjoni bbażata fuq ir-riskju msejsa fuq prinċipji xjentifiċi, b'kont meħud b'mod partikolari ta':
 - evidenza rigward il-periklu intrinsiku tas-sustanza kkonċernata, u b'mod partikolari l-ekotossiċità akkwatika tagħha u t-tossiċità għall-bnedmin permezz ta' rotot akkwatiċi ta' esponiment,

- evidenza mill-monitoraġġ ta' kontaminazzjoni ambjentali mifruxa, inkluż data ta' monitoraġġ irrappurtata mill-Istati Membri lill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 8b(4) tad-Direttiva 2008/105/KE, u
 - fatturi oħra ppruvati li jistgħu jindikaw il-possibbiltà ta' kontaminazzjoni ambjentali mifruxa, bħall-produzzjoni jew il-volum tal-użu tas-sustanza kkonċernata, u x-xejriet tal-użu.
3. Matul ir-rieżami msemmi fil-paragrafu 2, il-Kummissjoni għandha tikkategorizza, fejn xieraq, is-sustanzi prijoritarji f'waħda jew aktar mill-kategoriji li ġejjin:
- (a) sustanzi prijoritarji perikolużi;
 - (b) sustanzi li jaġixxu bħal sustanzi bjoakkumulattivi u tossiċi persistenti li jinsabu kullimkien (uPBTs);
 - (c) sustanzi li għandhom it-tendenza li jakkumulaw fis-sediment jew fil-bijota, jew fit-tnejn.

Meta tagħmel dan, il-Kummissjoni għandha tqis l-identifikazzjoni tas-sustanzi ta' tħassib skont leġiżlazzjoni rilevanti oħra tal-Unjoni dwar sustanzi perikolużi, inkluż ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill^{*****}, fi ftehimiet internazzjonali rilevanti, u fir-rapporti xjentifiċi rilevanti. Għandhom jitqiesu b'mod partikolari s-sustanzi li jissodisfaw il-kriterji fl-Artikolu 57 tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 fejn il-kriterji ta' tħassib huma rilevanti għall-ambjent akkwatiku.

- 3a. Bħala parti mir-rieżami u l-proposta li takkumpanjah imsemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha, fejn xieraq, tipproponi t-tneħħija ta' sustanzi mil-lista ta' sustanzi fil-Parti A tal-Anness I tad-Direttiva 2008/105/KE jekk dawn ma jkunux għadhom ta' riskju sinifikanti għall-ambjent akkwatiku fl-Unjoni jew permezz tiegħu u tinkludihom fir-repożitorju ta' EQS armonizzati għal sustanzi niġġiesa speċifiċi għall-baċiri tax-xmajjar fil-Parti C tal-Anness II ta' dik id-Direttiva. Il-proposta għandha tqis ir-risultati tal-valutazzjonijiet tal-Istati Membri tal-pressjonijiet u l-impatti fuq il-korpi tal-ilma tal-wiċċ imwettqa skont l-Anness II ta' din id-Direttiva. L-Istati Membri għandhom jimplimentaw l-EQS armonizzati korrispondenti jekk il-kontaminanti jkunu ta' tħassib nazzjonali jew reġjonali, f'konformità mal-Artikolu 8d tad-Direttiva 2008/105/KE.

4. Il-Kummissjoni għandha tirrieżamina l-lista ta' kontaminanti speċifiċi għall-baċini tax-xmajjar u l-EQS korrispondenti fil-Parti C tal-Anness II tad-Direttiva 2008/105/KE sa ... [*sitt snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja*] u kull sitt snin minn hemm 'il quddiem, u, fejn xieraq, tippreżenta proposta leġiżlattiva flimkien mar-rieżami biex tiġi aġġornata dik il-lista.
- 4a. Meta tidentifika kontaminanti speċifiċi għall-baċini tax-xmara li għalihom jista' jkun meħtieġ li jiġu stabbiliti EQS fil-livell tal-Unjoni, il-Kummissjoni għandha tqis il-kriterji li ġejjin:
- (a) ir-riskju maħluq mill-kontaminanti, inkluż il-periklu tagħhom, il-konċentrazzjonijiet ambjentali tagħhom u l-konċentrazzjoni li 'l fuq minnha jistgħu jkunu mistennija l-effetti, kif ukoll bħala effetti kumulattivi possibbli;
 - (b) id-disparità bejn l-EQS nazzjonali stabbiliti għall-kontaminanti speċifiċi għall-baċini tax-xmara minn Stati Membri differenti u l-grad sa fejn tali disparità hija ġustifikabbli;
 - (c) in-numru ta' Stati Membri li diġà qegħdin jimplimentaw EQS għall-kontaminanti speċifiċi għall-baċini tax-xmajjar li qegħdin jiġu kkunsidrati.
- 4b. Il-Kummissjoni għandha tirrieżamina l-lista indikattiva tal-kategoriji ta' kontaminanti speċifiċi għall-baċini tax-xmajjar stabbilita fil-Parti A tal-Anness II tad-Direttiva 2008/105/KE sa... [*sitt snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja*] u kull sitt snin minn hemm 'il quddiem, u fejn xieraq, tippreżenta proposta leġiżlattiva mar-rieżami biex tiġi aġġornata dik il-lista.

5. Sabiex tassisti lill-Kummissjoni fir-rieżami tagħha tal-Annessi I u II tad-Direttiva 2008/105/KE, l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA) għandha theggi rapporti xjentifiċi, li jqisu dan li ġej:
- (a) l-opinjoni tal-Kumitat għall-Valutazzjoni tar-Riskju (RAC) u tal-Kumitat għall-Analiżi Soċjoekonomika (SEAC) tal-ECHA;
 - (b) ir-riżultati tal-programmi ta' monitoraġġ stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 8 ta' din id-Direttiva;
 - (c) id-data ta' monitoraġġ miġbura f'konformità mal-Artikolu 8b(4) tad-Direttiva 2008/105/KE;
 - (d) l-eżitu tar-rieżamijiet tal-Annessi tad-Direttivi 2006/118/KE u (UE) 2020/2184;
 - (e) ir-reqwiziti sabiex jiġi indirizzat it-tniġġis tal-ħamrija, inkluż id-data ta' monitoraġġ relatata;
 - (f) il-programmi ta' riċerka u l-pubblikazzjonijiet xjentifiċi tal-Unjoni, inkluż informazzjoni li tirriżulta minn teknoloġiji ta' telerilevament, mill-osservazzjoni tad-dinja, bħas-servizzi ta' Copernicus, minn sensuri u apparati in situ u mid-data xjentifika taċ-ċittadini, li jisfruttaw l-opportunitajiet offerti mill-intelliġenza artifiċjali u mill-analiżi u l-ipproċessar avvanzati tad-data;

- (g) il-kummenti u l-informazzjoni mill-partijiet ikkonċernati rilevanti; u
- (h) rakkomandazzjonijiet mill-gruppi ta' ħidma stabbiliti skont l-Istrateġija ta' Implimentazzjoni Komuni għad-Direttiva 2000/60/KE.

Sa ... [*erba' snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja*] u kull sitt snin wara dan, l-ECHA għandha tħejji u tagħmel disponibbli għall-pubbliku rapport li jiġbor fil-qosor is-sejbiet tar-rapporti xjentifiċi mħejjija skont dan il-paragrafu.

6. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta proposti, fejn xieraq, għal kontrolli biex jinkisbu:
 - (a) it-tnaqqis progressiv ta' ħruġ, emissjonijiet u telf ta' sustanzi prijoritarji, u, b'mod partikolari;
 - (b) il-waqfien jew waqfien f'fażijiet ta' ħruġ, emissjonijiet u telf ta' sustanzi prijoritarji perikolużi kif identifikat skont il-paragrafu 3, inkluż fejn xieraq orarju għal dan l-iskop fi żmien 20 sena mid-deżinjazzjoni tas-sustanzi bħala sustanzi prijoritarji perikolużi.

Meta tagħmel dan, il-Kummissjoni għandha tidentifika l-livell xieraq kosteffettiv u proporzjonat tal-kontrolli tal-prodotti u tal-proċessi, u l-kombinazzjoni xierqa tagħhom, kemm għas-sorsi ta' punt kif ukoll ta' tixrid u tqis il-valuri limitu tal-emissjonijiet uniformi mal-Unjoni kollha għall-kontrolli tal-proċessi. Meta xieraq, azzjoni fil-livell tal-Unjoni għall-kontrolli tal-proċessi tista' tiġi stabbilita skont is-settur. Meta l-kontrolli tal-prodotti jew tal-proċess jinkludu rieżami tal-awtorizzazzjonijiet rilevanti jew tal-approvazzjonijiet tas-sustanzi maħruġa skont id-Direttiva 2001/83/KE, ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006, id-Direttiva 2009/128/KE, ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009, id-Direttiva 2010/75/UE, ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 jew ir-Regolament (EU) 2019/6, tali rieżamijiet għandhom jitwettqu skont id-dispożizzjonijiet ta' dawk id-Direttivi u r-Regolamenti kif indikat fl-Artikolu 7a tad-Direttiva 2008/105/KE. Tali rieżamijiet għandhom iqisu l-valutazzjoni tal-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 7a (1) tad-Direttiva 2008/105/KE. Kull proposta għal kontrolli għandha, fejn xieraq, tispeċifika l-arranġamenti għar-rieżami tagħhom u għall-aġġornament tagħhom u għal valutazzjoni tal-effettività tagħhom.

9. Il-Kummissjoni tista' ttipprepara strateġiji kontra t-tniġġis tal-ilma minn kwalunkwe kontaminant ieħor jew minn kwalunkwe grupp ieħor ta' kontaminanti, inkluż kwalunkwe tniġġis li jseħħ bħala riżultat ta' inċidenti.

-
- * Id-Direttiva 2001/83/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Novembru 2001 dwar il-kodiċi tal-Komunità li għandu x'jaqsam ma' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem (ĠU L 311, 28.11.2001, p. 67, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2001/83/oj>).
- ** Ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-Reġistrazzjoni, il-Valutazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni ta' Sustanzi Kimiċi (REACH), li jstabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni (ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2006/1907/oj>).
- *** Ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE (ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2009/1107/oj>).
- **** Ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali (ĠU L 167, 27.6.2012, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2012/528/oj>).
- ***** Ir-Regolament (UE) 2019/6 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar prodotti mediċinali veterinarji u li jħassar id-Direttiva 2001/82/KE (ĠU L 4, 7.1.2019, p. 43, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2019/6/oj>).
- ***** Ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet, li jemenda u jħassar id-Direttivi 67/548/KEE u 1999/45/KE, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 (ĠU L 353, 31.12.2008, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2008/1272/oj>).";

(12) fl-Artikolu 17, jitħassru il-paragrafi 4 u 5;

(13) fl-Artikolu 18, jitħassar il-paragrafu 4;

(14) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"Artikolu 19a

Rapport dwar mekkaniżmu tar-responsabbiltà estiża tal-produtturi

Sa ... [36 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja], il-Kummissjoni għandha tippubblika rapport dwar il-possibbiltà li jiġi inkluż f'din id-Direttiva mekkaniżmu tar-responsabbiltà estiża tal-produtturi. Ir-rapport għandu jevalwa b'mod partikolari l-fattibbiltà li l-produtturi jintalbu jikkontribwixxu għall-kostijiet tal-programmi ta' monitoraġġ imfassla skont l-Artikolu 8 ta' din id-Direttiva jekk dawk il-produtturi jqiegħdu fis-suq tal-Unjoni prodotti li fihom xi waħda mis-sustanzi elenkati fl-Anness I tad-Direttiva 2006/118/KE jew fl-Anness I tad-Direttiva 2008/105/KE.";

(15) l-Artikoli 20 u 21 huma sostitwiti b'dawn li ġejjin:

"Artikolu 20

Adattamenti tekniċi u implimentazzjoni ta' din id-Direttiva

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 20a sabiex temenda l-Annessi I u III u t-Taqsima 1.3.6 tal-Anness V sabiex tadatta r-rekwiżiti ta' informazzjoni relatati mal-awtoritajiet kompetenti, il-kontenut tal-analiżi ekonomika u l-istandards ta' monitoraġġ magħżula, rispettivament, għall-progress tekniku u xjentifiku.

Artikolu 20a

Eżerċizzju tad-delega

1. Is-setgħa ta' adożzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni soġġetta għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.
2. Is-setgħa ta' adożzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu 20 għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien indeterminat minn ... [*id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja*].
3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 20 tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttejjem id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fiha. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità tal-atti delegati diġà fis-seħħ.
4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti maħtura minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.
5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 20 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex se jrin joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 21

Proċedura ta' kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun meġġuna minn kumitat. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*.
2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Fejn il-kumitat ma jagħti l-ebda opinjoni, il-Kummissjoni ma għandhiex tadotta l-abbozz ta' att ta' implimentazzjoni, u għandu japplika l-Artikolu 5(4), it-tielet subparagrafu, tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

* Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jstabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2011/182/oj>);

- (16) Fl-Artikolu 22, il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:
- "4. L-objettivi ambjentali fl-Artikolu 4, l-istandards ta' kwalità ambjentali stabbiliti fil-Parti A tal-Anness I tad-Direttiva 2008/105/KE u l-istandards ta' kwalità ambjentali għall-kontaminanti speċifiċi għall-baċini tax-xmara stabbiliti fl-Artikolu 16(4) ta' din id-Direttiva għandhom jitqiesu bħala standards ta' kwalità ambjentali għall-finijiet tad-Direttiva 2010/75/UE.";
- (17) l-Anness V huwa emendat f'konformità mal-Anness I ta' din id-Direttiva;
- (18) fil-parti B tal-Anness VII, jiżdied il-punt li ġej:
- "5. sommarju ta' kwalunkwe miżura adottata biex jitqiesu s-suġġerimenti għal tiġib magħmula mill-Kummissjoni, f'konformità mal-Artikolu 18(2)(c), għall-pjan preċedenti.";
- (19) l-Anness VIII huwa emendat f'konformità mal-Anness II ta' din id-Direttiva;
- (20) l-Annessi IX u X jitħassru.

Artikolu 2
Emendi għad-Direttiva 2006/118/KE

Id-Direttiva 2006/118/KE hija emendata kif ġej:

(1) it-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Id-Direttiva 2006/118/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar il-prevenzjoni u l-kontroll tat-tniġġis tal-ilma ta' taħt l-art";

(2) Fl-Artikolu 1, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Din id-Direttiva tistabbilixxi miżuri speċifiċi kif previst fl-Artikolu 17 tad-Direttiva 2000/60/KE għall-prevenzjoni u l-kontroll tat-tniġġis tal-ilma ta' taħt l-art bl-għan li jintlaħqu l-oġġettivi ambjentali stabbiliti fl-Artikolu 4(1)(b) ta' dik id-Direttiva. Dawk il-miżuri jinkludu dawn li ġejjin:

- (a) il-kriterji għall-valutazzjoni tal-istat kimiku tajjeb tal-ilma ta' taħt l-art; u
- (b) il-kriterji għall-identifikazzjoni u t-treġġiġh lura ta' tendenzi 'l fuq sinifikanti u sostnuti u għad-definizzjoni ta' punti ta' tluq għat-treġġiġh lura tat-tendenzi.";

(3) l-Artikolu 2 huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt (2) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2) "valur ta' limitu" tfisser standard tal-kwalità tal-ilma ta' taħt l-art stabbilit fil-livell tal-Unjoni u elenkat fil-Parti D tal-Anness II jew stabbilit mill-Istati Membri f'konformità mal-Artikolu 3(1)(b);";

(b) jiżdied il-punt li ġej:

"7) "indikatur tat-tniġġis" tfisser parametru li jista' jiġi mmonitorjat biex jingħata valur li huwa rappreżentattiv tal-livell jew tal-konċentrazzjoni ta' kontaminant jew ta' grupp ta' kontaminanti u għalhekk tar-riskju ppreżentat minnhom.";

(4) l-Artikolu 3 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, l-ewwel subparagrafu, jiżdied il-punt li ġej:

"(c) il-valuri ta' limitu stabbiliti fil-livell tal-Unjoni elenkati fil-Parti D tal-Anness II";

(b) jiddaħħlu l-paragrafi li ġejjin:

"1a. L-istandards tal-kwalità għas-sustanzi nnumerati minn 3 sa 8 fl-Anness I ta' din id-Direttiva, għandhom isiru effettivi mit-22 ta' Diċembru 2027 bl-għan li jinkiseb stat kimiku tajjeb tal-ilma ta' taħt l-art fir-rigward ta' dawk is-sustanzi sat-22 ta' Diċembru 2039 u jiġi evitat id-deterjorament fl-istat kimiku tal-korpi tal-ilma ta' taħt l-art fir-rigward ta' dawk is-sustanzi. Għal dan l-għan, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu programm supplimentari ta' monitoraġġ sat-22 ta' Diċembru 2027 u, programm preliminari ta' miżuri li jkopru dawk is-sustanzi sat-22 ta' Diċembru 2030. Programm finali ta' miżuri, skont l-Artikolu 11 tad-Direttiva 2000/60/KE, għandu jiġi inkluż fil-pjan ta' mmaniġġjar tal-baċini ta-xmajjar tal-2033 prodotti skont l-Artikolu 13(7) ta' dik id-Direttiva.

L-Artikolu 4(4) sa (9) tad-Direttiva 2000/60/KE għandu japplika *mutatis mutandis* għas-sustanzi msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu. Fir-rigward tal-estensjonijiet ta' żmien previsti fl-Artikolu 4(4) ta' dik id-Direttiva, dawn għandhom ikunu limitati għal massimu ta' aġġornament ieħor tal-pjan ta' mmaniġġjar tal-baċini tax-xmajjar għajr f'każijiet fejn il-kundizzjonijiet naturali jkunu tali li l-oġettivi ma jkunux jistgħu jintlaħqu f'dak il-perjodu.

- 1b. Valuri ta' limitu stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 3(1)(b), u l-valuri ta' limitu elenkat fil-Parti D tal-Anness II għandhom isiru effettivi mill-bidu tal-perjodu sussegwenti tal-pjan ta' ġestjoni tal-baċini tax-xmajjar swara d-data li fiha jkun ġie stabbilit il-valur ta' limitu, bl-għan li jinkiseb stat kimiku tajjeb tal-ilma ta' taħt l-art fir-rigward tas-sustanzi korrispondenti sa tmiem il-perjodu tal-pjan ta' ġestjoni tal-baċin tax-xmara, u li tiġi evitata d-deterjorazzjoni fl-istat kimiku tal-korpi tal-ilma ta' taħt l-art fir-rigward ta' dawk is-sustanzi.

L-Artikolu 4(4) sa (9) tad-Direttiva 2000/60/KE għandu japplika *mutatis mutandis* għas-sustanzi msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu. Fir-rigward tal-estensjonijiet ta' żmien previsti fl-Artikolu 4(4) ta' dik id-Direttiva, dawn għandhom ikunu limitati għal massimu ta' aġġornament ieħor tal-pjan ta' mmaniġġjar tal-baċin tax-xmara għajr f'każijiet fejn il-kundizzjonijiet naturali jkunu tali li l-oġettivi ma jkunux jistgħu jintlaħqu f'dak il-perjodu.";

- (c) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

- "2. Il-valuri ta' limitu msemmija fil-paragrafu 1(b) jistgħu jiġu stabbiliti fil-livell nazzjonali, fil-livell tad-distrett tal-baċin tax-xmara jew fil-parti tad-distrett tal-baċin tax-xmara internazzjonali li tinsab fit-territorju ta' Stat Membru, jew fil-livell ta' korp jew grupp ta' korpi tal-ilma ta' taħt l-art.

Il-valuri ta' limitu msemmija fil-paragrafu 1(b) u (c) għandhom jiġu applikati fil-livell rilevanti għall-okkorrenza tal-kontaminant.";

(d) il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"5. L-Istati Membri għandhom jippubblikaw il-valuri ta' limitu kollha msemmija fil-paragrafu 1(b) ta' dan l-Artikolu fil-pjanijiet ta' ġestjoni tal-baċini tax-xmajjar tagħhom li għandhom jiġu prodotti skont l-Artikolu 13 tad-Direttiva 2000/60/KE, flimkien ma' sommarju tal-informazzjoni stipulata fil-Parti C tal-Anness II ta' din id-Direttiva.

L-Istati Membri għandhom, sat-22 ta' Diċembru 2027, jinfurmaw lill-Kummissjoni bil-listi ta' kontaminanti ta' tħassib nazzjonali u l-valuri ta' limitu nazzjonali tagħhom imsemmija fil-paragrafu 1(b). Il-Kummissjoni għandha tiżgura li dik l-informazzjoni ssir disponibbli għall-pubbliku. L-aġġornamenti sussegwenti tal-lista tal-valuri ta' limitu nazzjonali għandhom jiġu ppubblikati f'konformità mal-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu.";

(e) fil-paragrafu 6, l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"6. L-Istati Membri għandhom jemendaw il-lista ta' valuri ta' limitu applikati fit-territorji tagħhom kull meta informazzjoni ġdida dwar kontaminanti, gruppi ta' kontaminanti, jew indikaturi tat-tniġġis, anke b'kunsiderazzjoni tal-prinċipju ta' prekawzjoni, tindika li jeħtieġ li jiġi stabbilit valur ta' limitu għal sustanza addizzjonali, li valur ta' limitu eżistenti jeħtieġ li jiġi mmodifikat, jew li valur ta' limitu li preċedentement kien tneħħa mil-lista jeħtieġ li jerġa' jiddaħħal. Jekk il-valuri ta' limitu rilevanti jiġu stabbiliti jew emendati fil-livell tal-Unjoni, l-Istati Membri għandhom jadattaw il-lista ta' valuri ta' limitu applikati fit-territorji tagħhom għal dawk il-valuri.";

(5) l-Artikolu 4 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 2, il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) il-valuri għall-istandards ta' kwalità tal-ilma ta' taħt l-art elenkati fl-Anness I u l-valuri ta' limitu msemmija fl-Artikolu 3(1)(b) u (c), ma jinqabżu fl-ebda punt ta' monitoraġġ f'dak il-korp jew grupp ta' korpi ta' ilma ta' taħt l-art; jew";

(b) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"2a. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta att ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi lista ta' metaboliti tal-pestiċidi li jistgħu jinsabu fl-ilma ta' taħt l-art u li għalihom tkun twettqet valutazzjoni tar-rilevanza tagħhom fl-Unjoni, li tindika jekk humiex rilevanti jew le, sa... [*erbgħa u għoxrin xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja*]. Il-lista ma għandhiex tinkludi metaboliti vvalutati li mhumiex ta' tħassib. Il-lista għandha tkun ibbażata fuq data ġġenerata matul il-proċess għall-approvazzjoni tas-sustanzi attivi skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill* u r-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill** u l-output xjentifiku assoċjat mill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA) u l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA), u, jekk disponibbli, data xjentifika ġdida dwar metaboliti eżistenti jew metaboliti li għadhom kif ġew skoperti u li qabel ma kinux identifikati. Il-Kummissjoni għandha tadotta att ta' implimentazzjoni biex taġġorna l-lista mill-inqas kull sitt snin. L-atti ta' implimentazzjoni msemmija f'dan il-paragrafu għandhom ikunu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 9(2) ta' din id-Direttiva.

-
- * Ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE (ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2009/1107/oj>).
- ** Ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali (ĠU L 167, 27.6.2012, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2012/528/oj>).";

(6) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"Artikolu 6a

Lista ta' sorveljanza

1. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni sabiex tistabbilixxi, wara li tqis ir-rapporti xjentifiċi mħejjija mill-ECHA skont il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, lista ta' sorveljanza tas-sustanzi li għalihom għandha tinġabar data ta' monitoraġġ madwar l-Unjoni kollha mill-Istati Membri sabiex jiġu appoġġati rieżamijiet futuri tal-Annessi I u II u sabiex tistabbilixxi l-formati li għandhom jintużaw mill-Istati Membri għar-rapportar tar-riżultati ta' dak il-monitoraġġ u ta' informazzjoni relatata lill-Kummissjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom ikunu adottati f'konformità mal-proċedura ta' analiżi msemmija fl-Artikolu 9(2).

Il-lista ta' sorveljanza għandu jkun fiha massimu ta' ħames sustanzi, gruppi ta' sustanzi, jew indikaturi ta' tniġġis fi kwalunkwe ħin, u l-metodi possibbli ta' analiżi għal kull sustanza. Dawk il-metodi ma għandhomx jinvolvu kostijiet eċċessivi għall-awtoritajiet kompetenti. Is-sustanzi li għandhom jiġu inklużi fil-lista ta' sorveljanza għandhom jintgħażlu minn fost dawk is-sustanzi li għalihom l-informazzjoni disponibbli tindika li jistgħu jgħaliq riskju sinifikanti fil-livell tal-Unjoni għall-ambjent akkwatiku jew permezz tiegħu u li għalihom id-data ta' monitoraġġ hija insuffiċjenti. Din il-lista ta' sorveljanza għandha tinkludi sustanzi ta' tħassib emerġenti. Għall-finijiet ta' dan is-subparagrafu "indikatur tat-tniġġis" tfisser parametru li jista' jiġi mmonitorjat biex jingħata valur li huwa rappreżentattiv tal-livell jew tal-konċentrazzjoni ta' kontaminant jew ta' grupp ta' kontaminanti u għalhekk tar-riskju ppreżentat minnhom.

Abbażi tar-rapporti xjentifiċi mħejjija mill-ECHA f'konformità mal-paragrafu 2, il-Kummissjoni għandha tinkludi mikroplastiki u indikaturi adatti għall-preżenza, l-evoluzzjoni jew it-trażmissjoni tar-reżistenza għall-antimikrobiċi ("indikaturi ta' reżistenza għall-antimikrobiċi") fil-lista ta' sorveljanza, dment li jkunu disponibbli metodi ta' teħid ta' kampjuni u ta' analiżi affidabbli u li ma jinvolvux kostijiet eċċessivi. Sa ... [*l-ewwel jum tax-xahar wara 18-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-direttiva emendatorja*], il-Kummissjoni għandha tidentifika tali metodi ta' teħid ta' kampjuni u ta' analiżi.

2. L-ECHA għandha tħejji rapporti xjentifiċi sabiex tgħin lill-Kummissjoni fl-għażla tas-sustanzi u l-indikaturi għall-inklużjoni fil-lista ta' sorveljanza msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, filwaqt li tqis l-informazzjoni li ġejja:
- (a) l-Anness I tad-Direttiva 2008/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill* u r-risultati tal-aktar rieżami reċenti tal-Anness, kif ukoll ir-risultati tal-aktar rieżami reċenti tal-Anness I ta' din id-Direttiva;
 - (b) il-listi ta' sorveljanza stabbiliti f'konformità mad-Direttivi 2008/105/KE u (UE) 2020/2184;
 - (c) ir-rekwiżiti sabiex jiġi indirizzat it-tniġġis tal-ħamrija, inkluż id-data ta' monitoraġġ relatata;
 - (d) il-karatterizzazzjoni mill-Istati Membri tad-distretti tal-baċini tax-xmara f'konformità mal-Artikolu 5 tad-Direttiva 2000/60/KE u r-risultati tal-programmi ta' monitoraġġ stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 8 ta' dik id-Direttiva;

- (e) informazzjoni dwar il-volumi tal-produzzjoni, ix-xejriet tal-użu, il-proprjetajiet intrinżiċi (inkluż il-mobilità fil-ħamrija u, fejn rilevanti, id-daqs tal-partikoli), il-konċentrazzjonijiet fl-ambjent u l-effetti negattivi fuq is-saħħa tal-bniedem u l-ambjent akkwatiku ta' sustanza partikolari, jew grupp ta' sustanzi, inkluż l-informazzjoni miġbura f'konformità mad-Direttiva 2001/83/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill^{**}; ir-Regolamenti (KE) Nru 1907/2006^{***}, u (KE) Nru 1107/2009, id-Direttiva 2009/128/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill^{****} u r-Regolamenti (UE) Nru 528/2012, (UE) 2019/6^{*****} u (UE) 2022/2379^{*****} tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill^{***};
- (f) proġetti ta' riċerka u pubblikazzjonijiet xjentifiċi, inkluż informazzjoni dwar it-tendenzi u l-previżjonijiet ibbażati fuq l-immudellar jew valutazzjonijiet ta' tbassir oħrajn, kif ukoll informazzjoni u data miġburin minn teknoloġiji ta' telerilevament, mill-osservazzjoni tad-dinja, bħas-servizzi ta' Copernicus, minn sensuri u apparati in situ jew mid-data xjentifika taċ-ċittadini, li jisfruttaw l-opportunitajiet offriti mill-intelliġenza artifiċjali u mill-analiżi u l-ipproċessar avvanzati tad-data;
- (g) rakkomandazzjonijiet mill-partijiet ikkonċernati;
- (h) rakkomandazzjonijiet mill-gruppi ta' ħidma stabbiliti skont l-Istrateġija ta' Implimentazzjoni Komuni għad-Direttiva 2000/60/KE;

- (i) informazzjoni dwar l-emissjonijiet, il-ħruġ u t-telf disponibbli fil-Portal dwar l-Emissjonijiet Industrijali fil-qafas tar-Regolament (UE) 2024/1244 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill^{*****}, kif ukoll kwalunkwe informazzjoni addizzjonali disponibbli dwar is-sustanzi koperti mill-permessi fil-qafas tad-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill^{*****}.
3. Ir-rapporti xjentifiċi mħejjija mill-ECHA f'konformità mal-paragrafu 2 għandhom jippreżentaw lista ta' sustanzi, gruppi ta' sustanzi, jew indikaturi kandidati, metodu indikattiv ta' analiżi u limitu massimu aċċettabbli ta' kwantifikazzjoni għal kull wieħed minnhom, b'referenza ta' sostenn għal-letteratura jew gwida xjentifika.
4. Sa ... [*l-ewwel jum tal-wieħed u għoxrin xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja*] u kull tliet snin wara dan, l-ECHA għandha theggi rapport li jiġbor fil-qosor is-sejbiet tar-rapporti xjentifiċi mħejjija f'konformità mal-paragrafu 2 u għandha tagħmel dak ir-rapport disponibbli għall-pubbliku. .
5. Sa ... [*l-ewwel jum tax-xahar wara 24 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja*], il-Kummissjoni għandha tidentifika l-ewwel lista ta' sorveljanza msemmija fil-paragrafu 1, u mbagħad taġġornaha kull tliet snin.

Meta taġġorna lista ta' sorveljanza, il-Kummissjoni għandha tneħħi kwalunkwe sustanza, grupp ta' sustanzi, jew indikatur mil-lista ta' sorveljanza, fejn il-Kummissjoni tqis li huwa possibbli li tivvaluta r-riskju taġġha għall-ambjent akkwatiku mingħajr data ta' monitoraġġ addizzjonali. Madankollu, sustanza individwali, grupp ta' sustanzi jew indikatur jistgħu jinżammu fil-lista ta' sorveljanza għal perjodu ieħor ta' tliet snin meta tkun meħtieġa data ta' monitoraġġ addizzjonali sabiex jiġi vvalutat ir-riskju għall-ambjent akkwatiku.

Il-Kummissjoni tista' żżid ukoll sustanza addizzjonali waħda jew aktar, grupp ta' sustanzi, jew indikaturi fejn hi tqis, billi tqis ir-rapporti xjentifiċi tal-ECHA, li jista' jkun hemm riskju mifruż għall-ambjent akkwatiku jew permezz tiegħu, bil-kundizzjoni li l-lista ta' sorveljanza aġġornata jkun fiha massimu ta' ħames sustanzi, gruppi ta' sustanzi, jew indikaturi, f'konformità mal-paragrafu 1.

Il-mikroplastiċi u l-indikaturi tar-reżistenza għall-antimikrobiċi ma għandhomx jinżammu fil-lista ta' sorveljanza għat-tieni perjodu konsekuttiv ta' tliet snin sakemm ma tkunx disponibbli metodoloġija armonizzata u affidabbli ta' valutazzjoni tar-riskju li, meta tiġi applikata, turi li d-data ta' monitoraġġ miġbura matul l-ewwel perjodu ta' monitoraġġ ma tkunx biżżejjed biex jiġi vvalutat ir-riskju li dawn joħlqu għall-ambjent akkwatiku jew permezz tiegħu.

6. L-Istati Membri għandhom jimmonitorjaw kull sustanza, grupp ta' sustanzi, u indikatur fil-lista ta' sorveljanza msemmija fil-paragrafu 1 fi stazzjonijiet ta' monitoraġġ rappreżentattivi magħżula fuq perjodu ta' 24 xahar. Il-perjodu ta' monitoraġġ għandu jibda fi żmien sitt xhur mill-istabbiliment tal-lista ta' sorveljanza, iżda t-teħid ta' kampjuni u l-analiżi ma għandhomx għalfejn jibdeu fil-bidu ta' dak il-perjodu.

Kull Stat Membru għandu jagħżel mill-anqas żewġ stazzjonijiet ta' monitoraġġ wieħed, flimkien man-numru ta' stazzjonijiet ugwali għall-erja totali tiegħu f'km² ta' korpi tal-ilma ta' taħt l-art diviża b'45 000, aġġustati għall-eqreb numru sħiħ.

Fl-għażla tal-istazzjonijiet ta' monitoraġġ rappreżentattivi, il-frekwenza tal-monitoraġġ u ż-żmien għal kull sustanza, grupp ta' sustanzi, jew indikatur, l-Istati Membri għandhom iqisu l-varjabbiltà staġjonali fix-xita, il-livelli tal-ilma, ix-xejriet tal-użu u l-possibbiltà li s-sustanza, il-grupp ta' sustanzi, jew l-indikatur iseħħu. Il-frekwenza tal-monitoraġġ ma għandhiex tkun anqas minn darba fis-sena.

Meta Stat Membru jkun f'pożizzjoni li jiġġenera data ta' monitoraġġ suffiċjenti, komparabbli, rappreżentattiva u reċenti għal sustanza partikolari, grupp ta' sustanzi, jew indikatur, minn programmi jew studji ta' monitoraġġ eżistenti, huwa jista' jiddeċiedi li ma jwettaqx monitoraġġ addizzjonali taħt il-mekkaniżmu tal-lista ta' sorveljanza għal dik is-sustanza, grupp ta' sustanzi, jew indikatur, dment li s-sustanza, il-grupp ta' sustanzi, jew l-indikatur, ikunu ġew immonitorjati bl-użu ta' metodoloġija li tkun konformi mal-metodi ta' analiżi msemmija fl-att ta' implimentazzjoni li jstabilixxi l-lista ta' sorveljanza.

7. L-Istati Membri għandhom jagħmlu disponibbli r-riżultati tal-monitoraġġ imsemmija fil-paragrafu 6 ta' dan l-Artikolu kull sena f'konformità mal-Artikolu 8(4) tad-Direttiva 2000/60/KE u mal-att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi l-lista ta' sorveljanza kif adottata skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu. Huma għandhom jagħmlu disponibbli wkoll informazzjoni dwar ir-rappreżentattività tal-istazzjonijiet ta' monitoraġġ u dwar l-istrateġija ta' monitoraġġ.
8. Fi tmiem il-perjodu ta' 24 xahar imsemmi fil-paragrafu 6, l-ECHA għandha tirreżamina r-riżultati tal-monitoraġġ u tivvaluta liema sustanzi, gruppi ta' sustanzi, jew indikaturi jeħtieġ li jiġu mmonitorjati għal perjodu ieħor ta' 24 xahar u li għalhekk għandhom jinżammu fuq il-lista ta' sorveljanza u liema sustanzi, gruppi ta' sustanzi, jew indikaturi jistgħu jitneħħew mil-lista ta' sorveljanza.

Fejn il-Kummissjoni, wara li tqis il-valutazzjoni mill-ECHA msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, tikkonkludi li ma huwa meħtieġ l-ebda monitoraġġ ulterjuri sabiex jiġi vvalutat aktar ir-riskju għall-ambjent akkwatiku, dik il-valutazzjoni għandha titqies fir-rieżami tal-Anness I jew II imsemmija fl-Artikolu 8.

-
- * Id-Direttiva 2008/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar standards ta' kwalità ambjentali fil-qasam tal-politika tal-ilma, li temenda u sussegwentement tassar id-Direttivi tal-Kunsill 82/176/KEE, 83/513/KEE, 84/156/KEE, 84/491/KEE, 86/280/KEE u li temenda d-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 348, 24.12.2008, p. 84, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2008/105/oj>).
- ** Id-Direttiva 2001/83/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Novembru 2001 dwar il-kodiċi tal-Komunità li għandu x'jaqsam ma' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem (ĠU L 311, 28.11.2001, p. 67, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2001/83/oj>).
- *** Ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jstabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni (ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2006/1907/oj>).
- **** Id-Direttiva 2009/128/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja biex jinkiseb użu sostenibbli tal-pestiċidi (ĠU L 309, 24.11.2009, p. 71, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2009/128/oj>).
- ***** Ir-Regolament (UE) 2019/6 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar prodotti mediċinali veterinarji u li jħassar id-Direttiva 2001/82/KE (ĠU L 4, 7.1.2019, p. 43, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2019/6/oj>).

- ***** Ir-Regolament (UE) 2022/2379 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Novembru 2022 dwar l-istatistika dwar l-input u l-output agrikoli, li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 617/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 1165/2008, (KE) Nru 543/2009 u (KE) Nru 1185/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kunsill 96/16/KE (ĠU L 315, 7.12.2022, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2022/2379/oj>).
- ***** Ir-Regolament (UE) 2024/1244 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' April 2024 dwar ir-rapportar ta' data ambjentali minn installazzjonijiet industrijali, li jistabbilixxi Portal dwar l-Emissjonijiet Industrijali u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 166/2006 (ĠU L, 2024/1244, 2.5.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1244/oj>).
- ***** Id-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar l-emissjonijiet industrijali u l-emissjonijiet mit-trobbija tal-bhejjem (il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis) (ĠU L 334, 17.12.2010, p. 17, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2010/75/oj>).";

(7) l-Artikolu 8 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 8

Rieżami tal-Annessi I sa IV u dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti sustanzi

1. Il-Kummissjoni għandha tirrieżamina l-lista ta' pollutanti u indikaturi ta' tniġġis l-istandards ta' kwalità korrispondenti għal dawk il-pollutanti stabbiliti fl-Anness I sa ... [sitt snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja] u kull sitt snin minn hemm 'il quddiem u fejn xieraq, tippreżenta proposta leġislattiva mar-rieżami biex taġġorna l-lista ta' pollutanti u l-istandards ta' kwalità korrispondenti.

2. Il-Kummissjoni għandha tirrieżamina l-lista ta' pollutanti u indikaturi ta' tniġġis li l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw li jstabbilixxu għalihom valuri ta' limitu nazzjonali stabbiliti fil-Parti B tal-Anness II sa... [*sitt snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja*] u kull sitt snin minn hemm 'il quddiem, u fejn xieraq, tippreżenta proposta leġiżlattiva mar-rieżami biex tiġi aġġornata l-lista ta' pollutanti fil-Parti B tal-Anness II.
3. Il-Kummissjoni għandha tirrieżamina r-repożitorju tal-valuri ta' limitu armonizzati fil-Parti D tal-Anness II sa ... [*sitt snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja*] u kull sitt snin minn hemm 'il quddiem, u fejn xieraq, tippreżenta proposta leġiżlattiva mar-rieżami biex taġġorna r-repożitorju u l-valuri ta' limitu armonizzati fil-Parti D tal-Anness II.
4. Meta twettaq ir-rieżamijiet imsemmija fil-paragrafi 1, 2 u 3, il-Kummissjoni għandha tqis ir-rapporti xjentifiċi mħejjija mill-ECHA skont il-paragrafu 6.
5. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 8a biex temenda l-Partijiet A u C tal-Anness II u l-Annessi III u IV dwar linji gwida għall-istabbiliment ta' valuri ta' limitu mill-Istati Membri, informazzjoni li għandha tiġi pprovduta mill-Istati Membri fir-rigward tal-pollutanti u l-indikaturi ta' tniġġis li għalihom ġew stabbiliti valuri ta' limitu, il-valutazzjoni tal-istat kimiku tal-ilma ta' taħt l-art u l-identifikazzjoni u t-treġġiġh lura ta' tendenzi sinifikanti u sostnuti 'l fuq sabiex jiġu adatti għall-progress xjentifiku u tekniku.

6. BI-iskop li tassisti lill-Kummissjoni fir-rigward tar-rieżami tal-Annessi I u II, l-ECHA għandha tħejji rapporti xjentifiċi. Dawk ir-rapporti għandhom iqisu dawn li ġejjin:
- (a) l-opinjoni tal-Kumitat għall-Valutazzjoni tar-Riskju (RAC) u tal-Kumitat għall-Analiżi Soċjoekonomika (SEAC) tal-ECHA;
 - (b) ir-riżultati tal-programmi ta' monitoraġġ stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 8 tad-Direttiva 2000/60/KE;
 - (c) ir-rieżami tar-riżultati tal-monitoraġġ f'konformità mal-Artikolu 6a(8) ta' din id-Direttiva;
 - (d) l-eżitu tar-rieżamijiet tal-Annessi tad-Direttiva 2008/105/KE u tad-Direttiva (UE) 2020/2184;
 - (e) l-informazzjoni u r-rekwiżiti sabiex jiġi indirizzat it-tniġġis tal-ħamrija;
 - (f) il-programmi ta' riċerka u l-pubblikazzjonijiet xjentifiċi tal-Unjoni, inkluż l-informazzjoni l-aktar reċenti disponibbli li tirriżulta minn teknoloġiji ta' telerilevament, mill-osservazzjoni tad-dinja, bħas-servizzi ta' Copernicus, minn sensuri u apparati in situ u mid-data xjentifika taċ-ċittadini, li jisfruttaw l-opportunitajiet offriti mit-teknoloġiji ġodda, li jistgħu jkunu jinkludu l-intelliġenza artifiċjali u analiżi u pproċessar avvanzati tad-data;

- (g) il-kummenti u l-informazzjoni mill-partijiet ikkonċernati rilevanti, inklużi awtoritajiet regolatorji nazzjonali u korpi rilevanti oħra;
- (h) rakkomandazzjonijiet mill-gruppi ta' ħidma stabbiliti skont l-Istrateġija ta' Implimentazzjoni Komuni għad-Direttiva 2000/60/KE.

Ir-rapporti xjentifiċi msemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom jinkludu proposti għal standards ta' kwalità jew valuri ta' limitu għall-kontaminanti rispettivi jew indikaturi ta' tniġġis kif ukoll metodu analitiku xieraq.

7. Kull sitt snin, l-ECHA għandha tħejji u tagħmel disponibbli għall-pubbliku rapport li jiġbor fil-qosor is-sejbiet tar-rapporti xjentifiċi mħejjija skont il-paragrafu 6. L-ewwel rapport għandu jiġi ppreżentat mill-Kummissjoni sa ... [*erba' snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja*].

8. Meta twettaq ir-rieżami li jmiss imsemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha tikkunsidra li tistabbilixxi standard ta' kwalità għall-PFAS Totali fl-ilma ta' taħt l-art u għandha timmira li tikkomplementa l-gwida dwar il-monitoraġġ tal-PFAS Totali fl-ilma tax-xorb, żviluppata f'konformità mal-Artikolu 13(7) tad-Direttiva (UE) 2020/2184, biex tagħmilha applikabbli għall-monitoraġġ tal-PFAS Totali fl-ilma ta' taħt l-art. L-Istati Membri huma mħeġġa japplikaw diġà dik il-gwida biex jimmonitorjaw il-PFAS Totali fl-ilmijiet ta' taħt l-art u jirrapportaw id-data f'konformità mal-Artikolu 8(4) tad-Direttiva 2000/60/KE. Fid-dawl tat-tossiċità, il-persistenza u l-prevalenza tal-aċidu trifluworoaċetiku (TFA) fl-ambjent, il-Kummissjoni, fir-rieżami li jmiss, għandha tikkunsidra wkoll li tistabbilixxi standard ta' kwalità għat-TFA separatament, jew bħala parti minn għadd totali, fl-Anness I ta' din id-Direttiva.
9. Meta jkun imissha twettaq ir-rieżami li jmiss imsemmi fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tikkunsidra jekk għandhiex tistabbilixxi standards ta' kwalità għall-għadd totali ta' farmaċewtiċi magħżula skont il-mod ta' azzjoni u għall-għadd totali ta' bisfenoli; għal din ir-raġuni "għadd totali ta' farmaċewtiċi magħżula skont il-mod ta' azzjoni" u "għadd totali ta' bisfenoli" huma elenkati fl-Anness V tad-Direttiva 2006/118/KE. Il-Kummissjoni għandha tikkunsidra wkoll jekk jistax jittieħed approċċ ibbażat fuq ir-riskju għall-istabbiliment ta' standards ta' kwalità għall-għadd totali ta' farmaċewtiċi u għall-għadd totali ta' bisfenoli fl-ilma ta' taħt l-art, appoġġat minn metodi ta' monitoraġġ xierqa.

10. Meta jkun imissha twettaq ir-rieżami li jmiss imsemmi fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tikkunsidra jekk għandhiex tirrevedi l-istandards ta' kwalità fl-Anness I għall-pestiċidi individwali, l-għadd totali ta' pestiċidi u għall-metaboliti mhux rilevanti fl-ilma ta' taħt l-art.";

(8) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"Artikolu 8a

Eżerċizzju tad-delega

1. Is-setgħa ta' adożżjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni soġġetta għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.
2. Is-setgħa ta' adożżjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu 8(5) għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' sitt snin minn ... [*id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva*]. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega tas-setgħa mhux iktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' sitt snin. Id-delega tas-setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi ta' żmien identiċi, sakemm il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill ma joġġezzjonawx għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 8(5) tista' tkun revokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fih. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità tal-atti delegati diġà fis-seħħ.
4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti maħtura minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.
5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 8(5) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġi espressa ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li ma humiex ser joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.";

(9) L-Artikolu 9 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 9

Proċedura ta' kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun meġhuna minn kumitat. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*.
2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Fejn il-kumitat ma jagħti l-ebda opinjoni, il-Kummissjoni ma għandhiex tadotta l-abbozz ta' att ta' implimentazzjoni u għandu japplika l-Artikolu 5(4), it-tielet subparagrafu, tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.;

* Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jstabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2011/182/oj>).';

- (10) jitħassar l-Artikolu 10;
- (11) l-Anness I huwa sostitwit bit-test li jinsab fl-Anness III ta' din id-Direttiva;
- (12) l-Anness II huwa emendat f'konformità mal-Anness IV ta' din id-Direttiva;
- (13) fl-Anness III, il-punt 2(c) huwa sostitwit b'dan li ġej:
- "(c) kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra, inkluż tqabbil bejn il-medja aritmetika tal-konċentrazzjoni annwali tal-pollutanti rilevanti f'punt ta' monitoraġġ u l-istandards ta' kwalità tal-ilma ta' taħt l-art stabbiliti fl-Anness I u l-valuri ta' limitu msemija fl-Artikolu 3(1)(b) u (c).";
- (14) fl-Anness IV, il-Parti B, il-Punt 1, il-formulazzjoni introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:
- "1) il-punt tat-tluq għall-implimentazzjoni tal-miżuri għat-treġġiġħ lura ta' tendenzi sinifikanti u sostnuti 'l fuq, ser ikun meta l-konċentrazzjoni tal-pollutanti tilħaq 75 % tal-valuri parametriċi tal-istandards tal-kwalità tal-ilma ta' taħt l-art stabbiliti fl-Anness I u tal-valuri ta' limitu msemija fl-Artikolu 3(1)(b) u (c), ħlief jekk:";
- (15) it-test li jinsab fl-Anness V ta' din id-Direttiva jiżdied bħala l-Anness V.

Artikolu 3
Emendi għad-Direttiva 2008/105/KE

Id-Direttiva 2008/105/KE hija emendata kif ġej:

(1) it-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Id-Direttiva 2008/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar standards ta' kwalità ambjentali u l-prevenzjoni u l-kontroll tat-tniġġis tal-ilma tal-wiċċ, u li temenda u sussegwentement tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 82/176/KEE, 83/513/KEE, 84/156/KEE, 84/491/KEE, 86/280/KEE u li temenda d-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill";

(2) fl-Artikolu 2 jiżdied il-punt li ġej:

“(3) “indikatur tat-tniġġis” tfisser parametru li jista’ jiġi mmonitorjat biex jingħata valur li huwa rappreżentattiv tal-livell jew tal-konċentrazzjoni ta’ grupp ta’ kontaminant jew ta’ grupp ta’ kontaminanti u għalhekk tar-riskju ppreżentat minnhom.”;

(3) l-Artikolu 3 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1a huwa emendat kif ġej:

(i) fl-ewwel subparagrafu, jiżdiedu l-punti li ġejjin:

"(iii) is-sustanzi bin-numri 5, 9, 13, 15, 17, 21, 23, 24, 28, 30, 34, 37, 41 u 43 fil-Parti A tal-Anness I, li għalihom huma stabbiliti EQS riveduti, b'effett mit-22 ta' Diċembru 2027, bl-għan li jinkiseb status kimiku tajjeb tal-ilma tal-wiċċ fir-rigward ta' dawk is-sustanzi sat-22 ta' Diċembru 2033 u jiġi evitat deterjorament tal-istatus kimiku tal-mases tal-ilma tal-wiċċ fir-rigward ta' dawk is-sustanzi permezz ta' programmi ta' miżuri inklużi fil-pjanijiet ta' mmaniġġjar tal-baċini tax-xmajjar tal-2027 prodotti skont l-Artikolu 13(7) tad-Direttiva 2000/60/KE;

- (iv) is-sustanzi li għadhom kif ġew identifikati bin-numru 46 sa 70 fil-Parti A tal-Anness I, b'effett mit-22 ta' Diċembru 2027, bil-għan li jinkiseb status kimiku tajjeb tal-ilma tal-wiċċ rigward dawk is-sustanzi sat-22 ta' Diċembru 2039 u jiġi evitat deterjorament tal-istatus kimiku ta' mases tal-ilma tal-wiċċ fir-rigward ta' dawk is-sustanzi; għal dak il-għan, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu programm supplimentari ta' monitoraġġ sat-22 ta' Diċembru 2027, programm preliminari ta' miżuri li jkopru dawk is-sustanzi sat-22 ta' Diċembru 2030; , programm finali ta' miżuri, skont l-Artikolu 11 tad-Direttiva 2000/60/KE, għandu jiġi inkluż f'il-pjan ta' mmaniġġjar tal-baċini tax-xmajjar tal-2033 prodott f'konformità mal-Artikolu 13(7) ta' dik id-Direttiva.";

(ii) it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

“L-Artikolu 4(4) sa (9) tad-Direttiva 2000/60/KE għandu japplika *mutatis mutandis* fir-rigward ta' dawk is-sustanzi elenkati fil-punti (i) u (ii), tal-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu.

L-Artikolu 4(4) sa (9) tad-Direttiva 2000/60/KE għandu wkoll japplika *mutatis mutandis* fir-rigward ta' dawk is-sustanzi elenkati fil-punti (iii) u (iv) tal-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu. Fir-rigward tal-estensjonijiet ta' żmien previsti fl-Artikolu 4(4) ta' dik id-Direttiva, dawn għandhom ikunu limitati għal massimu ta' aġġornament ieħor tal-pjan ta' mmaniġġjar tal-baċin tax-xmara għajr f'każijiet fejn il-kundizzjonijiet naturali jkunu tali li l-oġettivi ma jkunux jistgħu jintlaħqu fil-perjodu ta' dak il-pjan ta' mmaniġġjar tal-baċin tax-xmara.”;

(b) jżdzied il-paragrafu li ġej:

"1b. EQS stabbilit fil-livell tal-Unjoni għal kontaminanti speċifiċi għall-baċini tax-xmajjar f'konformità mal-Artikolu 16(4) tad-Direttiva 2000/60/KE u elenkati fil-Parti C tal-Anness II ta' din id-Direttiva jew kontaminanti speċifiċi addizzjonali għall-baċini tax-xmajjar u EQS korrispondenti identifikat mill-Istati Membri f'konformità mal-Artikolu 8d(1) ta' din id-Direttiva, ser isir effettiv mill-bidu tal-perjodu tal-pjan li jmiss ta' mmaniġġjar tal-baċini tax-xmajjar wara d-data li fiha ġie stabbilit l-EQS, bl-għan li jinkiseb stat kimiku tajjeb tal-ilma tal-wiċċ fir-rigward ta' dawk il-kontaminanti sa tmiem il-perjodu tal-pjan ta' mmaniġġjar tal-baċini tax-xmajjar u jiġi evitat deterjorament tal-istatus kimiku tal-mases tal-ilma tal-wiċċ fir-rigward ta' dawk il-kontaminanti.

L-Artikolu 4(4) sa (9) tad-Direttiva 2000/60/KE għandu japplika *mutatis mutandis* fir-rigward tal-kontaminanti msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu. Fir-rigward tal-estensjonijiet ta' żmien previsti fl-Artikolu 4(4) ta' dik id-Direttiva, dawn għandhom ikunu limitati għal massimu ta' aġġornament ieħor tal-pjanta' mmaniġġjar tal-baċini tax-xmajjar għajr f'każijiet fejn il-kundizzjonijiet naturali jkunu tali li l-oġettivi ma jkunux jistgħu jintlaħqu fil-perjodu ta' dak il-pjan ta' mmaniġġjar tal-baċin tax-xmara.";

(c) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Fir-rigward ta' sustanzi li għalihom huwa stipulat EQS tal-bijota jew EQS tas-sediment fil-Parti A tal-Anness I, l-Istati Membri għandhom japplikaw tali EQS tal-bijota jew EQS tas-sediment.

Fir-rigward ta' sustanzi oħrajn għajr dawk imsemmija fl-ewwel subparagrafu, l-Istati Membri għandhom japplikaw l-EQS tal-ilma stipulat fil-Parti A tal-Anness I.";

(d) fil-paragrafu 6, l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"6. L-Istati Membri għandhom jagħmlu arranġamenti għall-analiżi tat-tendenza fit-tul tal-konċentrazzjonijiet ta' dawk is-sustanzi prijoritarji identifikati fil-Parti A tal-Anness I bħala sustanzi li għandhom it-tendenza li jakkumulaw fis-sediment jew fil-bijota, abbażi tal-monitoraġġ fis-sediment jew fil-bijota bħala parti mill-monitoraġġ tal-istatus tal-ilma tal-wiċċ imwettaq f'konformità mal-Artikolu 8 tad-Direttiva 2000/60/KE. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri mmirati biex jiżguraw, soġġett għall-Artikolu 4 tad-Direttiva 2000/60/KE, li tali konċentrazzjonijiet ma jiżdidux b'mod sinifikanti fis-sediment jew fil-bijota.";

(e) jitħassar il-paragrafu 7;

(f) il-paragrafu 8 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"8. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 9a sabiex temenda l-punt 3 tal-Parti B tal-Anness I sabiex tadattah għall-progress tekniku jew xjentifiku.";

(4) L-Artikolu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 5

Inventarju tal-emissjonijiet, ir-rilaxx u t-telf

1. Abbażi tal-informazzjoni miġbura f'konformità mal-Artikoli 5 u 8 tad-Direttiva 2000/60/KE u ta' data oħra disponibbli, kull Stat Membru għandu jistabbilixxi inventarju tal-emissjonijiet, ir-rilaxx u t-telf tas-sustanzi prijoritarji kollha elenkati fil-Parti A tal-Anness I ta' din id-Direttiva u għas-sustanzi kollha identifikati mill-Istat Membru bħala kontaminanti speċifiċi għall-baċini tax-xmara għal kull distrett ta' baċin ta' xmara jew parti minn distrett ta' baċin ta' xmara fit-territorju tagħhom.

L-ewwel subparagrafu ma għandux japplika għall-emissjonijiet, ir-rilaxx u t-telf irrappurtati lill-Kummissjoni b'mod elettroniku, fuq bażi annwali, lill-Portal dwar l-Emissjonijiet Industrijali stabbilit bir-Regolament (UE) 2024/1244 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill *, f'konformità mal-Artikolu 7 ta' dak ir-Regolament.

4. L-Istati Membri għandhom jaġġornaw l-inventarji tagħhom bħala parti mir-rieżamijiet speċifikati fl-Artikolu 5(2) tad-Direttiva 2000/60/KE.

Il-perjodu ta' referenza għall-istabbiliment tal-valuri fl-inventarji aġġornati għandu jkun is-sena ta' qabel is-sena li fiha għandhom jitlestew ir-rieżamijiet speċifikati fl-Artikolu 5(2) tad-Direttiva 2000/60/KE.

Bħala parti minn dawk l-aġġornamenti, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-emissjonijiet minn sors lokalizzati fl-ilma li għalihom ma japplikax ir-Regolament (UE) 2024/1244 jew li huma taħt il-limiti ta' rapportar annwali stabbiliti f'dak ir-Regolament, kif ukoll l-emissjonijiet ta' kontaminanti minn sorsi diffużi kif definit f'il-punt (12) tal-Artikolu 3 ta' dak ir-Regolament, għall-ilma, jiġu rrapportati wkoll b'mezzi elettroniċi lill-Kummissjoni, sabiex ikunu disponibbli fil-Portal dwar l-Emissjonijiet Industrijali stabbilit b'dak ir-Regolament, mill-inqas kull sitt snin, u aggregati fil-livell ta' kull distrett ta' baċin tax-xmara jew parti minnu fit-territorju ta' Stat Membru.

Il-Kummissjoni għandha tadotta att ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi l-format għar-rapportar imsemmi fit-tielet subparagrafu ta' dan il-paragrafu. Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 9(2) ta' din id-Direttiva. Meta tistabbilixxi dak l-att ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni għandha tiġi assistita, fejn ikun meħtieġ, mill-EEA.

6. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-pjanijiet ta' mmaniġġjar tal-baċini tax-xmajjar stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 13 tad-Direttiva 2000/60/KE jinkludu referenza ċara jew weblink għall-informazzjoni kollha dwar emissjonijiet fl-ilma magħmula disponibbli fil-Portal dwar l-Emissjonijiet Industrijali f'konformità mal-paragrafi 1 u 4 ta' dan l-Artikolu.

* Ir-Regolament (UE) 2024/1244 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' April 2024 dwar ir-rapportar ta' data ambjentali minn installazzjonijiet industrijali, li jstabbilixxi Portal dwar l-Emissjonijiet Industrijali u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 166/2006 (ĠU L, 2024/1244, 2.5.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1244/oj>).";

(5) fl-Artikolu 7a, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Għal sustanzi prijoritarji li għalihom japplikaw id-Direttiva 2001/83/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*, ir-Regolamenti (KE) Nru 1907/2006** jew (KE) Nru 1107/2009*** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi 2009/128/KE**** jew 2010/75/UE***** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, jew ir-Regolamenti (UE) Nru 528/2012***** jew (UE) 2019/6 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*****, il-Kummissjoni għandha, b'kont meħud tad-data ta' monitoraġġ imsemmija fl-Artikolu 8(4) tad-Direttiva 2000/60/KE, u bħala parti mir-rapport imsemmi fl-Artikolu 18(1) ta' dik id-Direttiva, tevalwa jekk il-miżuri fis-seħħ fil-livell tal-Unjoni u fil-livell tal-Istati Membri humiex biżżejjed biex jintlaħqu l-EQS għas-sustanzi prijoritarji u l-għan tal-waqfien jew l-eliminazzjoni gradwali tar-rilaxxi, tal-emissjonijiet u tat-telf ta' sustanzi perikolużi prijoritarji skont il-punt (a) tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2000/60/KE.

-
- * Id-Direttiva 2001/83/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Novembru 2001 dwar il-kodiċi tal-Komunità li għandu x'jaqsam ma' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem (ĠU L 311, 28.11.2001, p. 67, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2001/83/oj>).
- ** Ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-Reġistrazzjoni, il-Valutazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni ta' Sustanzi Kimiċi (REACH), li jstabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni (ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2006/1907/oj>).
- *** Ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE (ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2009/1107/oj>).
- **** Id-Direttiva 2009/128/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja biex jinkiseb użu sostenibbli tal-pestiċidi (ĠU L 309, 24.11.2009, p. 71, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2009/128/oj>).
- ***** Id-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar l-emissjonijiet industrijali u l-emissjonijiet mit-trobbija tal-bhejjem (il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis) (ĠU L 334, 17.12.2010, p. 17, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2010/75/oj>).
- ***** Ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali (ĠU L 167, 27.6.2012, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2012/528/oj>).
- ***** Ir-Regolament (UE) 2019/6 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar prodotti mediċinali veterinarji u li jħassar id-Direttiva 2001/82/KE (ĠU L 4, 7.1.2019, p. 43, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2019/6/oj>).";

(6) L-Artikoli 8, 8a u 8b huma sostitwiti b'dawn li ġejjin:

"Artikolu 8

Rieżami tal-Annessi I u II

1. Il-Kummissjoni għandha tikkunsidra li tistabbilixxi standards ta' kwalità għall-PFAS Totali fl-ilmijiet tal-wiċċ fir-rieżami li jmiss tal-Anness I ta' din id-Direttiva li għandu jitwettaq f'konformità mal-Artikolu 16 tad-Direttiva 2000/60/KE u jkollha l-għan li tikkomplementa l-gwida dwar il-monitoraġġ tal-PFAS Totali fl-ilma tajjeb għax-xorb, żviluppata f'konformità mal-Artikolu 13(7) tad-Direttiva (UE) 2020/2184 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, biex tagħmilha applikabbli għall-monitoraġġ tal-PFAS Totali fl-ilmijiet tal-wiċċ. L-Istati Membri huma mħeġġa japplikaw diġà dik il-gwida biex jimmonitorjaw il-PFAS Totali fl-ilmijiet tal-wiċċ u jirrapportaw id-data f'konformità mal-Artikolu 8(4) tad-Direttiva 2000/60/KE. Meta tqis it-tossiċità, il-persistenza u l-prevalenza tal-aċidu trifluworoaċetiku (TFA) fl-ambjent, il-Kummissjoni għandha tikkunsidra l-istabbiliment ta' standard ta' kwalità għat-TFA separatament fl-Anness I ta' din id-Direttiva fir-rieżami li jmiss.

2. Fl-Anness III ta' din id-Direttiva huma inklużi l-parametru "Għadd totali ta' Bisfenoli" u l-parametri għall-għadd totali ta' pestiċidi magħżula skont il-mod ta' azzjoni u l-farmaċewtiċi magħżula skont il-mod ta' azzjoni. Il-Kummissjoni għandha tirreżamina l-inklużjoni possibbli ta' dawn il-parametri fil-lista ta' sustanzi prijoritarji fir-rieżami li jmiss tagħha tal-Anness I għal din id-Direttiva li għandha titwettaq skont l-Artikolu 16 tad-Direttiva 2000/60/KE, u tistabbilixxi EQS kif xieraq. Fir-rieżami li jmiss, il-Kummissjoni għandha tikkunsidra wkoll jekk jistax jittieħed approċċ ibbażat fuq ir-riskju għall-istabbiliment ta' EQS għall-għadd totali ta' bisfenoli, l-għadd totali ta' pestiċidi u għall-għadd totali ta' farmaċewtiċi fl-ilma tal-wieċċ, appoġġat minn metodi ta' monitoraġġ xierqa.
3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati, skont l-Artikolu 9a, biex temenda l-Parti B tal-Anness II sabiex tadattah għall-progress tekniku u xjentifiku.

Artikolu 8a

Dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti sustanzi

1. Fil-pjanijiet ta' mmaniġġjar tal-baċini tax-xmajjar prodotti f'konformità mal-Artikolu 13 tad-Direttiva 2000/60/KE, mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti tat-Taqsima 1.4.3 tal-Anness V ta' dik id-Direttiva rigward il-preżentazzjoni tal-istatus kimiku ġenerali u l-oġġettivi u l-obbligi stabbiliti fil-punt (a) tal-Artikolu 4(1), il-punt (k) tal-Artikolu 11(3) u l-Artikolu 16(6) ta' dik id-Direttiva, l-Istati Membri jistgħu jipprovdu mapep addizzjonali biex jippreżentaw l-istatus kimiku kif previst fit-taqsima 1.4.3 tal-Anness V tad-Direttiva 2000/60/KE.

2. L-Istati Membri jistgħu jimmonitorjaw is-sustanzi identifikati fil-Parti A tal-Anness I għal din id-Direttiva bħala sustanzi li jaġixxu bħal PBTs li jinsabu kullimkien b'mod anqas intensiv minn kif meħtieġ għas-sustanzi prijoritarji f'konformità mal-Artikolu 3(4) ta' din id-Direttiva u mal-Anness V tad-Direttiva 2000/60/KE, dment li l-monitoraġġ ikun rappreżentattiv u tkun disponibbli linja bażi statistikament robusta rigward il-preżenza ta' dawk is-sustanzi fl-ambjent akkwatiku. Bħala linja gwida, f'konformità mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 3(6) ta' din id-Direttiva, jenħtieġ li l-monitoraġġ isir mill-inqas kull tliet snin, dment li l-użu jew l-emissjoni tas-sustanza, jew l-għarfien tekniku u l-ġudizzju espert, ma jiġġustifikawx intervall ieħor.

3. Fuq perjodu ta' sentejn mill-1 ta' Jannar 2030, l-Istati Membri għandhom jimmonitorjaw il-preżenza ta' sustanzi estroġeniċi fil-mases tal-ilma, billi jużaw metodi ta' monitoraġġ ibbażati fuq l-effetti. It-teħid ta' kampjuni u l-analiżi ma għandhomx għalfejn jibdw fil-bidu ta' dak il-perjodu ta' sentejn, iżda għandhom jitwettqu mill-inqas erba' darbiet kull sena. L-Istati Membri għandhom iwettqu l-monitoraġġ f'għadd mis-siti fejn it-tliet ormoni estroġeniċi 17-beta estradijoli (E2), Estron (E1) u 17-alfa-etinilestradijoli (EE2), elenkati fil-Parti A tal-Anness I ta' din id-Direttiva, qegħdin jiġu mmonitorjati bl-użu ta' metodi analitiċi konvenzjonali f'konformità mal-Artikolu 8 tad-Direttiva 2000/60/KE u mal-Anness V tagħha u sabiex jiksbu riżultati komparattivi fuq firxa ta' konċentrazzjonijiet. Id-data għandha tiġi rrapportata flimkien, u f'konformità mal-Artikolu 8(4) ta' dik id-Direttiva. L-għadd tas-siti ma għandux ikun inqas minn dak speċifikat fl-Artikolu 8b(3) ta' din id-Direttiva għall-monitoraġġ ta' sustanzi fil-lista ta' sorveljanza. L-Istati Membri jistgħu jibdw il-monitoraġġ qabel l-1 ta' Jannar 2030 dment li l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi msemmija fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu jkunu ġew adottati. L-Istati Membri ma għandhomx jużaw ir-riżultati bbażati fuq l-effetti mill-perjodu ta' monitoraġġ komparattiv ta' sentejn għall-fini tal-klassifikazzjoni tal-istatus kimiku tal-mases tal-ilma mmonitorjati kif deskritt fit-Taqsima 1.4.3 tal-Anness V tad-Direttiva 2000/60/KE.

4. Sa ... [*l-ewwel jum tax-xahar wara 18-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja*], il-Kummissjoni għandha tadotta att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għall-monitoraġġ ta' sustanzi estroġeniċi permezz tal-użu ta' metodi ta' monitoraġġ ibbażati fuq l-effetti. L-atti ta' implimentazzjoni għandhom jġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 9(2).
5. Fi żmien 18-il xahar minn meta d-data tkun ġiet irrapportata mill-Istati Membri, il-Kummissjoni għandha tippubblika rapport li jqabbel ir-riżultati mill-metodi analitiċi konvenzjonali ma' dawk ibbażati fuq l-effetti u tanalizza l-possibbiltà li jintużaw metodi ta' monitoraġġ ibbażati fuq l-effetti flimkien ma' valur ta' skattar ibbażat fuq l-effetti għall-estroġeni kif definit fil-punt 35a tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2000/60/KE għal skopijiet ta' skrinjar biex tiġi appoġġata l-valutazzjoni tal-istatus kimiku.

Fil-kuntest ta' rieżamijiet futuri tal-lista ta' kontaminanti f'konformità mal-Artikolu 16(2) tad-Direttiva 2000/60/KE, b'kont meħud tal-analiżi fir-rapport imsemmi fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, il-Kummissjoni għandha tikkunsidra li tistabbilixxi valur ta' skattar għall-estroġeni għall-finijiet ta' skrinjar u għall-valutazzjoni tal-istatus kimiku. Ladarba l-metodi bbażati fuq l-effetti jkunu lesti biex jintużaw anke għal sustanzi oħra, il-Kummissjoni għandha tikkunsidra, fil-kuntest ta' rieżamijiet futuri, li tirrikjedi li l-Istati Membri jużawhom, jekk meħtieġ, mill-inqas inizjalment b'mod parallel ma' metodi analitiċi konvenzjonali, u tikkunsidra li tistabbilixxi valuri skattaturi korrispondenti.

Artikolu 8b

Lista ta' sorveljanza

1. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa tadotta atti ta' implimentazzjoni sabiex tistabbilixxi, wara li tqis ir-rapporti xjentifiċi mħejjija mill-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA) f'konformità mal-paragrafu 1a ta' dan l-Artikolu, lista ta' sorveljanza tas-sustanzi li għalihom huwa meħtieġ li tinġabar data ta' monitoraġġ madwar l-Unjoni kollha mill-Istati Membri sabiex jiġu appoġġati rieżamijiet futuri f'konformità mal-Artikolu 16(2) tad-Direttiva 2000/60/KE u li jiġu stabbiliti l-formati li għandhom jintużaw mill-Istati Membri għar-rappurtar tar-riżultati ta' dak il-monitoraġġ u ta' informazzjoni relatata lill-Kummissjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom ikunu adottati f'konformità mal-proċedura ta' analiżi msemmija fl-Artikolu 9(2).

Il-lista ta' sorveljanza għandu jkun fiha massimu ta' 10 sustanzi, gruppi ta' sustanzi, jew indikaturi ta' tniġġis fi kwalunkwe ħin u għandha tindika l-matriciġiet ta' monitoraġġ u l-metodi possibbli ta' analiżi għal kull sustanza. Dawk il-matriciġiet ta' monitoraġġ u metodi ma għandhomx jinvolvu kostijiet eċċessivi għall-awtoritajiet kompetenti. Is-sustanzi li għandhom jiġu inklużi fil-lista ta' sorveljanza għandhom jintgħażlu minn fost is-sustanzi li għalihom l-informazzjoni disponibbli tindika li jistgħu joħlqu riskju sinifikanti fil-livell tal-Unjoni għall-ambjent akkwatiku, jew permezz tiegħu, u li għalihom id-data ta' monitoraġġ hija insuffiċjenti. Il-lista ta' sorveljanza għandha tinkludi sustanzi ta' tħassib emerġenti.

Abbażi tar-rapporti xjentifiċi mħejjija mill-ECHA f'konformità mal-paragrafu 1a, il-Kummissjoni għandha tinkludi l-mikroplastiċi u indikaturi adatti għall-preżenza, l-evoluzzjoni jew it-trażmissjoni ta' reżistenza għall-antimikrobiċi (“indikaturi ta' reżistenza għall-antimikrobiċi”) f'lista ta' sorveljanza, dment li jkunu disponibbli metodi ta' teħid ta' kampjuni u ta' analiżi affidabbli u li ma jinvolvux kostijiet eċċessivi. Sa ... [*l-ewwel jum tax-xahar wara 18-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja*], il-Kummissjoni għandha tidentifika tali metodi ta' teħid ta' kampjuni u ta' analiżi.

- 1a. L-ECHA għandha theggi rapporti xjentifiċi sabiex tgħin lill-Kummissjoni fl-għażla tas-sustanzi u l-indikaturi għall-inklużjoni fil-lista ta' sorveljanza msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, filwaqt li tqis l-informazzjoni li ġejja:
- (a) l-Anness I tad-Direttiva 2006/118/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill* u r-riżultati tal-aktar rieżami reċenti ta' dak l-Anness, kif ukoll ir-riżultati tal-aktar rieżami regolari reċenti tal-Anness I ta' din id-Direttiva;
 - (b) il-listi ta' sorveljanza stabbiliti f'konformità mad-Direttivi 2006/118/KE u (UE) 2020/2184;
 - (c) rakkomandazzjonijiet mill-partijiet ikkonċernati;
 - (d) il-karatterizzazzjoni mill-Istati Membri tad-distretti tal-baċini tax-xmara f'konformità mal-Artikolu 5 tad-Direttiva 2000/60/KE u r-riżultati tal-programmi ta' monitoraġġ stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 8 ta' dik id-Direttiva;

- (e) informazzjoni dwar il-volumi tal-produzzjoni, ix-xejriet tal-użu, il-proprjetajiet intrinżiċi, inkluż, fejn rilevanti, id-daqs tal-partikoli, il-konċentrazzjonijiet fl-ambjent u l-effetti negattivi fuq is-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent akkwatiku ta' sustanza, inkluż l-informazzjoni miġbura f'konformità mad-Direttiva 2001/83/KE, mar-Regolament (KE) Nru 1907/2006, mar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**, mar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, mad-Direttiva 2009/128/KE, mar-Regolament (UE) Nru 528/2012 u mar-Regolament (UE) 2022/2379 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***;
- (f) proġetti ta' riċerka u pubblikazzjonijiet xjentifiċi, inkluż informazzjoni dwar it-tendenzi u l-previżjonijiet ibbażati fuq l-immudellar jew valutazzjonijiet ta' tbassir oħrajn, kif ukoll informazzjoni u data miġburin minn teknoloġiji ta' telerilevament, mill-osservazzjoni tad-dinja, bħas-servizzi ta' Copernicus, minn sensuri u apparati in situ jew mid-data xjentifika taċ-ċittadini, li jisfruttaw l-opportunitajiet offrti mill-intelliġenza artifiċjali u mill-analiżi u l-ipproċessar avvanzati tad-data;
- (g) rakkomandazzjonijiet mill-gruppi ta' ħidma stabbiliti skont l-Istrateġija ta' Implimentazzjoni Komuni għad-Direttiva 2000/60/KE;
- (h) informazzjoni dwar l-emissjonijiet, ir-rilaxx u t-telf disponibbli fil-Portal dwar l-Emissjonijiet Industrijali fil-qafas tar-Regolament (UE) 2024/1244, kif ukoll kwalunkwe informazzjoni addizzjonali disponibbli dwar is-sustanzi koperti mill-permessi fil-qafas tad-Direttiva 2010/75/UE.

- 1b. Ir-rapporti xjentifiċi mħejjija mill-ECHA f'konformità mal-paragrafu 1a għandhom jippreżentaw lista ta' sustanzi, gruppi ta' sustanzi, jew indikaturi, il-matriċi ta' monitoraġġ rakkomandata, u metodu indikattiv ta' analiżi u limitu massimu aċċettabbli ta' kwantifikazzjoni għal kull wieħed minnhom, b'referenza ta' sostenn għal-letteratura jew gwida xjentifika.
- 1c. Sa ... [*l-ewwel jum tal-wieħed u għoxrin xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja*] u kull tliet snin wara dan, l-ECHA għandha tħejji rapport li jiġbor fil-qosor is-sejbiet tar-rapporti xjentifiċi mħejjija f'konformità mal-paragrafu 1a u għandha tagħmel dak ir-rapport disponibbli għall-pubbliku.
2. Il-Kummissjoni għandha taġġorna l-lista ta' sorveljanza msemmija fil-paragrafu 1 sa ... [*l-ewwel jum tal-erbgħa u għoxrin xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja*], u kull tliet snin minn hemm 'il quddiem.

Meta taġġorna l-lista ta' sorveljanza, il-Kummissjoni għandha tneħħi kwalunkwe sustanza jew indikatur mil-lista ta' sorveljanza li għaliha tista' titwettaq valutazzjoni bbażata fuq ir-riskju msemmija fl-Artikolu 16(2) tad-Direttiva 2000/60/KE mingħajr data ta' monitoraġġ addizzjonali. Madankollu, sustanza individwali, grupp ta' sustanzi jew indikatur jistgħu jinżammu fil-lista ta' sorveljanza għal perjodu ieħor ta' massimu ta' tliet snin meta tkun meħtieġa data ta' monitoraġġ addizzjonali sabiex jiġi vvalutat ir-riskju għall-ambjent akkwatiku.

Kull lista ta' sorveljanza aġġornata għandha tinkludi wkoll sustanza addizzjonali waħda jew aktar, grupp ta' sustanzi, jew indikaturi li għalihom il-Kummissjoni tqis, abbażi tar-rapporti xjentifiċi tal-ECHA, li jista' jkun hemm riskju mifrux għall-ambjent akkwatiku jew permezz tiegħu, bil-kundizzjoni li l-lista ta' sorveljanza aġġornata jkun fiha massimu ta' għaxar sustanzi, gruppi ta' sustanzi, jew indikaturi, f'konformità mal-paragrafu 1.

Il-mikroplastiki u l-indikaturi tar-reżistenza għall-antimikrobiċi ma għandhomx jinżammu fil-lista għat-tieni perjodu konsekuttiv ta' tliet snin sakemm ma tkunx disponibbli metodoloġija armonizzata u affidabbli ta' valutazzjoni tar-riskju li, meta tiġi applikata, turi li d-data ta' monitoraġġ miġbura matul l-ewwel perjodu ta' monitoraġġ ma tkunx biżżejjed biex jiġi vvalutat ir-riskju li dawn joħlqu għall-ambjent akkwatiku jew permezz tiegħu.

3. L-Istati Membri għandhom jimmonitorjaw kull sustanza, grupp ta' sustanzi, u indikatur fil-lista ta' sorveljanza msemmija fil-paragrafu 1 fi stazzjonijiet ta' monitoraġġ rappreżentattivi magħżula fuq perjodu ta' 24 xahar. Il-perjodu ta' monitoraġġ għandu jibda fi żmien sitt xhur mill-inklużjoni tas-sustanza fil-lista, iżda t-tehd ta' kampjuni u l-analiżi ma għandhomx għalfejn jinbdew fil-bidu ta' dak il-perjodu.

Kull Stat Membru għandu jagħżel mill-anqas stazzjon ta' monitoraġġ wieħed, flimkien ma' stazzjon wieħed jekk ikollu aktar minn miljun abitant, flimkien mal-għadd ta' stazzjonijiet ugwali għaż-żona ġeografika tiegħu f'km² diviża b'60 000, aġġustat għall-eqreb numru sħiħ, flimkien mal-għadd ta' stazzjonijiet ugwali għall-popolazzjoni tiegħu diviża b'5 miljuni, aġġustat għall-eqreb numru sħiħ.

Fl-għażla tal-istazzjonijiet ta' monitoraġġ rappreżentattivi, il-frekwenza tal-monitoraġġ u ż-żmien għal kull sustanza, grupp ta' sustanzi, jew indikatur, l-Istati Membri għandhom iqisu l-varjabbiltà staġjonali fix-xita, il-livelli tal-ilma, ix-xejriet tal-użu u l-possibbiltà li s-sustanza, il-grupp ta' sustanzi, jew l-indikatur iseħħu. Il-frekwenza tal-monitoraġġ ma għandhiex tkun inqas minn darbtejn fis-sena meta titwettaq fl-ilma u mhux inqas minn darba fis-sena meta titwettaq fis-sediment jew fil-bijota. Meta jkunu meħtieġa frekwenzi ogħla, bħal għal sustanzi li huma sensittivi għal varjabbiltajiet klimatiċi jew staġjonali, iż-żieda fil-frekwenza għandha tiġi stabbilita u ġustifikata teknikament fl-att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi l-lista ta' sorveljanza adottata skont il-paragrafu 1.

Meta Stat Membru jkun f'pożizzjoni li jiġġenera u jipprovdi lill-Kummissjoni b'data ta' monitoraġġ reċenti, rappreżentattiva, komparabbli u suffiċjenti għal sustanza partikolari, grupp ta' sustanzi, jew indikatur minn programmi jew studji ta' monitoraġġ eżistenti, huwa jista' jiddeċiedi li ma jwettaqx monitoraġġ addizzjonali skont il-mekkaniżmu tal-lista ta' sorveljanza għal dik is-sustanza, grupp ta' sustanzi, jew indikatur, dment li s-sustanza, grupp ta' sustanzi, jew indikatur, ikunu ġew immonitorjati bl-użu ta' metodoloġija li tkun konformi mal-matriciġiet ta' monitoraġġ u mal-metodi ta' analiżi msemmija fl-att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi l-lista ta' sorveljanza, kif ukoll mad-Direttiva tal-Kummissjoni 2009/90/KE****.

4. L-Istati Membri għandhom jagħmlu disponibbli r-riżultati tal-monitoraġġ imsemmija fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu kull sena f'konformità mal-Artikolu 8(4) tad-Direttiva 2000/60/KE u mal-att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi l-lista ta' sorveljanza adottata skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu. Huma għandhom jagħmlu disponibbli wkoll informazzjoni dwar ir-rappreżentattività tal-istazzjonijiet ta' monitoraġġ u dwar l-istrateġija ta' monitoraġġ.
5. Fi tmiem il-perjodu ta' 24 xahar imsemmi fil-paragrafu 3, l-ECHA għandha tirreżamina r-riżultati tal-monitoraġġ u tivvaluta liema sustanzi, gruppi ta' sustanzi, jew indikaturi jeħtieġ li jiġu mmonitorjati għal perjodu ieħor ta' 24 xahar u li għalhekk għandhom jinżammu fuq il-lista ta' sorveljanza u liema sustanzi, gruppi ta' sustanzi, jew indikaturi jistgħu jitneħħew mil-lista ta' sorveljanza.

Meta l-Kummissjoni, wara li tqis il-valutazzjoni mill-ECHA msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, tikkonkludi li ma huwa meħtieġ l-ebda monitoraġġ ulterjuri sabiex jiġi vvalutat aktar ir-riskju għall-ambjent akkwatiku, din il-valutazzjoni mill-ECHA għandha titqies fir-rieżami tal-listi ta' sustanzi fl-Anness I jew fil-Parti C tal-Anness II ta' din id-Direttiva, f'konformità mal-Artikolu 16 tad-Direttiva 2000/60/KE.

-
- * Id-Direttiva 2006/118/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar il-prevenzjoni u l-kontroll tat-tniġġis tal-ilma ta' taħt l-art (ĠU L 372, 27.12.2006, p. 19, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2006/118/oj>).
- ** Ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet, li jemenda u jħassar id-Direttivi 67/548/KEE u 1999/45/KE, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 (ĠU L 353, 31.12.2008, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2008/1272/oj>).
- *** Ir-Regolament (UE) 2022/2379 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Novembru 2022 dwar l-istatistika dwar l-input u l-output agrikoli, li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 617/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 1165/2008, (KE) Nru 543/2009 u (KE) Nru 1185/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kunsill 96/16/KE (ĠU L 315, 7.12.2022, p.1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2022/2379/oj>).
- **** Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2009/90/KE tal-31 ta' Lulju 2009 li tistipula, skont id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, speċifikazzjonijiet tekniċi għall-analiżi u l-monitoraġġ kimiċi tal-istat tal-ilma (ĠU L 201, 1.8.2009, p. 36, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2009/90/oj>);

(7) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"Artikolu 8d

Kontaminanti Speċifiċi għall-Baċini tax-Xmara

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu u japplikaw EQS għall-kontaminanti speċifiċi għall-baċini tax-xmara koperti mill-kategoriji elenkati fil-Parti A tal-Anness II ta' din id-Direttiva, meta huma jidentifikaw li dawk il-kontaminanti jippreżentaw riskju għall-mases tal-ilma f'wieħed jew aktar mid-distretti tal-baċin tax-xmara tagħhom abbażi tal-analiżijiet u r-rieżamijiet skont l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2000/60/KE, f'konformità mal-proċedura stabbilita fil-Parti B tal-Anness II ta' din id-Direttiva.

Sat-22 ta' Diċembru 2027, l-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni bil-lista tagħhom ta' kontaminanti speċifiċi għall-baċini tax-xmajjar u l-EQS stabbiliti skont l-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li dik l-informazzjoni ssir disponibbli għall-pubbliku.

Aġġornamenti sussegwenti tal-lista ta' kontaminanti speċifiċi għall-baċini tax-xmajjar identifikati mill-Istati Membri f'konformità mal-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu u l-EQS korrispondenti tagħhom għandhom jiġu inklużi fil-pjanijiet ta' ġestjoni tal-baċin tax-xmara li għandhom jiġu prodotti skont l-Artikolu 13 tad-Direttiva 2000/60/KE.

2. Meta l-EQS għall-kontaminanti speċifiċi għall-baċini tax-xmara ikunu ġew stabbiliti fil-livell tal-Unjoni f'konformità mal-Artikolu 16(4) tad-Direttiva 2000/60/KE, u elenkati fil-Parti C tal-Anness II ta' din id-Direttiva, dawk l-EQS għandhom jieħdu preċedenza fuq l-EQS għall-kontaminanti speċifiċi għall-baċini tax-xmara stabbiliti fil-livell nazzjonali f'konformità mal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu. Dawk l-EQS stabbiliti fil-livell tal-Unjoni għandhom jiġu applikati wkoll mill-Istati Membri sabiex jistabbilixxu jekk il-kontaminanti speċifiċi għall-baċini tax-xmara elenkati fil-Parti C tal-Anness II ta' din id-Direttiva jgħolqux riskju.
3. Il-konformità mal-EQS nazzjonali applikabbli jew, fejn rilevanti, mal-EQS stabbiliti fil-livell tal-Unjoni, hija meħtieġa biex massa tal-ilma jikseb status kimiku tajjeb tal-ilma tal-wieċ, kif definit fil-punt 24 tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2000/60/KE.";

(8) L-Artikolu 9a huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafi 2 u 3 huma sostitwiti b'dan li ġej:

- "2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu 3(8) u l-Artikolu 8(3) għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' sitt snin minn ... [*id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja*]. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega ta' setgħa mhux iktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' sitt snin. Id-delega tas-setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi ta' żmien identiċi, ħliet jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.
3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 3(8) u l-Artikolu 8(3) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttejjem id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata f'ih. Ma għandha taffettwa l-validità tal-ebda att delegat li jkun diġà fis-seħħ.
- 3a. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti maħtura minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016.";

(b) il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"5. Att delegat adottat skont l-Artikolu 3(8) jew l-Artikolu 8(3) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġi espress ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn li huma infurmaw lill-Kummissjoni li ma humiex ser joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.";

- (9) jitħassar l-Artikolu 10;
- (10) l-Anness I huwa emendat f'konformità mal-Anness V ta' din id-Direttiva;
- (11) it-test li jinsab fl-Anness III ta' din id-Direttiva jiżdied bħala l-Anness II;
- (12) it-test li jinsab fl-Anness VIII ta' din id-Direttiva jiżdied bħala l-Anness III.

Artikolu 4
Traspożizzjoni

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sal-21 ta' Diċembru 2027. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk il-miżuri lill-Kummissjoni.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk il-miżuri, huma għandhom jirreferu għal din id-Direttiva jew jinkludu referenza għaliha meta jiġu ppubblikati uffiċjalment. Huma għandhom jiddeċiedu kif issir dik ir-referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tal-miżuri ewlenin tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 5
Dħul fis-seħħ

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha fl-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 6
Destinatarji

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi ..., ...

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President

ANNEX I

L-Anness V tad-Direttiva 2000/60/KE huwa emendat kif ġej:

(1) it-taqsimiet 1.1.1 sa 1.1.4 huma sostitwiti b'dawn li ġejjin:

"1.1.1. Xmajjar

Elementi bijoloġiċi

Kompożizzjoni u abbondanza tal-flora akkwatika

Kompożizzjoni u abbondanza tal-fawna invertebrata bentika

Kompożizzjoni, abbondanza u struttura tal-età tal-fawna tal-ħut

Elementi idromorfoloġiċi li jsostnu l-elementi bijoloġiċi

Reġim idroloġiku

kwantità u dinamika tal-fluss tal-ilma

konnessjoni mal-korpi tal-ilma ta' taħt l-art

Kontinwità tax-xmara

Kundizzjonijiet morfoloġiċi

varjazzjoni fil-fond u fil-wisa' tax-xmara

struttura u substrat tal-qiegħ tax-xmara

struttura taż-żona tax-xtut ta' xmara

Elementi fiżikokimiċi ġenerali li jsostnu l-elementi bijoloġiċi

Kundizzjonijiet termali

Kundizzjonijiet ta' ossiġenazzjoni

Salinità

Stat ta' aċidifikazzjoni

Kundizzjonijiet tan-nutrijenti

1.1.2. Lagi

Elementi bijoloġiċi

Kompożizzjoni, abbondanza u bijomassa tal-fitoplankton

Kompożizzjoni u abbondanza ta' flora akkwatika oħra

Kompożizzjoni u abbondanza tal-fawna invertebrata bentika

Kompożizzjoni, abbondanza u struttura tal-età tal-fawna tal-ħut

Elementi idromorfoloġiċi li jsostnu l-elementi bijoloġiċi

Reġim idroloġiku

kwantità u dinamika tal-fluss tal-ilma

ħin ta' residenza

konezzjoni mal-korp tal-ilma ta' taħt l-art

Kundizzjonijiet morfoloġiċi

varjazzjoni fil-fond tal-lag

kwantità, struttura u substrat tal-qiegħ tal-lag

struttura tal-plajja tal-lag

Elementi fiżikokimiċi ġenerali li jsostnu l-elementi bijoloġiċi

Trasparenza

Kundizzjonijiet termali

Kundizzjonijiet ta' ossiġenazzjoni

Salinità

Stat ta' aċidifikazzjoni

Kundizzjonijiet tan-nutrijenti

1.1.3. Ilmijiet tranżizzjonali

Elementi bijoloġiċi

Kompożizzjoni, abbondanza u bijomassa tal-fitoplankton

Kompożizzjoni u abbondanza ta' flora akkwatika oħra

Kompożizzjoni u abbondanza tal-fawna invertebrata bentika

Kompożizzjoni u abbondanza tal-fawna tal-ħut

Elementi idromorfoloġiċi li jsostnu l-elementi bijoloġiċi

Kundizzjonijiet morfoloġiċi

varjazzjoni fil-fond

kwantità, struttura u substrat tal-qiegħ

struttura taż-żona intermareali

Reġim tal-marea

fluss tal-ilma ħelu

esponiment għall-mewġ

Elementi fiżikokimiċi ġenerali li jsostnu l-elementi bijoloġiċi

Trasparenza

Kundizzjonijiet termali

Kundizzjonijiet ta' ossiġenazzjoni

Salinità

Kundizzjonijiet tan-nutrijenti

1.1.4. Ilmijiet kostali

Elementi bijoloġiċi

Kompożizzjoni, abbondanza u bijomassa tal-fitoplankton

Kompożizzjoni u abbondanza ta' flora akkwatika oħra

Kompożizzjoni u abbondanza tal-fawna invertebrata bentika

Elementi idromorfoloġiċi li jsostnu l-elementi bijoloġiċi

Kundizzjonijiet morfoloġiċi

varjazzjoni fil-fond

struttura u substrat tal-qiegħ tal-kosta

struttura taż-żona intermareali

Reġim tal-marea

direzzjoni tal-kurrenti dominanti

esponiment għall-mewġ

Elementi fiżikokimiċi ġenerali li jsostnu l-elementi bijoloġiċi

Trasparenza

Kundizzjonijiet termali

Kundizzjonijiet ta' ossiġenazzjoni

Salinità

Kundizzjonijiet tan-nutrijenti";

(2) fil-taqsimha 1.2.1, it-tabella "Elementi ta' kwalità fiżikokimika" hija sostitwita b'din li ġejja:

"Elementi ġenerali ta' kwalità fiżikokimika"

Element	Stat għoli	Stat tajjeb	Stat moderat
Kundizzjonijiet ġenerali	<p>Il-valuri tal-elementi fiżikokimiċi ġenerali jikkorrispondu totalment jew kważi totalment għal kundizzjonijiet mhux disturbati.</p> <p>Il-konċentrazzjonijiet tan-nutrijenti jibqgħu fil-medda normalment assoċjata ma' kundizzjonijiet mhux disturbati.</p> <p>Il-livelli ta' salinità, il-pH, il-bilanċ tal-ossiġenu, il-kapaċità tan-newtralizzazzjoni tal-aċidu u t-temperatura ma jurux sinjali ta' disturb antropoġeniku u għadhom fil-medda normalment assoċjata ma' kundizzjonijiet mhux disturbati.</p>	<p>It-temperatura, il-bilanċ tal-ossiġenu, il-pH, il-kapaċità tan-newtralizzazzjoni tal-aċidu u s-salinità ma jilhqax livelli barra mill-medda stabbiliti sabiex jiżguraw il-funzjonament tal-ekosistema speċifika għat-tip u l-kisba tal-valuri speċifikati hawn fuq għall-elementi tal-kwalità bijoloġika.</p> <p>Il-konċentrazzjonijiet tan-nutrijenti ma jaqbx il-livelli stabbiliti sabiex jiżguraw il-funzjonament tal-ekosistema u l-kisba tal-valuri speċifikati hawn fuq għall-elementi tal-kwalità bijoloġika.</p>	Kundizzjonijiet konsistenti mal-kisba tal-valuri speċifikati hawn fuq għall-elementi ta' kwalità bijoloġika.

”;

(3) fil-taqsim 1.2.2, it-tabella "Elementi ta' kwalità fiżikokimika" hija sostitwita b'din li ġejja:

"Elementi ġenerali ta' kwalità fiżikokimika"

Element	Stat għoli	Stat tajjeb	Stat moderat
Kundizzjonijiet ġenerali	<p>Il-valuri tal-elementi fiżikokimiċi ġenerali jikkorrispondu totalment jew kważi totalment għal kundizzjonijiet mhux disturbati.</p> <p>Il-konċentrazzjonijiet tan-nutrijenti jibqgħu fil-medda normalment assoċjata ma' kundizzjonijiet mhux disturbati.</p> <p>Il-livelli ta' salinità, il-pH, il-bilanċ tal-ossiġenu, il-kapaċità tan-newtralizzazzjoni tal-aċidu, it-trasparenza u t-temperatura ma jurux sinjali ta' disturb antropoġeniku u għadhom fil-meded normalment assoċjati ma' kundizzjonijiet mhux disturbati.</p>	<p>It-temperatura, il-bilanċ tal-ossiġenu, il-pH, il-kapaċità tan-newtralizzazzjoni tal-aċidu, it-trasparenza u s-salinità ma jilħqux livelli barra mill-meded stabbiliti sabiex jiżguraw il-funzjonament tal-ekosistema u l-kisba tal-valuri speċifikati hawn fuq għall-elementi tal-kwalità bijoloġika.</p> <p>Il-konċentrazzjonijiet tan-nutrijenti ma jaqbżux il-livelli stabbiliti sabiex jiżguraw il-funzjonament tal-ekosistema u l-kisba tal-valuri speċifikati hawn fuq għall-elementi tal-kwalità bijoloġika.</p>	Kundizzjonijiet konsistenti mal-kisba tal-valuri speċifikati hawn fuq għall-elementi ta' kwalità bijoloġika.

"

,

(4) fil-taqsimha 1.2.3, it-tabella "Elementi ta' kwalità fiżikokimika" hija sostitwita b'din li ġejja:

"Elementi ġenerali ta' kwalità fiżikokimika"

Element	Stat għoli	Stat tajjeb	Stat moderat
Kundizzjonijiet ġenerali	<p>L-elementi fiżikokimiċi ġenerali jikkorrispondu totalment jew kważi totalment għal kundizzjonijiet mhux disturbati.</p> <p>Il-konċentrazzjonijiet tan-nutrijenti jibqgħu fil-medda normalment assoċjata ma' kundizzjonijiet mhux disturbati.</p> <p>It-temperatura, il-bilanċ tal-ossiġnu u t-trasparenza ma jurux sinjali ta' disturb antropoġeniku u għadhom fil-medda normalment assoċjati ma' kundizzjonijiet mhux disturbati.</p>	<p>It-temperatura, il-kundizzjonijiet ta' ossiġenazzjoni u t-trasparenza ma jilhqax livelli barra mill-medda stabbiliti sabiex jiżguraw il-funzjonament tal-ekosistema u l-kisba tal-valuri speċifikati hawn fuq għall-elementi tal-kwalità bijoloġika.</p> <p>Il-konċentrazzjonijiet tan-nutrijenti ma jaqbżux il-livelli stabbiliti sabiex jiżguraw il-funzjonament tal-ekosistema u l-kisba tal-valuri speċifikati hawn fuq għall-elementi tal-kwalità bijoloġika.</p>	Kundizzjonijiet konsistenti mal-kisba tal-valuri speċifikati hawn fuq għall-elementi ta' kwalità bijoloġika.

”;

(5) fil-taqsimha 1.2.4, it-tabella "Elementi ta' kwalità fiżikokimika" hija sostitwita b'din li ġejja:

"Elementi ġenerali ta' kwalità fiżikokimika"

Element	Stat għoli	Stat tajjeb	Stat moderat
Kundizzjonijiet ġenerali	<p>L-elementi fiżikokimiċi ġenerali jikkorrispondu totalment jew kważi totalment għal kundizzjonijiet mhux disturbati.</p> <p>Il-konċentrazzjonijiet tan-nutrijenti jibqgħu fil-medda normalment assoċjata ma' kundizzjonijiet mhux disturbati.</p> <p>It-temperatura, il-bilanċ tal-ossiġnu u t-trasparenza ma jurux sinjali ta' disturb antropoġeniku u għadhom fil-medda normalment assoċjati ma' kundizzjonijiet mhux disturbati.</p>	<p>It-temperatura, il-kundizzjonijiet ta' ossiġenazzjoni u t-trasparenza ma jilhqax livelli barra mill-medda stabbiliti sabiex jiżguraw il-funzjonament tal-ekosistema u l-kisba tal-valuri speċifikati hawn fuq għall-elementi tal-kwalità bijoloġika.</p> <p>Il-konċentrazzjonijiet tan-nutrijenti ma jaqbżux il-livelli stabbiliti sabiex jiżguraw il-funzjonament tal-ekosistema u l-kisba tal-valuri speċifikati hawn fuq għall-elementi tal-kwalità bijoloġika.</p>	Kundizzjonijiet konsistenti mal-kisba tal-valuri speċifikati hawn fuq għall-elementi ta' kwalità bijoloġika.

”;

- (6) fit-taqsimha 1.2.5, it-tabella hija emendata kif ġej:
- (a) titħassar il-ħames ringiela għall-entrata "Kontaminanti sintetiċi speċifiċi";
 - (b) titħassar is-sitt ringiela għall-entrata "Kontaminanti mhux sintetiċi speċifiċi";
 - (c) tithassar is-seba' ringiela għan-nota tat-tabella (1);
- (7) tithassar it-taqsimha 1.2.6;

(8) fit-taqsimha 1.3, jiżdiedu l-paragrafi li ġejjin:

"Meta n-network ta' monitoraġġ jinvolvi l-osservazzjoni tad-dinja u t-telerilevament aktar milli punti lokali tat-teħid ta' kampjuni, jew tekniki innovattivi oħrajn, il-mappa tan-network ta' monitoraġġ għandha tinkludi informazzjoni dwar l-elementi ta' kwalità u l-korpi tal-ilma jew il-gruppi ta' korpi tal-ilma li jkunu ġew immonitorjati bl-użu ta' tali metodi ta' monitoraġġ. Għandha ssir referenza għall-istandards CEN, ISO, jew għal standards nazzjonali jew internazzjonali oħra li jkunu ġew applikati sabiex jiġi żgurat li d-data temporali u spazjali miksuba tkun affidabbli daqs dik miksuba permezz tal-użu ta' metodi ta' monitoraġġ konvenzjonali fil-punti lokali tat-teħid ta' kampjuni u tal-kejl.

L-Istati Membri jistgħu japplikaw metodi passivi ta' teħid ta' kampjuni sabiex jimmonitorjaw il-kontaminanti kimiċi, fejn xieraq, b'mod partikolari għal finijiet ta' skrinjar u għal valutazzjoni fit-tul, bil-kundizzjoni li daww il-metodi ta' teħid ta' kampjuni ma jissottovalutawx il-konċentrazzjonijiet tal-kontaminanti għalihom japplikaw l-istandards tal-kwalità ambjentali, u b'hekk jidentifikaw b'mod affidabbli "in-nuqqas li jinkiseb status tajjeb", u li l-analiżi kimika tal-kampjuni tal-ilma, tal-bijota jew tas-sediment, skont l-istandards ta' kwalità ambjentali applikati, titwettaq kull fejn jiġi osservat tali nuqqas. L-Istati Membri jistgħu japplikaw ukoll metodi ta' monitoraġġ ibbażati fuq l-effett soġġetti għall-istess kundizzjonijiet.";

- (9) fit-taqsimha 1.3.1, l-aħħar paragrafu, "Selezzjoni ta' elementi ta' kwalità" huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Selezzjoni ta' elementi ta' kwalità"

Il-monitoraġġ ta' sorveljanza għandu jittwettaq għal kull sit ta' monitoraġġ għal perjodu ta' sena matul il-perjodu kopert minn pjan ta' mmaniġġjar tal-baċin tax-xmara. Il-monitoraġġ ta' sorveljanza għandu jkopri dawn li ġejjin:

- (a) parametri indikattivi tal-elementi kollha ta' kwalità bijoloġika;
- (b) parametri indikattivi tal-elementi kollha ta' kwalità idromorfoloġika;
- (c) parametri indikattivi tal-elementi kollha ta' kwalità fiżikokimika ġenerali;
- (d) sustanzi ta' prijorità maħruġa jew iddepożitati b'mod ieħor fil-baċin tax-xmara jew fis-sottobaċin;
- (e) kontaminanti speċifiċi għall-baċini tax-xmajjar.

Madankollu, fejn l-eżerċizzju ta' monitoraġġ tas-sorveljanza preċedenti wera li l-korp ikkonċernat laħaq stat tajjeb u ma hemm l-ebda evidenza mir-rieżami tal-impatt tal-attività tal-bniedem imsemmi fl-Anness II li l-impatti fuq il-korp inbidlu, il-monitoraġġ tas-sorveljanza għandu jittwettaq darba matul il-perjodu kopert minn tliet pjanijiet konsekuttivi ta' mmaniġġjar tal-baċin tax-xmara.";

(10) it-taqsima 1.3.2 hija emendata kif ġej:

- (a) fit-tielet paragrafu, "Selezzjoni ta' siti ta' monitoraġġ", l-ewwel sentenza hija sostitwita b'din li ġejja:

"Għandu jitwettaq monitoraġġ operazzjonali għal dawk il-korpi tal-ilma kollha li, abbażi jew tal-valutazzjoni tal-impatt imwettqa f'konformità mal-Anness II jew inkella tal-monitoraġġ ta' sorveljanza, jiġu identifikati bħala li jinsabu f'riskju li jonqsu milli jilhq u l-objettivi ambjentali tagħhom skont l-Artikolu 4 u għal dawk il-korpi tal-ilma li fihom is-sustanzi ta' prijorità jinħarġu jew jiġu ddepożitati b'mod ieħor jew li fihom il-kontaminanti speċifiċi għall-baċin tax-xmara jinħarġu jew jiġu ddepożitati b'mod ieħor fi kwantitajiet sinifikanti. Il-punti ta' monitoraġġ għandhom jiġu magħżula għal sustanzi prijoritarji kif speċifikat fil-leġislazzjoni li tistabbilixxi l-istandards ta' kwalità ambjentali rilevanti. F'kull każ ieħor, inkluż għas-sustanzi prijoritarji fejn l-ebda gwida speċifikata mhija mogħtija f'tali leġislazzjoni, il-punti ta' monitoraġġ għandhom jiġu magħżula kif ġej:";

- (b) fir-raba' paragrafu, "Selezzjoni ta' elementi ta' kwalità", it-tieni inċiż huwa sostitwit b'dan li ġej:

"– is-sustanzi prijoritarji kollha maħruġa jew iddepożitati b'mod ieħor fil-korpi tal-ilma u l-kontaminanti kollha speċifiċi għall-baċin tax-xmara maħruġa jew iddepożitati b'mod ieħor fil-korpi tal-ilma fi kwantitajiet sinifikanti.";

(11) fit-taqsima 1.3.4, il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Frekwenzi ta' monitoraġġ għandhom jiġu aġġustati, jekk meħtieġ, biex iqisu l-varjabbiltà fil-parametri li jirriżultaw mill-varjazzjoni tal-kundizzjonijiet naturali u kif ukoll dawk antropoġeniċi.

Iż-żminijiet ta' meta jitwettaq monitoraġġ għandhom jiġu magħżula sabiex jiġi kkunsidrat l-impatt tal-varjazzjonijiet staġjonali fl-użu tas-sustanzi jew tal-livelli tal-ilma fuq ir-riżultati tal-monitoraġġ, u b'hekk jiżguraw li r-riżultati jirriflettu b'mod effettiv kwalunkwe bidla fil-korp tal-ilma kkawżata bi pressjoni antropoġenika u b'varjazzjoni klimatika. Fir-rigward ta' sustanzi prijoritarji li l-konċentrazzjoni tagħhom x'aktarx tilħaq l-ogħla livell fuq perjodi qosra bħala riżultat ta' fluttwazzjonijiet staġjonali fl-użu tagħhom, il-monitoraġġ matul dawk il-perjodi l-aktar intensivi għandu jitwettaq f'intervalli iqsar minn dawk għal sustanzi oħra, fejn meħtieġ, biex jiġi żgurat li tinkiseb informazzjoni adegwata dwar il-konċentrazzjoni ta' dawk is-sustanzi.";

(12) fit-taqsima 1.3.4, it-tabella, is-sitt ringiela taħt l-intestatura "Fiżikokimiċi", il-kliem "Kontaminanti oħra" huwa sostitwit bil-kliem "Kontaminanti speċifiċi għall-baċin tax-xmara";

(13) it-taqsima 1.4.1, hija emendata kif ġej:

- (a) fil-punt (vii), titħassar it-tieni sentenza.;
- (b) jitħassar il-punt (viii);

(c) il-punt (ix) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(ix) Ir-riżultati tal-eżerċizzju ta' interkalibrazzjoni u l-valuri stabbiliti għall-klassifikazzjonijiet tas-sistema ta' monitoraġġ tal-Istat Membru f'konformità mal-punti (i) sa (viii) għandhom jiġu ppubblikati fi żmien sitt xhur mill-adozzjoni tal-att ta' implimentazzjoni f'konformità mal-Artikolu 21.";

(14) fit-taqsimha 1.4.2, jiżdied il-punt li ġej:

"(iv) L-Istati Membri jistgħu jipprovdu mapep addizzjonali li jippreżentaw l-informazzjoni dwar il-kwalità ekoloġika għal wieħed jew aktar mill-elementi ta' kwalità li ġejjin separatament:

- Elementi bijoloġiċi;
- Elementi idromorfoloġiċi li jsostnu l-elementi bijoloġiċi;
- Elementi fiżikokimiċi li jsostnu l-elementi bijoloġiċi.

L-Istati Membri jistgħu jipprovdu wkoll mapep jew tabelli li jindikaw il-grad ta' bidla għal dawk l-elementi ta' kwalità meta mqabbel maċ-ċiklu ta' ppjanar preċedenti.";

(15) fit-taqsimha 1.4.3, l-ewwel paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Korp tal-ilma għandu jiġi rreġistrat bħala li jikseb stat kimiku tajjeb meta jkollu stat kimiku tajjeb tal-ilma tal-wiċċ kif definit f' -Artikolu 2(24). Jekk le, il-korp għandu jiġi rreġistrat li naqas milli jikseb status kimiku tajjeb.";

(16) fit-taqsimha 1.4.3, wara t-tabella bi "Klassifikazzjoni tal-istat kimiku" u "Kodiċi tal-kulur" jiddaħħlu l-paragrafi li ġejjin:

"L-Istati Membri jistgħu jipprovdu mapep addizzjonali li jippreżentaw l-informazzjoni dwar l-istat kimiku għal waħda jew aktar mis-sustanzi li ġejjin separatament mill-informazzjoni għall-bqija tas-sustanzi identifikati fil-Parti A tal-Anness I tad-Direttiva 2008/105/KE:

- (a) sustanzi prijoritarji identifikati fil-Parti A tal-Anness I tad-Direttiva 2008/105/KE bħala sustanzi li jaġixxu bħal sustanzi persistenti, bijoakkumulattivi u tossiċi li jinsabu kullimkien (uPBT);
- (b) sustanzi prijoritarji identifikati ġodda fl-aħħar rieżami mwettaq mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 16(2) ta' din id-Direttiva;
- (c) sustanzi prijoritarji li għalihom ġie stabbilit EQS rivedut u aktar strett fl-aħħar rieżami f'konformità mal-Artikolu 16(2) ta' din id-Direttiva;
- (d) sustanzi identifikati bħala kontaminanti speċifiċi għall-baċini tax-xmara skont l-Artikolu 8 tad-Direttiva 2008/105/KE u bbażati fuq il-valutazzjoni tal-pressjonijiet u l-impatti fuq il-korpi tal-ilma tal-wiċċ imwettqa skont l-Anness II ta' din id-Direttiva.

L-Istati Membri jistgħu jippreżentaw il-punt sa fejn tkun waslet kwalunkwe devjazzjoni mill-valur tal-EQS għas-sustanzi imsemmija fil-punti (a) sa (d) tal-ewwel subparagrafu fil-pjanijiet ta' mmaniġġjar tal-baċini tax-xmajjar. L-Istati Membri li jipprovdu tali mapep addizzjonali għandhom ifittxu li jiżguraw l-interkomparabbiltà tagħhom fil-livell ta' baċin ta' xmara u f'dak tal-Unjoni.";

(17) fit-taqsimha 2.2.1, jiżdied il-paragrafu li ġej:

"Fejn in-network ta' monitoraġġ jinvolve metodi ta' osservazzjoni tad-dinja jew telerilevament aktar milli punti lokali tat-tehíd ta' kampjuni, jew tekniki innovattivi oħrajn, għandha ssir referenza għall-istandards CEN, ISO, jew għal standards nazzjonali jew internazzjonali oħrajn li jkunu ġew applikati sabiex jiġi żgurat li d-data temporali u spazjali miksuba tkun affidabbli daqs dik miksuba permezz tal-użu ta' metodi ta' monitoraġġ konvenzjonali fil-punti lokali tat-tehíd ta' kampjuni.";

(18) It-taqsima 2.3.2 hija sostitwita b'dan li ġej:

"2.3.2. Definizzjoni tal-istat kimiku tajjeb tal-ilma ta' taħt l-art

Elementi	Stat tajjeb
Konċentrazzjonijiet ta' kontaminanti	<p>Il-kompożizzjoni kimika tal-korp tal-ilma ta' taħt l-art hija tali li l-konċentrazzjonijiet ta' kontaminanti, kif speċifikat hawn taħt:</p> <ul style="list-style-type: none"> — ma jurux l-effetti tal-intrużjonijiet salini jew ta' intrużjonijiet oħra — ma jaqbżux l-istandards ta' kwalità tal-ilma ta' taħt l-art kif imsemmija fl-Anness I tad-Direttiva 2006/118/KE, il-valuri ta' limitu għall-kontaminanti tal-ilma ta' taħt l-art u l-indikaturi tat-tniġġis stabbiliti skont l-Artikolu 3(1)(b), ta' dik id-Direttiva u l-valuri ta' limitu għall-Unjoni kollha stabbiliti skont l-Artikolu 8(3) ta' dik id-Direttiva — ma jkunux tali li jirriżultaw fin-nuqqas li jintlaħqu l-oġġettivi ambjentali speċifikati taħt l-Artikolu 4 għall-ilmijiet tal-wiċċ assoċjati, lanqas fi kwalunkwe tnaqqis sinifikanti tal-kwalità ekoloġika jew kimika ta' tali korpi u lanqas fi kwalunkwe ħsara sinifikanti fl-ekosistemi terrestri li jiddependu direttament fuq il-korp tal-ilma ta' taħt l-art
Konduttività	Il-bidliet fil-konduttività ma humiex indikattivi ta' intrużjoni salina jew intrużjoni oħra fil-korp tal-ilma ta' taħt l-art

”;

(19) fit-taqsimha 2.4.1, jiżdied il-paragrafu li ġej:

"Fejn in-network ta' monitoraġġ jinvolti l-osservazzjoni tad-dinja jew it-telerilevament aktar milli punti lokali tat-teħid ta' kampjuni, jew tekniki innovattivi oħrajn, għandha ssir referenza għall-istandards CEN, ISO, jew standards nazzjonali jew internazzjonali oħrajn li jkunu ġew applikati sabiex jiġi żgurat li d-data temporali u spazjali miksuba tkun affidabbli daqs dik miksuba permezz tal-użu ta' metodi ta' monitoraġġ konvenzjonali fil-punti lokali tat-teħid ta' kampjuni.";

(20) fit-taqsimha 2.4.3, taħt "monitoraġġ operazzjonali", il-paragrafu dwar il-"Frekwenza ta' monitoraġġ" huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Frekwenza ta' monitoraġġ

Il-monitoraġġ operazzjonali għandu jitwettaq għall-perjodi bejn il-programmi ta' monitoraġġ tas-sorveljanza bi frekwenza suffiċjenti biex jiġu identifikati l-impatti tal-pressjonijiet rilevanti, inkluż, fejn rilevanti, il-varjazzjoni staġjonali fl-użu tas-sustanzi u tal-varjazzjonijiet fuq terminu qasir u twil fir-riforniment li jistgħu jaffettwaw il-parametri tal-istatus kimiku, u bi frekwenza minima ta' darba fis-sena, sakemm ma jkunux ġustifikati intervalli akbar abbażi tal-għarfien tekniku u tal-ġudizzju espert, b'mod partikolari jekk ikun jista' jintwera li matul is-snin suċċessivi, ma tkun għet identifikata l-ebda qabża jew tendenza sostnuta ta' żieda għal parametru partikolari.";

(21) it-taqsima 2.4.5 hija sostitwita b'dan li ġejj:

"2.4.5. Interpretazzjoni u preżentazzjoni tal-istat kimiku tal-ilma ta' taħt l-art

Fil-valutazzjoni tal-istat kimiku tal-ilma ta' taħt l-art, ir-riżultati ta' punti ta' monitoraġġ individwali f'korp tal-ilma ta' taħt l-art għandhom jiġu aggregati għall-korp kollu kemm hu. Il-valur medju tar-riżultati tal-monitoraġġ f'kull punt fil-korp jew il-gruppi ta' korpi tal-ilma ta' taħt l-art għandu jiġi kkalkolat għall-parametri li ġejjin:

- (a) parametri kimiċi li għalihom ġew stabbiliti standards ta' kwalità fl-Anness I tad-Direttiva 2006/118/KE;
- (b) parametri kimiċi li għalihom ġew stabbiliti valuri ta' limitu nazzjonali skont l-Artikolu 3(1)(b) tad-Direttiva 2006/118/KE;
- (c) parametri kimiċi li għalihom ġew stabbiliti valuri ta' limitu għall-Unjoni kollha skont l-Artikolu 8(3) tad-Direttiva 2006/118/KE.

Il-valuri medji msemmija fl-ewwel paragrafu għandhom jintużaw sabiex tintwera l-konformità mal-istat kimiku tajjeb tal-ilma ta' taħt l-art definit b'referenza għall-istandards ta' kwalità u l-valuri ta' limitu msemmija fl-ewwel paragrafu.

Soġġett għat-taqsimha 2.5, l-Istati Membri għandhom jipprovdu mappa tal-istat kimiku tal-ilma ta' taħt l-art, ikkodifikata bil-kuluri kif ġej:

Fqir: aħmar

Tajjeb: aħdar

L-Istati Membri jistgħu jipprovdu mapep addizzjonali li jippreżentaw l-informazzjoni dwar l-istat kimiku għal waħda jew aktar mis-sustanzi li ġejjin separatament mill-informazzjoni għall-bqija tas-sustanzi identifikati fid-Direttiva 2006/118/KE:

- (a) sustanzi identifikati ġodda fl-aħħar rieżami f'konformità mal-Artikolu 8 tad-Direttiva 2006/118/KE;
- (b) sustanzi li għalihom standards ta' kwalità (QS) jew valuri ta' limitu riveduti u aktar stretti huma stabbiliti skont l-Artikolu 8 tad-Direttiva 2006/118/KE.

L-Istati Membri jistgħu jippreżentaw ukoll il-punt sa fejn tkun waslet kwalunkwe devjazzjoni mill-QS jew il-valur ta' limitu għas-sustanzi imsemmija fil-punti (a) u (b) tal-ewwel subparagrafu fil-pjanijiet ta' mmaniġġjar tal-baċin tax-xmara. L-Istati Membri li jipprovdu tali mapep addizzjonali għandhom ifittxu li jiżguraw l-interkomparabbiltà tagħhom fil-livell ta' baċin ta' xmara u dak tal-Unjoni.

L-Istati Membri għandhom jindikaw ukoll, b'tikka sewda fuq il-mappa, dawk il-korpi tal-ilma ta' taħt l-art li huma soġġetti għal tendenza sinifikanti u sostnuta 'l fuq fil-konċentrazzjonijiet ta' kwalunkwe kontaminant li jirriżulta mill-impatt tal-attività umana. It-treġġiġh lura ta' tali tendenza għandu jiġi indikat b'tikka blu fuq il-mappa.

Dawn il-mapep għandhom jiġu inklużi fil-pjanijiet ta' mmaniġġjar tal-baċin tax-xmara."

ANNEX II

L-Annex VIII tad-Direttiva 2000/60/KE huwa emendat kif ġej:

(1) jitħassru l-punti 11 u 12.

(2) jiżdied il-punt li ġej:

"13. Mikroorganiżmi, ġeni jew materjal ġenetiku li jirrifletti l-preżenza ta' mikroorganiżmi reżistenti għall-aġenti antimikrobiċi, b'mod partikolari mikroorganiżmi patoġeniċi għall-bnedmin jew għall-bhejjem."

ANNEX III

L-Anness I tad-Direttiva 2006/118/KE huwa sostitwit b'dan li ġejj:

"ANNEX I

STANDARDS TA' KWALITÀ (QS) GĦALL-KONTAMINANTI TAL-ILMA TA' TAĦT L-ART U L-INDIKATORI TAT-TNIĠĠIS

Meta għal korp determinat ta' ilma ta' taħt l-art, ikun kkunsidrat li l-istandards ta' kwalità tal-ilma ta' taħt l-art jistgħu jwasslu għan-nuqqas ta' kisba tal-objettivi ambjentali speċifikati fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 2000/60/KE għall-korpi ta' ilma tal-wiċċ assoċjati, jew iwasslu għal kwalunkwe deterjorament sinifikanti tal-kwalità ekoloġika jew kimika ta' tali kopri, jew kwalunkwe ħsara sinifikanti għall-ekosistemi terrestri li jiddependu direttament minn dik il-massa ta' ilma ta' taħt l-art, valuri iżjed stretti ta' limitu għandhom jiġu stabbiliti skont l-Artikolu 3 u l-Anness II tad-Direttiva. Sakemm tkun disponibbli metodoloġija affidabbli għall-valutazzjoni tal-preżenza tal-ekosistemi tal-ilma ta' taħt l-art, għandhom jiġu stabbiliti wkoll standards ta' kwalità aktar stretti għall-korpi tal-ilma ta' taħt l-art fejn tali ekosistemi jkunu preżenti, sakemm l-istandards ta' kwalità tal-ilma ta' taħt l-art ma jkunux ġew stabbiliti biex jipproteġu s-saħħa tal-bniedem u jkunu diġà stretti biżżejjed biex jipproteġu dawk l-ekosistemi.

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)
Nru tal-entrata	Isem tas-sustanza	Kategorija ta' sustanzi	Numru CAS ⁽¹⁾	Numru tal-UE ⁽²⁾	Standard tal-kwalità ⁽³⁾ [$\mu\text{g/l}$ sakemm ma jkunx indikat mod ieħor]
1	Nitrati	Nutrijenti	mhux applikabbli	mhux applikabbli	50 mg/l
2	Sustanzi attivi fil-pestiċidi, inkluż il-metaboliti, il-prodotti ta' degradazzjoni u l-prodotti ta' reazzjoni rilevanti tagħhom ⁽⁴⁾	Pestiċidi	mhux applikabbli	mhux applikabbli	0,1 (individwali)
					0.5 (total) ⁽⁵⁾
3	PFAS				
3.1	Għadd totali ta' PFAS	Sustanzi industrijali	Ara n-nota tat-tabella 6	Ara n-nota tat-tabella 6	Il-valur parametrik kif definit fil-Parti B tal-Anness I tad-Direttiva (UE) 2020/2184 ⁽⁶⁾
3.2	Total ta' 4 PFAS ⁽⁷⁾	Sustanzi industrijali	Ara n-nota tat-tabella 7	Ara n-nota tat-tabella 7	0,0044 ⁽⁷⁾

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)
Nru tal-entrata	Isem tas-sustanza	Kategorija ta' sustanzi	Numru CAS ⁽¹⁾	Numru tal-UE ⁽²⁾	Standard tal-kwalità ⁽³⁾ [$\mu\text{g/l}$ sakemm ma jkunx indikat mod ieħor]
4	Karbamażepina	Farmaċewtiċi	298-46-4	mhux applikabbli	2,5 ⁽¹³⁾
5	Sulfametossazol	Farmaċewtiċi	723-46-6	mhux applikabbli	0,1 ⁽¹³⁾
6	Primidon	Farmaċewtiċi	125-33-7		2,5 ⁽¹³⁾
7	Metaboliti mhux rilevanti ta' pestiċidi (nrMs) ⁽⁴⁾	Pestiċidi	mhux applikabbli	mhux applikabbli	1 jew sa 5 ⁽⁹⁾ (individwali) 5 ⁽¹⁰⁾ jew 12,5 ⁽¹¹⁾ (total) ⁽¹²⁾
8	Trikloroetilene u Tetrakloroetilene (total tat-tnejn)	Sustanzi industrijali	79-01-6 u 127-18-4	201-167-4 u 204-825-9	10 (total) ⁽¹⁴⁾

-
- (¹) CAS: Servizz tal-Astratti tal-Kimiċi.
- (²) Numru tal-UE: L-Inventarju Ewropew tas-Sustanzi Kummerċjali Eżistenti (EINECS) jew il-Lista Ewropea ta' Sustanzi Kimiċi Notifikati (ELINCS).
- (³) Dan il-parametru huwa l-QS espress bħala valur medju annwali. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, dan japplika għall-konċentrazzjoni totali tas-sustanzi u l-isomeri kollha.
- (⁴) "Pestiċidi" tfisser prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u prodotti bijoċidali kif imsemmija fl-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 u fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 rispettivament.
Għal dak il-parametru, l-Istati Membri għandhom jimmonitorjaw is-sustanzi attivi preżenti fi prodotti pestiċida użati attwalment jew qabel fit-territorju tagħhom u kwalunkwe sejba li tkun preżenti bħala riżultat ta' tniġġis transfruntier, u l-metaboliti, il-prodotti ta' degradazzjoni u ta' reazzjoni rilevanti u mhux rilevanti tagħhom, filwaqt li, meta disponibbli, jitniżżlu fil-lista li għandha tiġi stabbilita skont l-Artikolu 4(2a) ta' din id-Direttiva. L-Istati Membri jistgħu jjeqfu jimmonitorjaw sustanzi attivi speċifiċi u l-metaboliti tagħhom jekk ma jkunux għadhom qed jintużaw fit-territorju tagħhom, dment li l-monitoraġġ li jkun sar qabel ikun wera b'mod konsistenti li dawk is-sustanzi u l-metaboliti ma jkunux jinsabu fil-korp tal-ilma ta' taħt l-art.
Metaboliti ta' pestiċida għandu jkun meqjus bħala rilevanti jekk ikun hemm raġuni biex jitqies li għandu proprjetajiet intrinziċi li jistgħu jitqabblu ma' dawk tas-sustanza oriġinarja attiva f'termini tat-tossiċità tagħha għall-pestiċida fil-mira jew li minnu nnifsu jew mill-prodotti ttrasformati tiegħu jiġġenera riskju għas-saħħa għall-konsumaturi jew l-ambjent.
- (⁵) "Total" tfisser l-għadd totali tal-pestiċidi individwali kollha skoperti u kkwantifikati fil-proċedura ta' monitoraġġ, inkluż il-metaboliti, il-prodotti ta' degradazzjoni u l-prodotti ta' reazzjoni rilevanti tagħhom.
- (⁶) Dan jirreferi għall-PFAS elenkati fil-punt 3 tal-Parti B tal-Anness III tad-Direttiva (UE) 2020/2184. Il-parametru u l-istandard tal-kwalità għandhom jiġu aġġornati skont l-emendi għal dik id-Direttiva.

- (⁷) Dan jirreferi għall-komposti li ġejjin, elenkati bin-numru CAS tagħhom u n-numru tal-UE: Aċidu perfluworożansulfoniku (PFHxS), (CAS 355-46-4, EU 206-587-1); Aċidu perfluworoottansulfoniku (PFOS) (CAS 1763-23-1, EU 217-179-8); Aċidu perfluworoottanojku (PFOA) (CAS 335-67-1, EU 206-397-9); Aċidu perfluworoanonanojku (PFHxS), (CAS 375-95-1, EU 206-801-3). Għall-għadd totali ta' 4 PFAS, in-numri CAS elenkati jirreferu biss għall-forma protonata tal-PFAS individwali iżda l-għadd totali japplika għall-konċentrazzjoni totali tas-sustanzi dissolti inkluż il-forom protonati u deprotonati u l-isomeri tagħhom lineari u ramifikati.
- (⁹) L-Istati Membri għandhom japplikaw standard ta' kwalità prestabbilit ta' 1 µg/l sakemm ma jipprovdex evidenza affidabbli, inkluż minn testijiet ta' tossiċità akuta u kronika fuq il-grupp tassonomiku mbassar b'kunfidenza li jkun l-aktar sensitiv, li standard bejn wieħed u ieħor strett huwa ġġustifikat, f'liema każ għandhom japplikaw dak l-istandard, sa massimu ta' 5 µg/l.
- (¹⁰) Il-konċentrazzjoni totali ta' nrMs li għalihom japplika l-istandard ta' kwalità prestabbilit ta' 1 µg/l għal nrMs individwali, jew standard aktar strett, ma għandhiex taqbeż 5 µg/l.
- (¹¹) Il-konċentrazzjoni totali ta' nrMs li għalihom japplikaw standards ogħla minn 1 u sa 5 µg/l għal nrMs individwali ma għandhiex taqbeż 12.5 µg/l.
- (¹²) "Total" tfisser l-għadd totali ta' nrMs individwali f'kull kategorija ta' standard ta' kwalità individwali identifikata u kkwantifikata fil-proċedura ta' monitoraġġ, li jenħtieġ li tkopri mill-inqas l-nrMs elenkati f'konformità mal-Artikolu 4 (2a).
- (¹³) Meta tkun disponibbli metodoloġija affidabbli, l-Istati Membri għandhom jivvalutaw il-preżenza ta' ekosistemi tal-ilma ta' taħt l-art f'korpi tal-ilma ta' taħt l-art li l-karatteristiċi tagħhom jistgħu jappoġġaw l-eżistenza tagħhom u jstabbilixxu, jekk tali ekosistemi jkunux preżenti, u f'konformità mal-Artikolu 3(1)(b), valur ta' limitu aktar strett għal din is-sustanza li jkun adegwat biex jipproteġi dawk l-ekosistemi.
- (¹⁴) "Total" tfisser l-għadd totali tal-konċentrazzjonijiet ta' Trikloroetilene u Tetrakloroetilene."

ANNEX IV

L-Anness II tad-Direttiva 2006/118/KE huwa emendat kif ġej:

(1) fil-Parti A, jiddaħħal il-paragrafu li ġej wara l-ewwel paragrafu:

"F'konformità mal-Artikolu 15 tad-Direttiva 2000/60/KE, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar il-valuri ta' limitu għall-pollutanti u l-indikaturi tat-tniġġis.";

(2) fil-Parti B, il-punt 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Sustanzi sintetiċi magħmula mill-bniedem*

Trikloroetilene

Tetrakloroetilen

* inkluż sustanzi sintetiċi b'kontropartijiet naturali identiċi li jistgħu jinsabu fl-ilma ta' taħt l-art, iżda fejn kwalunkwe livell ta' sfond naturali huwa, l-aktar l-aktar, baxx.";

(3) fil-Parti C, it-titolu huwa sostitwit b'dan li ġejj:

"Informazzjoni li għandha tiġi pprovduta mill-Istati Membri fir-rigward tal-pollutanti u l-indikaturi ta' tniġġis li għalihom ikunu ġew stabbiliti valuri ta' limitu mill-Istati Membri";

(4) tizzied il-Parti li ġejja:

"Parti D

Repożitorju ta' valuri ta' limitu armonizzati għas-sustanzi sintetiċi magħmula mill-bniedem* fl-ilma ta' taħt l-art ta' tħassib lokali, reġjonali u nazzjonali

* inkluż sustanzi sintetiċi b'kontropartijiet naturali identiċi li jistgħu jseħħu fl-ilma ta' taħt l-art, iżda fejn kwalunkwe livell ta' sfond naturali huwa, l-aktar l-aktar, baxx.

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)
Nru tal-entrata	Isem tas-sustanza	Kategorija ta' sustanzi	Numru CAS ⁽¹⁾	Numru tal-UE ⁽²⁾	Valur tal-livell limitu [µg/l sakemm ma jkunx indikat mod ieħor]
	Sustanzi attivi farmaċewtiċi individwali ⁽³⁾	Farmaċewtiċi			2,5 ⁽⁴⁾

⁽¹⁾ CAS: Servizz tal-Astratti tal-Kimiċi.

⁽²⁾ Numru tal-UE: L-Inventarju Ewropew tas-Sustanzi Kummerċjali Eżistenti (EINECS) jew il-Lista Ewropea ta' Sustanzi Kimiċi Notifikati (ELINCS).

⁽³⁾ Sustanzi attivi farmaċewtiċi kif definiti fid-Direttiva 2001/83/KE u r-Regolament (UE) 2019/6.

⁽⁴⁾ L-Istati Membri għandhom japplikaw dan il-valur ta' limitu dment li ma jkunx ġie stabbilit b'mod speċifiku standard jew valur ta' limitu għas-sustanza kkonċernata fil-livell tal-Unjoni jew f'dak nazzjonali kemm għall-ilma tal-wiċċ kif ukoll għall-ilma ta' taħt l-art. Meta tkun disponibbli metodoloġija affidabbli, l-Istati Membri għandhom jivvalutaw il-preżenza ta' ekosistemi tal-ilma ta' taħt l-art f'korpi tal-ilma ta' taħt l-art li l-karatteristiċi tagħhom jistgħu jappoġġaw l-eżistenza tagħhom u jstabbilixxu, jekk tali ekosistemi jkunux preżenti, u f'konformità mal-Artikolu 3(1)(b), valur ta' limitu aktar strett jekk meħtieġ biex jiproteġi dawk l-ekosistemi."

ANNEX V

L-Anness li ġej jiżdied fid-Direttiva 2006/118/KE

"ANNEX V

SUSTANZI SOĠĠETTI GĦAL RIEŻAMI GĦALL-INKLUŻJONI POSSIBBLI FL-ANNEX I
BI STANDARD TA' KWALITÀ TAL-ILMA TA' TAĦT L-ART GĦALL-UNJONI KOLLHA

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)
Nru tal-entrata	Isem tas-sustanza	Kategorija ta' sustanzi	Numru CAS ⁽¹⁾	Numru tal-UE ⁽²⁾	Valur tal-livell limitu [µg/l sakemm ma jkunx indikat mod ieħor]
	Għadd totali ta' farmaċewtiċi maġżula skont il-mod ta' azzjoni	Farmaċewtiċi			
	L-għadd totali ta' bisfenoli	Sustanzi industrijali			

⁽¹⁾ CAS: Servizz tal-Astratti tal-Kimiċi.

⁽²⁾ Numru tal-UE: L-Inventarju Ewropew tas-Sustanzi Kummerċjali Eżistenti (EINECS) jew il-Lista Ewropea ta' Sustanzi Kimiċi Notifikati (ELINCS).".

ANNEX VI

L-Annex I tad-Direttiva 2008/105/KE huwa emendat kif ġej:

(1) it-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"STANDARDS TA' KWALITÀ AMBJENTALI (EQS) GĦAL SUSTANZI TA'
PRIJORITÀ FL-ILMIJET TAL-WIĊĊ";

(2) il-Parti A hija sostitwita b'din li ġejja:

"PARTI A: STANDARDS TAL-KWALITÀ AMBJENTALI

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)	(7)	(8)	(9)	(10)	(11)	(12)	(13)
Nru tal-entrata	Isem tas-sustanza	Kategorija ta' sustanzi	Numru CAS ⁽¹⁾	Numru tal-UE ⁽²⁾	AA-EQS ⁽³⁾ Ilmijiet tal-wiċċ interni ⁽⁴⁾ [µg/l]	AA-EQS ⁽³⁾ Ilmijiet tal-wiċċ oħrajn [µg/l]	MAC-EQS ⁽⁵⁾ Ilmijiet tal-wiċċ interni ⁽⁴⁾ [µg/l]	MAC-EQS ⁽⁵⁾ Ilmijiet tal-wiċċ oħrajn [µg/l]	EQS Bijota ⁽⁶⁾ [µg/kg ta' piż niedi] jew EQS tas-Sediment [µg/kg ta' piż xott] fejn indikat hekk	Identifikata bħala sustanza ta' perikoluża ta' prijorità	Identifikata bħala sustanza Persistenti, Bijoakkumulattiva u Tossika li tinsab kullimkien (uPBT)	Identifikata bħala sustanza li għandha tendenza li takkumula fis-sediment u/jew fil-bijota
(1)	Is-sustanza Alaklor tmexxiet għall-Parti C tal-Anness II											
(2)	Antraċina	Sustanzi industrijali	120-12-7	204-371-1	0,1	0,1	0,1	0,1		X		X

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)	(7)	(8)	(9)	(10)	(11)	(12)	(13)
Nru tal-entrata	Isem tas-sustanza	Kategorija ta' sustanzi	Numru CAS ⁽¹⁾	Numru tal-UE ⁽²⁾	AA-EQS ⁽³⁾ Ilmijiet tal-wiċċ interni ⁽⁴⁾ [µg/l]	AA-EQS ⁽³⁾ Ilmijiet tal-wiċċ oħrajn [µg/l]	MAC-EQS ⁽⁵⁾ Ilmijiet tal-wiċċ interni ⁽⁴⁾ [µg/l]	MAC-EQS ⁽⁵⁾ Ilmijiet tal-wiċċ oħrajn [µg/l]	EQS Bijota ⁽⁶⁾ [µg/kg ta' piż niedi] jew EQS tas-Sediment [µg/kg ta' piż xott] fejn indikat hekk	Identifikata bħala sustanza perikoluża ta' prijorità	Identifikata bħala sustanza Persistenti, Bijoakkumulattiva u Tossika li tinsab kullimkien (uPBT)	Identifikata bħala sustanza li għandha tendenza li takkumula fis-sediment u/jew fil-bijota
(3)	Is-sustanza Atrażina tmexxiet għall-Parti C tal-Anness II											
(4)	Benżen	Sustanzi industrijali	71-43-2	200-753-7	10	8	50	50				
(5)	Eteri tad-difenil bromurati ⁽⁷⁾	Sustanzi industrijali	mħux applikabbli	mħux applikabbli			0,14	0,014 ⁽⁷⁾	0,00028 ⁽⁷⁾	X ⁽⁸⁾	X	X

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)	(7)	(8)	(9)	(10)	(11)	(12)	(13)
Nru tal-entrata	Isem tas-sustanza	Kategorija ta' sustanzi	Numru CAS ⁽¹⁾	Numru tal-UE ⁽²⁾	AA-EQS ⁽³⁾ Ilmijiet tal-wiċċ interni ⁽⁴⁾ [µg/l]	AA-EQS ⁽³⁾ Ilmijiet tal-wiċċ oħrajn [µg/l]	MAC-EQS ⁽⁵⁾ Ilmijiet tal-wiċċ interni ⁽⁴⁾ [µg/l]	MAC-EQS ⁽⁵⁾ Ilmijiet tal-wiċċ oħrajn [µg/l]	EQS Bijota ⁽⁶⁾ [µg/kg ta' piż niedi] jew EQS tas-Sediment [µg/kg ta' piż xott] fejn indikat hekk	Identifikata bħala sustanza perikoluża ta' prijorità	Identifikata bħala sustanza Persistenti, Bijoakkumulattiva u Tossika li tinsab kullimkien (uPBT)	Identifikata bħala sustanza li għandha tendenza li takkumula fis-sediment u/jew fil-bijota
(6)	Kadmju u l-komposti tiegħu (skont il-klassijiet tal-ebusija tal-ilma) ⁽⁹⁾	Metalli	7440-43-9	231-152-8	≤ 0,08 (Klassi 1) 0,08 (Klassi 2) 0,09 (Klassi 3) 0,15 (Klassi 4) 0,25 (Klassi 5)	0,2	≤ 0,45 (Klassi 1) 0,45 (Klassi 2) 0,6 (Klassi 3) 0,9 (Klassi 4) 1,5 (Klassi 5)	≤ 0,45 (Klassi 1) 0,45 (Klassi 2) 0,6 (Klassi 3) 0,9 (Klassi 4) 1,5 (Klassi 5)		X		X
(6a)	Is-sustanza Tetraklorur tal-karbonju tmexxiet għall-Parti C tal-Anness II											

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)	(7)	(8)	(9)	(10)	(11)	(12)	(13)
Nru tal-entrata	Isem tas-sustanza	Kategorija ta' sustanzi	Numru CAS ⁽¹⁾	Numru tal-UE ⁽²⁾	AA-EQS ⁽³⁾ Ilmijiet tal-wiċċ interni ⁽⁴⁾ [µg/l]	AA-EQS ⁽³⁾ Ilmijiet tal-wiċċ oħrajn [µg/l]	MAC-EQS ⁽⁵⁾ Ilmijiet tal-wiċċ interni ⁽⁴⁾ [µg/l]	MAC-EQS ⁽⁵⁾ Ilmijiet tal-wiċċ oħrajn [µg/l]	EQS Bijota ⁽⁶⁾ [µg/kg ta' piż niedi] jew EQS tas-Sediment [µg/kg ta' piż xott] fejn indikat hekk	Identifikata bħala sustanza perikoluża ta' prijorità	Identifikata bħala sustanza Persistenti, Bijoakkumulattiva u Tossika li tinsab kullimkien (uPBT)	Identifikata bħala sustanza li għandha tendenza li takkumula fis-sediment u/jew fil-bijota
(7)	C ₁₀₋₁₃ Kloroalkani ⁽¹⁰⁾	Sustanzi industrijali	85535-84-8	287-476-5	0,4	0,4	1,4	1,4		X		X
(8)	Is-sustanza Klorfenvinfos tmexxiet għall-Parti C tal-Anness II											
(9)	Klorpirifos (Klorpirifos-etil)	Pestiċidi - organofosfat	2921-88-2	220-864-4	4,6 × 10 ⁻⁴	4,6 × 10 ⁻⁵	0,0026	5,2 × 10 ⁻⁴		X	X	X

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)	(7)	(8)	(9)	(10)	(11)	(12)	(13)
Nru tal-entrata	Isem tas-sustanza	Kategorija ta' sustanzi	Numru CAS ⁽¹⁾	Numru tal-UE ⁽²⁾	AA-EQS ⁽³⁾ Ilmijiet tal-wiċċ interni ⁽⁴⁾ [µg/l]	AA-EQS ⁽³⁾ Ilmijiet tal-wiċċ oħrajn [µg/l]	MAC-EQS ⁽⁵⁾ Ilmijiet tal-wiċċ interni ⁽⁴⁾ [µg/l]	MAC-EQS ⁽⁵⁾ Ilmijiet tal-wiċċ oħrajn [µg/l]	EQS Bijota ⁽⁶⁾ [µg/kg ta' piż niedi] jew EQS tas-Sediment [µg/kg ta' piż xott] fejn indikat hekk	Identifikata bħala sustanza perikoluża ta' prijorità	Identifikata bħala sustanza Persistenti, Bijoakkumulattiva u Tossika li tinsab kullimkien (uPBT)	Identifikata bħala sustanza li għandha tendenza li takkumula fis-sediment u/jew fil-bijota
(9a)	Pestiċidi miċ-ċiklodien: Aldrin Dieldrin Endrin Isodrin	Pestiċidi - organokloru	309-00-2 60-57-1 72-20-8 465-73-6	206-215-8 200-484-5 200-775-7 207-366-2	Σ = 0,01	Σ = 0,005	mhux applikabbli	mhux applikabbli		X		
(9b)	Total tad-DDT ⁽¹⁾	Pestiċidi - organokloru	mhux applikabbli	mhux applikabbli	0,025	0,025	mhux applikabbli	mhux applikabbli		X		
	para-para-DDT		50-29-3	200-024-3	0,01	0,01	mhux applikabbli	mhux applikabbli		X		

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)	(7)	(8)	(9)	(10)	(11)	(12)	(13)
Nru tal-entrata	Isem tas-sustanza	Kategorija ta' sustanzi	Numru CAS ⁽¹⁾	Numru tal-UE ⁽²⁾	AA-EQS ⁽³⁾ Ilmijiet tal-wiċċ interni ⁽⁴⁾ [µg/l]	AA-EQS ⁽³⁾ Ilmijiet tal-wiċċ oħrajn [µg/l]	MAC-EQS ⁽⁵⁾ Ilmijiet tal-wiċċ interni ⁽⁴⁾ [µg/l]	MAC-EQS ⁽⁵⁾ Ilmijiet tal-wiċċ oħrajn [µg/l]	EQS Bijota ⁽⁶⁾ [µg/kg ta' piż niedi] jew EQS tas-Sediment [µg/kg ta' piż xott] fejn indikat hekk	Identifikata bħala sustanza perikoluża ta' prijorità	Identifikata bħala sustanza Persistenti, Bijoakkumulattiva u Tossika li tinsab kullimkien (uPBT)	Identifikata bħala sustanza li għandha tendenza li takkumula fis-sediment u/jew fil-bijota
(10)	1,2-dikloroetan	Sustanzi industrijali	107-06-2	203-458-1	10	10	mhux applikabbli	mhux applikabbli		X		
(11)	Diklorometan	Sustanzi industrijali	75-09-2	200-838-9	20	20	mhux applikabbli	mhux applikabbli				
(12)	Di(2-etileżil)-ftalat (DEHP)	Sustanzi industrijali	117-81-7	204-211-0	1,3	1,3	mhux applikabbli	mhux applikabbli		X		X
(13)	Djuron	Pestiċidi - erbiċida	330-54-1	206-354-4	0,049	0,0049	0,27	0,054				

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)	(7)	(8)	(9)	(10)	(11)	(12)	(13)
Nru tal-entrata	Isem tas-sustanza	Kategorija ta' sustanzi	Numru CAS ⁽¹⁾	Numru tal-UE ⁽²⁾	AA-EQS ⁽³⁾ Ilmijiet tal-wiċċ interni ⁽⁴⁾ [µg/l]	AA-EQS ⁽³⁾ Ilmijiet tal-wiċċ oħrajn [µg/l]	MAC-EQS ⁽⁵⁾ Ilmijiet tal-wiċċ interni ⁽⁴⁾ [µg/l]	MAC-EQS ⁽⁵⁾ Ilmijiet tal-wiċċ oħrajn [µg/l]	EQS Bijota ⁽⁶⁾ [µg/kg ta' piż niedi] jew EQS tas-Sediment [µg/kg ta' piż xott] fejn indikat hekk	Identifikata bħala sustanza perikoluża ta' prijorità	Identifikata bħala sustanza Persistenti, Bijoakkumulattiva u Tossika li tinsab kullimkien (uPBT)	Identifikata bħala sustanza li għandha tendenza li takkumula fis-sediment u/jew fil-bijota
